**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

**Seduta Nru 205**
**L-Erbgħa, 7 ta' Frar, 2024**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 205**
**L-Erbgħa, 7 ta' Frar, 2024**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 205**

**L-Erbgħa, 7 ta' Frar, 2024**

## WERREJ


MINUTI ... 256

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA ... 256

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ... 256

TQEGĦID TA' KARTI ... 262

KUMITATI PERMANENTI ... 262

PERMESS TAL-KAMRA ... 262

MOZZJONIJIET

ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUNSILL TAL-MALTIN LI JGĦIXU BARRA (L-Ewwel Qari) ... 263

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA (It-Tieni Qari, Kont.) CLIMATE ACTION BILL (Second Reading, Cont.) ... 263

MERĦBA MILL-ISPEAKER ... 266

ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA (It-Tieni Qari, Kont.) CLIMATE ACTION BILL (Second Reading, Cont.) ... 267

PERMESS TAL-KAMRA ... 282

MOZZJONIJIET

ESTIMI TAL-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA GĦAS-SNIN 2022, 2023 U 2024 ... 282

AĠĠORNAMENT ... 283

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ... 287

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 204, li saret fis-6 ta' Frar 2024 ġew ikkonfermati.*

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Stanley Zammit fil-Konferenza Interparlamentari dwar Urban Policies fl-Unjoni Ewropea li nżammet fi Brussell bejn il-21 u t-22 ta' Jannar 2024.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

**DIVING STRATEGY – TNEDIJA TA' ENTITÀ**

**13702. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR (f'isem l-Onor. Ivan Bartolo)** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tax-xogħol li sar sabiex titwaqqaf l-entità msemmija fid-Diving Strategy imnedija fl-2022 li tieħu ħsieb is-siti tal-għads? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi data meta din mistennija tiġi mnedija?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Diving Strategy imsemmija ma taqax taħt ir-responsabbiltà ta' dan il-Ministeru.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, jista' l-Ministru jgħid kif il-Common Agricultural Policy (CAP), li ġiet ippubblikata bejn is-sena 2023 u s-sena 2027, jista' jibbenifika minnha pajjiżna?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Anton Refalo.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, ippermettili qabel nirrispondi l-mistoqsija nixtieq nagħmel punt. L-ewwel nett irrid nirringrazzja lill-bdiewa u r-raħħala għax-xogħol kbir li jagħmlu f'dan is-settur. Irrid ukoll infaħħarhom għall-mod kif għamlu l-protesta tagħhom, fejn wasslu l-messaġġ tagħhom b'mod ċivili u ngħidilhom grazzi tal-mod kif imxew f'dik il-protesta.

Nixtieq nagħmel punt ċar. Aħna meta mmorru fil-Kunsill Ewropew dejjem nimxu fl-interess tal-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin għar-rigward tal-proposti tal-Kummissjoni. Dejjem dak kien l-ispirtu li bih aħna mexxejna n-negozjati.

Nixtieq nagħmel żewġ punti li naħseb li huma importanti. L-ewwel nett irrid insemmi l-punt tal-pagamenti diretti. Aħna, bħala Malta, fin-negozjati li għamilna mal-Unjoni Ewropea għal dan il-CAP ġdid li jibda bejn l-2023 sal-2027,

irnexxielna nġibu f'pagamenti diretti €43 miljun għal dawn il-ħames snin, jiġifieri d-doppju ta' li konna ġibna qabel għaliex il-CAP l-antik kien ta' €22 miljun.

Fin-negozjati li għamilna mal-Unjoni Ewropea rnexxielna wkoll inġibu derogi importanti, il-GAEC 8 u GAEC 9, li jagħtu eżenzjoni lil dawk il-bdiewa u r-raħħala li ma jkollhomx għaxar ettari ta' art, u ċjoè 100 tomna, li jħallu persentaġġ mir-raba' tagħhom li ma tinħadimx. Jiġifieri aħna dejjem, anke fuq il-kuxjenza tiegħi, imxejna u dejjem għamilna n-negozjati kollha favur il-bdiewa u r-raħħala ta' pajjiżna.

Niġi issa għat-tweġiba lill-Onor. De Giovanni. Taħt dan il-CAP il-ġdid aħna akkwistajna ħafna, tant li l-ġimgħa l-oħra meta kien hawn il-Kummissarju Ewropew għall-Agrikoltura qal li Malta għal kull ras kienet l-iktar Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li akkwista fondi, sussidji u għajnuna għall-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin.

Il-CAP il-ġdid żdied b'mhux inqas minn 38% minn dak li kien hemm qabel. Inżid ngħid li b'negozjati li għamilna, u domna sejrin żmien, għal darb'oħra għal dan il-perjodu l-ġdid taħt dan il-CAP dan il-Gvern irnexxielu jerġa' japplika għal pajjiżna għall-voluntary income support, jiġifieri l-bdiewa tagħna għandhom il-pagamenti diretti għat-tadam u l-ħalib.

Irrid ngħid ukoll li aħna ġġelidna u ġibna d-definizzjoni tar-rural areas b'mod li taqbel għalina bħala Malta u Għawdex. Peress li aħna pajjiż żgħir, jekk tagħmel distinzjoni bejn żoni urbani u rurali jkollna problema u għalhekk għamilnieha li Malta u Għawdex huma żona rurali kollha kemm huma. Għamilna wkoll lil Malta u lil Għawdex bħala pajjiż ta' specific constraint biex ilkoll ikunu jistgħu jieħdu l-benefiċċji li għandhom bżonn.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, ftit tal-ġranet ilu jien, bħala kelliem għall-koperattivi, flimkien max-shadow Minister Toni Bezzina, iltqajna mal-Koperattiva tas-Sajjieda, fejn kellna laqgħa tajba ħafna u minkejja li mill-Oppożizzjoni, tkellimna magħhom ukoll dwar kif jistgħu jmexxu b'iktar faċilità l-operat tagħhom. Irriżulta wkoll li hemm ammonti ta' fondi Ewropej li dawn il-koperattivi, fosthom il-Koperattiva tal-Bdiewa u l-Koperattiva tas-Sajjieda, minħabba nuqqas ta' riżorsi, fost affarijiet oħrajn, jaqtgħu qalbhom biex japplikaw għalihom.

Jista' l-Ministru jgħid jekk jikkonsidrax li dawn il-koperattivi jkunu jistgħu japplikaw u jibbenefikaw minn skema li permezz tagħha koperattivi jew entitajiet oħrajn jistgħu japplikaw għal secondment ta' ħaddiema mal-Gvern biex ikunu jistgħu jaħdmu magħhom? Din hija xi ħaġa li diġà teżisti f'entitajiet kif ukoll f'NGOs f'pajjiżna.

F'isem l-Oppożizzjoni nistaqsi jekk hux possibbli li din l-iskema tiġi kkonsidrata fil-livell ta' koperattivi wkoll. Ma nafx jekk hux qed jifhimni l-Ministru, jiġifieri jidentifikaw ħaddiem huma, li huwa impjegat mal-Gvern u allura diġà qiegħed fuq il-payroll tal-Gvern, u dan jiġi sekondat mal-koperattiva, ovvjament fuq skali li tippermetti wkoll din l-iskema. Dawn il-koperattivi ma kinux informati dwar dan u qed nieħu din l-okkażjoni biex nitlob lill-Ministru biex din il-possibbiltà tiġi kkonsidrata. Hekk il-Gvern ikun qed jgħin ukoll permezz ta' dan is-secondment lill-koperattivi tal-bdiewa u s-sajjieda.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. ANTON REFALO:** Bla dubju, jien u s-Segretarju Parlamentari rridu sajd li jkun sostenibbli u kif erġajna tajna s-sussidju fuq il-fuel irridu nagħtu wkoll għajnuna lis-sajjieda għaliex aħna rridu ngħinu lil dan is-settur. Il-problema li nara jien f'dan is-settur hi li hemm koperattiva waħda biss, u din ma naħsibx li tagħmel ġid lis-settur. Nappella li jkun hemm iktar koperattivi tas-sajjieda, mhux waħda biss, li jitkellmu għas-sajjieda kollha għaliex hemm bżonn id-djalogu, imbagħad naraw kif nimxu 'l quddiem. Jien smajt b'attenzjoni l-proposta tal-Onor. Interpellant, se nikkonsidrawha u żgur li jekk hi tajba u li tista' ssir, aħna ma nsibux diffikultà li nagħmluha għall-ġid ta' dan is-settur, bħalma għamilna b'ħafna miżuri oħrajn.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Sur President, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar is-sitwazzjoni tal-fuel għall-bdiewa u r-raħħala Maltin?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, ilbieraħ wara l-istqarrija ministerjali tal-Prim Ministru l-Kap tal-Oppożizzjoni qal li fil-fehma tiegħu, il-fuel għandu jingħata lill-bdiewa u r-raħħala. Apparti l-fatt li l-fossil fuel irid jinqata' mill-Unjoni Ewropea, aħna bħala Gvern qegħdin nagħtu għajnuna mhux fi fuel li jagħmel ħsara lill-ambjent, imma qegħdin nagħtuhom għajnuna differenti.

L-għajnuna li qed nagħtu lill-bdiewa u r-raħħala tittratta sorsi ta' enerġija alternattiva, bħall-PVCs. Jien għamilt ftit riċerka u rriżultali li diġà tajna mhux inqas minn €240,000 f'għajnuna lill-bdiewa u r-raħħala tagħna permezz tal-ARPA għal investimenti ta' BV panels u solar water heaters. Hemmhekk qegħdin naraw li għandek mezzi ta' enerġija alternattiva. Ma rridx ninsa ngħid ukoll li l-fuel f'Malta huwa irħas minn ta' pajjiżi oħrajn u għalhekk huwa irħas għas-settur kollu u għall-poplu Malti u Għawdxi.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Albert Buttigieg, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ALBERT BUTTIGIEG:** Sur President, jista' l-Ministru jagħtina indikazzjoni ta' meta se jerġa' jiftaħ l-isptar tal-annimali għal dawk l-annimali li jkollhom bżonn intervent ta' emerġenza, fid-dawl li issa ilu magħluq għal diversi xhur?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. ANTON REFALO:** Kif jaf kulħadd, dan huwa sptar li sal-lum kien immexxi mill-privat b'konċessjoni enfitewtika bejn il-Gvern u l-privat. Il-privat għandu l-obbligi tiegħu u aħna konxji li hemm bżonn li dan l-uniku sptar tal-annimali li jeżisti f'Malta jerġa' jinfetaħ. Għaddejjin b'negozjati mal-enfitewta fuq dan l-isptar, u qegħdin naraw x'jista' jsir. Dan il-Gvern qed jieħu l-passi u jagħmel in-negozjati meħtieġa biex naraw kif dan l-isptar ikun jista' jerġa' jinfetaħ u jibda jopera. Irrid ngħid li mexjin fin-negozjati u, jekk Alla jrid, u dejjem jekk in-negozjati jirnexxu, jerġa' jkollna sptar tal-annimali li jerġa' jinfetaħ u jkun qiegħed hemmhekk għall-benesseri tal-annimali.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, jista' l-Ministru jagħtina informazzjoni fuq il-Pjan ta' Kontinġenza tal-Unjoni Ewropea, speċjalment fejn jidħol l-għargħar jew ħruq?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, dan l-aħħar, kif jaf kulħadd, kellna diversi problemi fl-Unjoni Ewropea, fosthom il-problema tal-Ukrajna u issa l-problema fil-Lvant Nofsani. Kien hemm is-solidarity lanes, li aħna ridniehom jibqgħu miftuħin, però rrid ngħid li kwalunkwe miżura li għamlet l-Unjoni Ewropea, fosthom il-Crisis Intervention Fund u l-Crisis Reserve, ma kinitx attrezzata u ma saritx fil-waqt biex setgħet tilqa' għall-kriżi li jkun hemm. Pereżempju jien mort il-Greċja, fejn ukoll kien hemm kriżi kbira ta' għargħar. Għalhekk ħassejna li hemm bżonn li l-Unjoni Ewropea tuża metodi oħrajn li huma iktar effikaċi.

Irrid ngħid ukoll li disa' pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea u li qegħdin fil-Mediterran ngħaqadna fil-EuroMed 9, fejn hemmhekk qegħdin niddiskutu biex nieħdu pożizzjoni komuni u naraw kif din il-pożizzjoni li nieħdu bejnietna d-disa' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea nistgħu mmexxuha 'l quddiem fil-Kunsill.

Ukoll, aħna bħala Stat Membru fl-Unjoni Ewropea lqajna u qegħdin nabbraċċjaw il-proposta li qegħdin jagħmlu l-Kroazja u s-Slovenja, fejn qegħdin jipproponu li jkun hemm financial support mechanism *ad hoc* u fih ikun hemm 2% tal-envelope nazzjonali ta' kull stat ħalli hekk kif ikun hemm kriżi, dak l-istat membru awtomatikament ikun jista' jonfoq dawn it-2% minn dan l-envelope. Naħseb din hija soluzzjoni tajba li tilqa' għall-eventwalità ta' kull kriżi li kull stat membru fl-Unjoni Ewropea jista' jiltaqa' magħha.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Toni Bezzina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, nixtieq nagħmel mistoqsija lill-Ministru dwar il-pakkett ta' €43 miljun li se jintefaq għall-agrikoltura. Jalla mhux €43 miljun imma mqar ikunu €86 miljun, id-doppju, għax hi xi ħaġa sabiħa li jkun hemm pakkett qawwi favur l-agrikoltura!

Jista' l-Ministru jgħid kif dan il-pakkett se jinqasam bħala fondi li se jingħataw lill-bdiewa u lir-raħħala? Jista' jagħti garanzija li dawn il-flus kollha se jmorru verament għall-għajnuna lill-bdiewa u lir-raħħala? Jista' jgħid huwiex minnu jew le li kien hemm xi fondi li suppost intefqu fl-agrikoltura però dan ma kienx sar u jekk l-Unjoni Ewropea hux qed tinvestiga dwar dan?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, dwar l-aħħar parti tal-mistoqsija rrid ngħid li m'iniex konxju ta' dak li qal l-Onor. Interpellant. Għaldaqstant jekk għandu xi informazzjoni, nistiednu jgħaddihieli.

Dwar il-pagamenti diretti, dawn huma pagamenti li l-bidwi u r-raħħal l-iktar li jkollu bżonn għaliex hekk qed tagħtih pagamenti li ma jkunux marbutin ma' miżuri ambjentali jew ma' ekoskemi. Aħna, bħala Malta, innegozjajna mal-Unjoni Ewropea u ħaġa importanti li ġrat f'dan il-CAP il-ġdid hija l-flessibbiltà bejn iż-żewġ pilastri. Jiġifieri llum għandna benefiċċju li minn pilastru B, li huma fondi rurali, nistgħu nittrasferixxuhom u nitfgħuhom taħt pilastru wieħed, li huma l-pagamenti diretti.

Mela minbarra l-voluntary income support, li għal darb'oħra erġajna ġibnieha f'dan il-CAP ġdid, għandna wkoll ix-shifting tal-pilastri li minnhom imbagħad trid tuża 20% għall-ekoskemi. Però l-fatt li għandek din il-flessibbiltà kbira li qabel ma kenitx teżisti, hemmhekk qed tagħti solljev importanti ħafna u benefiċċju lill-bdiewa u r-raħħala.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Sur President, fit-18 ta' Settembru, 2023 ġie approvat u ppubblikat il-Pjan Nazzjonali għall-Ikel Organiku. Jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar x'sar minn dan il-pjan u xi żviluppi kien hemm?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, Malta hija marbuta li sas-sena 2030, 5% tat-territorju Malti u Għawdxi jkun għall-biedja organika. Hija mira ambizzjuża ħafna għaliex kif jaf kulħadd, aħna għandna biċċiet żgħar ta' art, ir-raħħala tagħna m'għandhomx biċċiet ta' art magħhom fejn il-bhejjem jistgħu jirgħu, u għalhekk għandek problema kbira li tagħmel 5% tat-territorju Malti u Għawdxi li jkun organiku.

Huwa importanti wkoll li jkollna l-biedja organika għaliex li jkollok prodott organiku huwa tajjeb kemm għall-bijodiversità u għall-ambjent, kif ukoll għall-konsumatur. Min-naħa l-oħra, il-bdiewa tagħna qegħdin isibuha ftit diffiċli biex jaqilbu għall-biedja organika. Aħna bħala Gvern impenjati bis-serjetà biex dan il-proġett immexxuh 'il quddiem u l-mira ambjentali ta' 5% nilħquha. Imxejna billi fassalna pjan ta' monitoraġġ importanti biex naraw kif nistgħu nimxu 'l quddiem u sa Ġunju ta' din is-sena se jkollna l-ewwel rapportaġġ dwaru.

Għal Settembru ta' din is-sena organizzajna attività promozzjonali mmirata lejn il-produtturi taż-żebbuġ u minn hemmhekk aħna mexjin 'il quddiem biex naraw li nagħmlu pjan nazzjonali.

F'Ottubru tas-sena li għaddiet organizzajna workshop għall-istakeholders li jagħmlu parti mill-katina tal-ikel biex jiġi diskuss u jitħaddem il-Pjan Nazzjonali għall-Ikel Organiku. Irrid ngħid li dan mhuwiex faċli. Waħda mix-xewqat tiegħi hi li Għawdex kollu jinħadem għall-biedja organika, imma għandek problemi kbar biex ikun organiku peress li l-biċċiet tal-art tagħna huma żgħar. Imbagħad għandek wieħed li juża l-pestiċidi. Bħalma jaf kulħadd ukoll, trid tagħmel tliet snin ma tagħmel xejn fl-art tiegħek biex tkun tista' tieħu ċertifikazzjoni, imma hemm problemi kbar tenut kont iċ-ċokon tal-gżejjer Maltin.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Rebekah Borg, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Sur President, jista' l-Ministru jagħtina aġġornament fuq iċ-ċimiterju tal-annimali? Permezz ta' mistoqsija parlamentari oħra kien weġibni li kien hemm xi problemi mal-kuntrattur u li x-xogħol kellu jitlesta s-sena l-oħra imma kien hemm xi dewmien. Jista', jekk jogħġbu, jgħid jekk il-kuntrattur hux se jinbidel jew jekk ix-xogħol hux se jkompli?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, kif jgħid l-Ingliż, if you pay peanuts you get monkeys! U naħseb li din hija l-isfortuna tal-

Gvern, li meta joħroġ tender imur dejjem għall-irħas prezz. U kif jiġri f'ħafna każijiet, inti tieħu l-irħas prezz però mbagħad issib li jkollok kuntrattur li ma jwettaqx l-obbligi tiegħu. Imbagħad trid tmur il-qorti biex b'xi mod tesegwixxi, bil-konsegwenza li jgħaddi ż-żmien u dak li trid tagħmel ma tagħmlux.

Kif qalet tajjeb l-Onor. Interpellant, kellna problemi mal-kuntrattur għaliex ma wasalx fejn kellu jasal. Issa jekk Alla jrid mexjin 'il quddiem biex dan iċ-ċimiterju nagħtuh xejra oħra importanti, li ma jkunx sempliċement post fejn inti titfa' l-fdalijiet tal-annimali imma nagħmluh post fejn wieħed ikun jista' jmur jagħmel lapida jew tifkira tal-annimal li tant ikun iħobb. U dan grazzi wkoll għax-xogħol u l-ħidma tas-Segretarju Parlamentari.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, ilbieraħ il-Prim Ministru għamel stqarrija ministerjali u qalilna fuq il-laqgħat li kellu fil-Kunsill Ewropew. Hu qalilna li se nibqgħu nkunu ta' spalla għall-bdiewa u r-raħħala. Jista' l-Ministru, jekk jogħġbu, jgħidilna dwar il-pagamenti diretti li qed jirċievu l-bdiewa u r-raħħala bħala sostenn min-naħa tal-Gvern?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, kif diġà spjegajt meta kont qed nitkellem dwar il-pagamenti diretti, taħt dan il-CAP il-ġdid għandna €43 miljun x'nagħtuhom lill-bdiewa u lir-raħħala, meta taħt il-CAP l-antik kien hemm biss €22 miljun.

Kif qal tajjeb ukoll il-Prim Ministru, aħna dejjem imxejna spalla ma' spalla mal-bdiewa u r-raħħala ta' pajjiżna. Konna spalla ma' spalla magħhom waqt il-pandemija u għamilna settur li kien reżiljenti u baqa' miftuħ, baqa' jaħdem u bqajna noffru l-prodott tagħna. U hekk se nkomplu nagħmlu. Dan is-settur iltaqa' ma' diversi mewġ, bħalma diġà spjegajt, fosthom il-gwerra fl-Ukrajna li ħarbtet il-pjanijiet kollha għal dan is-settur, u issa hemm problemi kbar bil-gwerra li għaddejja f'Gaża. Din ukoll għandha impatt kbir li qiegħed jaffettwa l-bdiewa u r-raħħala tagħna.

Biex inwieġeb il-mistoqsija rrid ngħid li l-iktar ħaġa importanti li għamilna hija l-Price Stabilisation Subsidy Scheme, li permezz tagħha s-sena l-oħra tajna mhux inqas minn €12 miljun u se nagħtu €12 miljun oħra għal din is-sena. Nidejna wkoll l-iskema ta' għajnuna għax-xiri ta' fertilizzant, fejn is-sena l-oħra tajna €2.5 miljun.

Apparti din l-iskema, tajna skema oħra, skema ta' għajnuna għall-mgħalef, fejn is-sena l-oħra tajna mhux inqas minn €1.7 miljun. Għall-kumplament ta' din is-sena qed naħdmu fuq diversi skemi oħrajn biex inkomplu ngħinu lil dan is-settur ikun iktar sostenibbli. Jekk il-Gvern ma jkomplix għaddej u jgħin lil dan is-settur, kif inhu d-dmir tiegħu, dan is-settur jintilef. Aħna bħala Gvern kommessi li dan is-settur inkomplu ngħinuh għaliex huwa importanti li jieħu kull għajnuna meħtieġa. Nerġa' ngħid li l-Kummissarju Ewropew għall-Agrikoltura l-ġimgħa l-oħra qal li ras għal ras, Malta u Għawdex l-iktar li ħadu għajnuna għall-bdiewa u r-raħħala tagħhom.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Toni Bezzina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, sa fejn naf jien, inġenji agrikoli ma jaħdmux bil-PV panels. Għaldaqstant jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li l-Gvern ma jridx jagħti għajnuna lill-bdiewa u r-raħħala fil-forma ta' sussidju fuq il-fuel, bħalma jsir fl-aħħar mill-aħħar mas-sajjieda, li hi xi ħaġa tajba, u bħalma jsir f'pajjiżi oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fosthom Franza, il-Polonja u Spanja?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, din il-mistoqsija naħseb diġà rrispondejtha. Il-problema hija li meta saret l-accession, min innegozja ma nnegozjax biex il-bdiewa u r-raħħala jingħataw il-fuel b'xejn. U kif għedt, mhux dan is-settur biss, imma l-poplu Malti u Għawdxi kollu qiegħed jieħu sussidju fuq l-enerġija u jgawdi mir-roħs fil-kontijiet tad-dawl u tal-ilma.

Kif diġà għedt ukoll, l-Unjoni Ewropea trid li l-fossil fuel sas-sena 2025 jispiċċa kollu u allura s-sussidju li qed nagħtu, qed nagħtuh kif suppost fuq mezzi alternattivi ta' enerġija. Fil-fatt tajna €240,000 biex il-bidwi u r-raħħal ikun jista' jixtri pannelli u jagħmilhom fuq il-bejt, li huwa mezz ta' enerġija alternattiva. Fiż-żmenijiet tal-lum, anke minħabba l-Farm to Fork Strategy kif ukoll minħabba l-Green Deal, huwa importanti li lill-

bidwi u r-raħħal nagħtuh għajnuna, però f'mezzi ta' enerġija li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Fl-istess ħin qegħdin nagħtuhom sors ta' enerġija importanti, mhux biss bil-fuel. Pereżempju sajjied bilfors trid tagħtih il-fuel biex imur fuq il-baħar, imma għandek sezzjoni tal-bdiewa u r-raħħala li permezz tal-green energy li nagħtuhom qegħdin ngħinuhom biex ikollhom mezz ta' enerġija alternattiva biex ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem.

Barra minn hekk, kif qal tajjeb il-Prim Ministru u kif diġà għedt jien, il-poplu Malti u Għawdxi kollu ilu jgawdi minn roħs fl-enerġija għal dawn l-aħħar snin.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, il-Ministru għadu kif qal li s-sajjieda ngħataw €1 miljun f'sussidju, li minnhom kull sajjied jista' jieħu €100,000. Jista' allura jgħid kemm hu importanti dan is-sussidju fuq il-fuel għas-sajjieda?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. ANTON REFALO:** Din hija t-tielet darba li lis-sajjieda tajniehom dan is-sussidju fuq id-diesel. Is-sajjieda qed jingħataw €1 miljun kull sena f'għajnuna u huwa importanti li din l-għajnuna tkompli tingħatalhom għaliex irridu li jkollna sajd sostenibbli. Barra minn hekk, irridu wkoll ngħinu lis-sajjieda li tant ibatu, bħalma jbatu r-raħħala u l-bdiewa, biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Toni Bezzina, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, la l-Ministru qed jinsisti li l-Gvern ma jridx jgħin lill-bdiewa billi jagħti sussidju fuq id-diesel bħalma għen – u għamel sewwa – lis-sajjieda, jista' jgħid jekk hux se joħorġu xi skemi biex bdiewa u raħħala jkunu jistgħu jixtru inġenji li jkunu jaħdmu bl-elettriku? Għaliex billi qed jgħid li qed jgħinhom permezz ta' PVs, bidwi mhux se jarma PV fuq is-saqaf tat-tractor, u allura, naħseb jien, l-alternattiva l-oħra tkun li jingħataw sussidju jew joħorġu fondi biex jixtru inġenji li jaħdmu bl-elettriku.

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru. Fil-qosor, jekk jogħġbok, għaliex skada l-ħin.

**ONOR. ANTON REFALO:** Sur President, it-tweġiba hi li mhux ma rridux ngħinu b'dan il-mod, imma meta dħalna fl-Unjoni Ewropea, min innegozja ma daħħalx din il-fakultà. (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda. Ngħaddu issa għat-Tqegħid ta' Karti u nsejjaħ lill-Ministru Owen Bonnici.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar l-ammonti li nefqet Heritage Malta fuq xiri ta' oġġetti li se jkunu parti mill-wirt nazzjonali fil-perjodu bejn l-2019 u l-2024, maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15741;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tabella li turi n-numru ta' ħaddiema li mhumiex ta' nazzjonalità Maltija li jaħdmu fid-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15740; u

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Sejħa għall-proposti bl-isem *Request for Proposals for the provision of Temporary Services of Scheduled Fast Ferry between Malta and Gozo*, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15584; u

> Dokument bl-isem *Trench Excavation and Reinstatement Guidelines* maħruġ minn Transport Malta f'Marzu 2016, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15928.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Ministru Clint Camilleri.

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Informazzjoni dwar in-numru ta' talbiet li saru għal kumpens għal ħsarat fuq vetturi minħabba stat ħażin ta' toroq f'Għawdex għas-snin bejn l-2022 u l-2023 maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15585.

## KUMITATI PERMANENTI

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont il-paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa li għandha ssir illum tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt l-Onor. Robert Cutajar se jkun qed jissostitwixxi lill-Onor. Claudette Buttigieg.

Stqarrijiet ministerjali? Mozzjonijiet.

## PERMESS TAL-KAMRA

**L-ISPEAKER:** Qed nifhem li hawn permess li titressaq mozzjoni mingħajr avviż? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

## MOZZJONIJIET

## ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUNSILL TAL-MALTIN LI JGĦIXU BARRA

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Ian Borg.

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Sur President, nipproponi l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda l-Att dwar il-Kunsill tal-Maltin li jgħixu barra.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hija li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Kunsill tal-Maltin li jgħixu Barra, Kap. 515" ikun moqri l-ewwel darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA

## CLIMATE ACTION BILL

*L-ordni għat-Tieni Qari ġie moqri.*
*Ikompli mis-6 ta' Frar, 2024.*
*Il-mistoqsija reġgħet tqiegħdet.*

**L-ISPEAKER:** Rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said.

**ONOR. ALICIA BUGEJA SAID (Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali)**: Sur President, is-suġġett li qegħdin niddiskutu llum jolqot lilna lkoll, lin-nazzjonijiet kollha u lid-dinja kollha. It-tibdil fil-klima u l-bżonn li nieħdu azzjoni immedjata huma xi ħaġa li ċertament tgħaqqadna lkoll. Għaldaqstant fid-diskors tiegħi se nibda bi ftit fatti xjentifiċi, imbagħad se neżamina l-konsegwenzi ta' dawn il-fatti u finalment se nitkellem dwar x'nistgħu nagħmlu bħala Parlament, bħala istituzzjoni li nieħdu d-deċiżjonijiet.

Se nibda bil-fatti li huma studjati. L-ewwel fatt huwa li t-tibdil fil-klima globali huwa riżultat tal-attivitajiet tal-bniedem fid-dinja u huwa fatt aċċettat mill-maġġoranza assoluta tal-komunità xjentifika. Fatt ieħor hu li għal bosta deċennji konna nafu li ż-żieda fil-produzzjoni tad-diossidu tal-karbonju qed twassal għall-effett serra, dak magħruf bħala l-greenhouse gas effect. Is-sors ta' dan il-gass huwa primarjament l-użu ta' fossil fuels bħalma huma ż-żejt, il-gass naturali u l-faħam. Għaldaqstant l-istudji juruna li l-greenhouse gases qegħdin iwasslu għat-tisħin globali, il-global warming.

Ngħaddi issa biex nitkellem dwar l-impatt u l-konsegwenzi ta' dawn il-fatti fuqna bħala pajjiż, bħala reġjun u bħala speċi. Ma mmorrux 'il bogħod ħafna. Is-sajf li għadda esperjenzajna fenomeni li m'aħniex imdorrijin narawhom fil-Mediterran, jiġifieri mijiet ta' kilometri ta' nirien li ħakmu pajjiżi qrib tagħna, fosthom l-Italja, il-Greċja, Spanja u oħrajn. F'dawn il-pajjiżi rajna temperaturi li saħansitra laħqu s-47 grad celsius. Din hi realtà li qed tmiss lill-Mediterran sena wara l-oħra. Dawn huma fenomeni li qatt ma konna immaġinajna li jistgħu jseħħu u huma

realtajiet li qed nesperjenzawhom iktar mill-qrib.

Sur President, x'inhuma l-konsegwenzi ta' dan kollu? X'qegħdin ibassru x-xjentisti fuq it-tibdil tal-klima? Ejjew inħarsu lejn ftit figuri stabbiliti mix-xjenza. Huwa previst illi t-tisħin globali se jiżdied b'żewġ gradi celsius u dan jaf inaqqas ix-xita bejn 10% sa 15%, u fl-istess waqt żieda minn 2 sa 4 gradi celsius fit-temperatura tista' tnaqqas ix-xita fin-nofsinhar tal-Ewropa, jiġifieri fil-Mediterran, bi 30%. Fl-istess waqt huwa previst li sas-sena 2050 id-domanda għall-ilma se tirdoppja jew saħansitra tittrippla. Fil-Mediterran jgħixu aktar minn 500,000,000 ruħ u allura dawn il-konsegwenzi li qegħdin insemmu huma sinifikanti għal numru kbir ta' nies.

Hawnhekk tqum il-mistoqsija dwar kif dan kollu se jkun qed jaffettwa lilna bħala Malta, bħala pajjiż. Fid-diskors tiegħi se nħares kif it-tibdil fil-klima se jaffettwana b'mod dirett, speċjalment fejn tidħol is-sigurtà tal-ikel, l-agrikoltura, l-ilma u l-ambjent marittimu, jiġifieri dak li għandu x'jaqsam mal-baħar.

Se nibda bl-agrikoltura. Jekk hawn settur mimli sfidi huwa żgur dak tal-agrikoltura. Ftit tal-ġranet ilu smajna lill-bdiewa nfushom jitkellmu b'mod ċar dwar il-problemi tagħhom biex jibqgħu vijabbli fis-settur u semmew diversi fatturi, fosthom il-burokrazija li fih is-settur, ir-regolamentazzjoni qawwija li ġejja anke mill-Unjoni Ewropea u fatturi oħrajn. Forsi ma ssemmietx daqshekk, però huwa żgur li se jħossu l-kriżi klimatika li qiegħda taffettwa l-għajxien tagħhom. Ejjew inħarsu lejn ix-xita. Kif diġà semmejt, huwa xjentifikament previst li x-xita annwali tista' tonqos bi 30%. Fl-istess ħin l-ilma tal-pjan, kif anke spjegat tajjeb il-Ministru Miriam Dalli lbieraħ, qed jiġi affettwat b'din in-nixfa.

Minħabba din is-sħana u n-nuqqas ta' ilma fil-ħamrija ta' pajjiżna qed tiżdied is-salinità, jiġifieri qed jiżdied il-melħ fiha, u din is-salinità qiegħda mbagħad taffettwa l-fertilità tal-istess ħamrija, tal-istess art li tant għandna bżonn biex nipproduċu l-ikel tagħna. Dan huwa proċess li jissejjaħ deżertifikazzjoni, fejn l-art titlef in-nutrijenti u l-minerali tagħha u għaldaqstant ma tkunx tista' tibqa' tipproduċi ħxejjex u frott. Filwaqt li bħala Gvern kontinwament għamilna ħafna xogħol biex innaqqsu l-impatt u niġġieldu d-deżertifikazzjoni, ir-realtà tibqa' li l-ammont ta' xita li qed jagħmel f'pajjiżna huwa ta' tħassib kbir għall-bdiewa.

Min-naħa l-oħra, in-nixfa qed tikkawża wkoll problemi relatati ma' nirien, li għalkemm mhumiex preżenti f'Malta bħalma huma f'pajjiżi oħrajn, xorta rridu nkunu kawti għalihom, speċjalment għaliex dawn jistgħu jipperikolaw is-sigurtà u s-saħħa tal-poplu. L-investiment minn naħa tal-Gvern biex inkomplu niġġieldu dawn il-fenomeni qegħdin hemmhekk u se jkomplu jiżdiedu.

Se nsemmi n-new water. Sar investiment massiċċ biex nagħtu ilma riċiklat lill-bdiewa ta' pajjiżna. Dan l-ilma qabel kien jintrema fil-baħar u llum qegħdin nagħtuh lill-bdiewa biex jużawh għat-tisqija. Is-suċċess ta' din it-teknoloġija diġà qed jissarraf fi provvista ta' ilma għat-tisqija lil mijiet ta' bdiewa. Issa x-xogħol għaddej b'mod tajjeb ħafna biex naraw li anke din id-distribuzzjoni tilħaq iktar bdiewa f'Malta u Għawdex.

Qed naħdmu wkoll fuq proġetti ta' afforestazzjoni biex naraw li jitħawlu iktar siġar. Għandna l-foresterija li se nkunu qegħdin nagħmluh id f'id mal-bdiewa. Din se tkun inizjattiva li permezz tagħha lill-bdiewa nagħtuhom sa massimu ta' €8,000 biex art agrikola li preżentement mhijiex tinħadem, jew li mhijiex qed tintuża, tkun tista' tintuża biex jitħawlu siġar tal-frott. Permezz ta' din l-iskema se naraw li jkollna iktar siġar f'pajjiżna, li jfisser iktar carbon sinks biex jiġbru d-dijossidu tal-karbonju mill-atmosfera. Dan se jkun qiegħed isir b'tali mod li nkomplu nżidu l-produzzjoni tal-frott f'pajjiżna u anke nilħqu l-miri tal-istrateġija Farm to Fork. Bl-istess prinċipju, fejn tidħol l-afforestazzjoni kif ukoll l-investiment fil-bijodiversità, se naraw li jsir iktar investiment fis-siti ta' Natura 2000.

Hemm aktar proġetti relatati ma' dan is-settur. Se naraw ukoll li jsir proġett pilota għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli mis-slurry tal-baqar u materjal organiku. Hawnhekk qed nitkellmu fuq xi ħaġa li bħalissa qed nikkonsidrawha bħala skart u li se nibdew nużawha biex niġġeneraw l-enerġija rinnovabbli.

Ma' dan huwa tajjeb li nsemmu li flimkien mal-akkademiċi u l-bdiewa se nniedu wkoll studju dwar proġetti agrikoli li jistgħu jkunu sors ta' enerġija rinnovabbli mingħajr ma tiġi affettwata l-produzzjoni tal-prodott agrikolu. Fi kliem ieħor,

ma rridux naraw medda ta' art agrikola tittieħed biex sempliċement jiġu installati sistemi fotovoltajċi iżda rridu nsibu soluzzjonijiet li huma ta' siwi minn kull lat f'dan l-ambitu.

Qegħdin naħdmu wkoll biex inkomplu naħżnu l-ilma f'pajjiżna. Nafu kemm l-ilma tax-xita huwa skars, u għalhekk il-ftit xita li tagħmel f'pajjiżna rridu naraw li jkollna proġetti infrastrutturali li permezz tagħhom naħżnu dan l-ilma. Se jinbena ġibjun kbir f'Għawdex, hekk kif imwiegħed anke fil-manifest elettorali. Però nemmen li f'Malta għandna fejn inkomplu ninvestu f'ġibjuni akbar biex ngħinu lill-bdiewa billi nagħtuhom inċentivi biex ikollhom ġibjuni fl-għelieqi tagħhom biex ikunu jistgħu jaħżnu l-ilma tax-xita. Dan se jkun qed jgħin biex naħżnu l-ilma li kulma jmur qed ikun dejjem iktar skars.

Nemmen li jkun utli wkoll li nkomplu ninvestu f'iktar riċerka li tista' tiftaħ opportunitajiet ġodda għal soluzzjonijiet tal-iskarsezza tal-ilma. Hawnhekk nagħmel referenza għal studju riċenti li permezz tiegħu ftit tal-ġimgħat ilu ġiet skoperta massa ta' ilma pre-istorika taħt Sqallija, li għandha iktar minn 6,000,000 sena, liema ilma se jkun qed jagħti aktar soluzzjonijiet għan-nixfa li qed taħkem partijiet tal-Mediterran. Meta wieħed jikkonsidra kemm ir-realtà ġeoloġika hija simili bejn Malta u Sqallija, nemmen li studju simili potenzjalment jista' jagħti riżultati pożittivi għal pajjiżna.

Għall-impatti li qegħdin jesperjenzaw il-bdiewa jeħtieġ ukoll għajnuna mill-Unjoni Ewropea u fil-fatt ftit tal-ġimgħat ilu flimkien mal-ministri Ewropej responsabbli mill-agrikoltura u s-sajd tlabna lill-Kummissjoni Ewropea biex talloka ammont ta' flus għall-kriżi klimatika li qegħdin jiffaċċjaw il-bdiewa fil-Mediterran biex anke jsiru iktar reżiljenti quddiem l-isfidi li qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom. Nemmen li dawn l-inċentivi kollha li semmejt favur il-mitigazzjoni kif ukoll biex nindirizzaw l-impatti eżistenti tat-tibdil fil-klima se jkunu kruċjali fis-settur agrikolu. Nemmen li dan kollu se jkun qed iġib aktar serħan il-moħħ fl-ambitu ta' inċertezza li jġib miegħu t-tibdil fil-klima.

Sur President, issa se niffoka fuq l-ambjent marittimu, il-baħar. Skont l-istudju li jagħmlu diversi xjentisti fl-oċeanografija – u minn hawnhekk insellmilhom tal-ħidma kontinwa tagħhom u tal-istudji li jagħmlu – huwa stmat li sas-sena 2100 it-temperatura tal-Mediterran se togħla bi 3.5 gradi celsius. X'inhu l-impatt ta' dan fuq l-ambjent marittimu? Il-baħar, skont ix-xjenza, qed jisħon b'rata li b'riżultat tagħha numru ta' pajjiżi qegħdin jesperjenzaw dik li tissejjaħ aċidifikazzjoni tal-oċean. Dan ifisser li minħabba li qed tiżdied it-temperatura, l-ammont ta' dijossidu tal-karbonju fil-baħar qiegħed jiżdied u dan qed iwassal għal iktar aċidità fil-baħar.

Biex napprezzaw iktar dan il-fenomenu se nispjegah f'termini aktar sempliċi. Iktar ma jisħon il-baħar, iktar qed tiżdied l-aċidità u għalhekk qed isir dejjem iktar diffiċli għal ċertu ħut biex jgħix. Dan l-iżbilanċ fit-temperatura qed iwassal biex anke jinqerdu annimali mikroskopiċi li jifformaw il-veru bażi tal-katina tal-ikel, dawk li jissejħu phytoplankton u ż-zooplankton. Se nagħti eżempju li ċerta li ħafna minna f'din il-Kamra semgħu bih, biex anke nifhmu xi jfisser l-impatt tal-aċidifikazzjoni tal-oċean. Hawnhekk qed nitkellmu fuq il-każ li seħħ fil-famuża Great Barrier Reef fl-Awstralja. Hemmhekk hemm iktar minn 3,000 coral reef li qed jiġu affettwati u f'każi minnhom għandek is-sikek li m'għad fadlilhom l-ebda ħajja.

F'każijiet oħra mbagħad għandek forom ġodda ta' ħajja tal-baħar li qegħdin jieħdu post dak li kien hemm qabel. Forsi l-Awstralja, il-klima u r-realtajiet t'hemmhekk jinstemgħu 'il bogħod għalina, però huwa tajjeb li nirrealizzaw li r-realtajiet tal-Mediterran huma simili. Se nispjega ftit u ċerta li ħafna hawn ġew se jifhmuni. Kull sena pajjiżna qed jesperjenza iktar u iktar bram fl-ibħra tagħna. Ibħra iktar sħan qegħdin iwasslu għal rati aktar mgħaġġlin fir-riproduzzjoni tal-bram. Din hija realtà li qed isseħħ minħabba t-tibdil fil-klima, minħabba li l-ibħra tagħna qegħdin jisħnu b'mod iktar aċċellerat, bi proċess iktar mgħaġġel minn qabel. Bla dubju, dan l-effett qed jolqotna lkoll, qed jolqot lilna, qed jolqot lit-turisti u lil dawk kollha li sikwit fis-sajf ifittxu li jqattgħu l-ġranet tagħhom il-baħar.

Sur President, apparti l-invażjoni tal-bram, fl-ibħra tal-Mediterran qed insibu aktar ħut li ġej mill-oċean Indjan, dawk li jissejħu speċi aljeni għaliex mhumiex tal-Mediterran. Dawn, minħabba l-kondizzjonijiet tal-ibħra tagħna, qed jirnexxilhom jistabbilixxu ruħhom fil-Mediterran u anke qegħdin jaffettwaw ħut indiġenu li jifforma parti mill-katina tal-ikel tagħna. Pereżempju l-granċ il-blu u l-lion fish daħlu b'mod aggressiv fil-Mediterran u potenzjalment

qed jaffettwaw ħut ieħor tal-qiegħ, bħalma huma l-paġell, il-pagri, id-denċi u oħrajn. Dan qed jaffettwahom għaliex qegħdin jikkompetu għall-istess ikel, għall-istess phytoplankton u zooplankton li jiddependu minn fuqu l-ħut.

F'każijiet estremi dan qed iwassal ukoll għall-estinzjoni ta' ċerti ħut. Pereżempju fit-Turkija u f'Ċipru tant kemm qed tagħmel ħsara l-lion fish li l-gvernijiet t'hemmhekk qegħdin jinċentivaw lis-sajjieda biex jistadu għal din il-ħuta. Il-lion fish f'Malta għadha ma dehritx però rridu nibqgħu kawti u nibqgħu nagħmlu r-riċerka biex jekk kemm-il darba din it-tip ta' ħuta tinstab, nieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni kollha neċessarji biex ma ssirx il-ħerba li sfortunatament qed issir madwar pajjiżi oħrajn. Dan huwa biss eżempju wieħed u bħalu hemm ħafna aktar, uħud li nifhmu u oħrajn li għad irridu niskopruhom. Ir-realtà hi li l-ekosistemi tal-baħar tagħna qed jesperjenzaw kondizzjonijiet li kontinwament qegħdin jibdluhom.

L-effetti fuq il-baħar tagħna ma jiqfux bl-effetti fuq il-ħajja tal-baħar. Huwa importanti li nifhmu li t-temp tagħna ta' kuljum, jekk hux bnazzi, jekk hijiex xita, jekk hux qed jagħmel riħ, huwa affettwat direttament mit-temperatura tal-baħar. Jekk wieħed irid jifhem dan il-proċess jista' jħares lejn il-Golf tal-Messiku u l-istaġun annwali tal-uragani li jaffettwa dak ir-reġjun kollu. Hekk kif it-temperatura tal-baħar togħla, l-ammont ta' enerġija tiżdied u din l-enerġija tiġi rilaxxata f'maltempati akbar u aktar frekwenti. Għalhekk, nistgħu nistennew li ladarba qed tkompli togħla t-temperatura tal-baħar Mediterran, il-frekwenza u l-qawwa tal-maltempati fir-reġjun tagħna potenzjalment jistgħu jiżdiedu. Sfortunatament dawn il-maltempati jġibu magħhom għargħar u rjieħ aktar qawwijin.

Ma mmorrux 'il bogħod. Ftit tax-xhur ilu fil-Libja rajna maltempata li ħalliet ħerba u anke ħasdet il-ħajja tan-nies u eluf oħrajn spiċċaw mingħajr saqaf fuq rashom. Dawn huma realtajiet li qegħdin ftit aktar minn 2,000 kilometru 'l bogħod mill-kosta Maltija. Meta wieħed jara x'kien qed jiġri u biex seħħet din il-maltempata jsib li din kienet riżultat ta' temperatura għolja u pressjoni baxxa fil-baħar Mediterran, li wasslet għal għargħar kbir.

**L-ISPEAKER:** Onor. Bugeja Said, ippermettili nwaqqfek ftit sabiex insellmu lis-Segretarju Ġenerali tal-OSCE, is-Sa Helga Schmid li tinsab fostna.

*Fl-4.52 p.m. id-diskussjoni ġiet interrotta għal ftit mumenti.*

## MERĦBA MILL-ISPEAKER

**L-ISPEAKER:** Ms Schmid, welcome to the Maltese Parliament. You are in good hands!

## ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA

## CLIMATE ACTION BILL

*Il-Kamra rriżumiet minn ftit mumenti qabel id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.*

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Alicia Bugeja Said.

**ONOR. ALICIA BUGEJA SAID:** Sur President, ningħaqad miegħek u nsellmilha.

Hekk kif it-tibdil fil-klima qed ikompli jgħolli t-temperaturi tal-ibħra tagħna, il-fenomeni ta' dan it-tip probabbilment se jkomplu jiżdiedu. Ma nistax ma nsemmix fatt ieħor ma' din ir-realtà li qegħdin nesperjenzaw fl-ambjent marittimu, dak li l-livell tal-baħar tagħna qed jogħla. Niftakar fil-poeżija *The Rime of the Ancient Mariner* ta' Samuel Taylor Coleridge, li tgħid hekk:

> "Water, water everywhere and not a drop to drink".

Hekk kif it-temperaturi globali jogħlew huwa mistenni li l-livelli tal-baħar jogħlew magħhom. Dan kollu se jkollu impatt fuq l-ibliet u l-irħula kostali hekk kif jibdew jitilfu aktar art għall-baħar. Huwa proġettat, għal darb'oħra mix-xjenza, li l-livell tal-baħar se jiżdied b'aktar minn 2.5 metri sal-2100. Dawn mhumiex iċ-ċifri tiegħi imma ċifri tan-Nazzjonijiet Uniti. Forsi s-sena 2100 tinstema' 'l bogħod u probabbilment mhux se taffettwa lilna li qegħdin hawn imma żgur li se taffettwa lil uliedna u lil ulied uliedna. Għaldaqstant irridu nkunu kawti.

Din hija r-realtà li numru ta' pajjiżi diġà qegħdin jiddiskutuha, fosthom il-gżejjer tal-Maldivi, li b'żieda ta' metru biss ta' baħar dawn jistgħu faċilment ma jibqgħux jeżistu. Allura quddiem dawn ir-realtajiet li qed jaffettwaw lill-oċeani rridu ninvestu u nħarsu 'l quddiem sabiex isir dak kollu li hu meħtieġ biex nilqgħu għall-isfidi li jistgħu jaħkmuna u dawk li diġà huma preżenti.

Kif semmiet tajjeb ilbieraħ il-Ministru Dalli, il-Gvern għaddej b'diversi inizjattivi li jolqtu direttament lill-ambjent marittimu. Wara li saru diversi investimenti f'enerġija rinnovabbli fuq l-art, se naraw li ninvestu bi sħiħ f'enerġija rinnovabbli permezz ta' sistemi offshore. Qed issir ħidma sfiqa fuq l-ekonomija blu permezz tal-Blue Med, b'investiment ta' €4 miljun, sabiex nattiraw kumpaniji innovattivi ħalli jesploraw opportunitajiet ġodda għall-ekonomija l-ħadra u l-blu.

Sur President, fl-istess waqt qed ninvestu wkoll fit-tisħiħ tal-bijodiversità, b'investiment fiż-żoni marittimi protetti. Dawn iż-żoni huma importanti sabiex inkomplu nikkonservaw il-Posidonia Oceanica, li hija waħda mill-carbon sinks maġġuri li għandna fil-Mediterran, li tiġbor anke d-dijossidu tal-karbonju mill-atmosfera u fl-istess waqt tassigura li jkollna s-sostenibbiltà tal-istokks tal-ħut. Hemmhekk qegħdin nassiguraw l-għajxien tas-sajjieda ta' pajjiżna.

Sabiex nassiguraw is-sigurtà tal-ikel mill-baħar qed naraw li ninvestu f'riċerka dwar ħut li jista' jitkabbar f'offshore farms sabiex jipprovdi proteini alternattivi għall-poplu Malti. Fl-istess ambitu għaddejjin bi promozzjoni ta' konsum ta' ħut aljen, bħalma hu l-granċ il-blu, li huwa tajjeb għall-ikel, għax fil-mument li n-nies ifittxu dawn l-ispeċi aljeni u tiżdied id-domanda għalihom, inkunu qegħdin inneħħuhom mill-ekosistema tal-Mediterran u allura nnaqqsu l-impatt tagħhom fuqha.

Tajjeb li nsemmu wkoll li f'Ġunju tas-sena li għaddiet il-Kummissjoni Ewropea nediet sħubija għat-tranżizzjoni tal-enerġija fis-setturi tas-sajd u l-akwakultura tal-Unjoni Ewropea. Din il-ħidma se tikkordina l-isforzi sabiex niksbu settur newtrali għall-klima sal-2050. Din it-tranżizzjoni se tfisser bidliet fis-settur matul id-deċennji li ġejjin u bħala pajjiż qed nevalwaw l-isfidi biex nilħqu dan l-għan ambizzjuż. Dawn huma kollha żviluppi li qegħdin nagħmlu bħala pajjiż għax nifhmu l-impenn tagħna għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Però jiddispjaċini ngħid li għad hemm wisq nies li jiċħdu l-fatt li aħna l-bnedmin ħloqna effett negattiv fuq il-klima, dawk li jissejħu l-climate sceptics and deniers. Bix-xogħol li qegħdin nagħmlu llum f'din il-Kamra qed nagħrfu kemm huma serji l-problemi tat-tibdil fil-klima. Dan huwa l-aktar pass importanti fit-triq tagħna biex nieħdu azzjoni u nagħrfu u naċċettaw ir-realtajiet. Il-ħolqien tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima hu kruċjali f'dan l-ambitu. Hawnhekk qed naraw Att li għandu jkun rikonoxxut bħala wieħed mill-aktar importanti għall-ġenerazzjonijiet tagħna. Jekk nieħdu l-

implimentazzjoni bis-serjetà, inkunu ssalvagwardjajna l-futur tagħna u ta' wliedna.

Kif spjegat il-Ministru Dalli, din l-Awtorità hija bbażata fuq pedament xjentifiku u konxja mill-elementi soċjali li jeħtieġ li nikkonsidraw meta nħarsu lejn l-impenn li għandna quddiemna. Din l-Awtorità se taċċetta r-responsabbiltà li għandna bħala Gvern biex innaqqsu l-impatt tagħna fuq il-klima. Din l-Awtorità hija tweġiba diretta għall-obbligi internazzjonali u hija wkoll dikjarazzjoni tal-impenn tagħna bħala pajjiż li nagħmlu aktar u aħjar favur it-tibdil fil-klima.

Fil-ftit ħin li fadalli nixtieq nelenka punt kruċjali li ġibidli l-attenzjoni f'dan l-Abbozz ta' Liġi. Dan huwa t-terminu "sink", li skont l-Att dan ifisser kwalunkwe proċess, attività jew mekkaniżmu li jneħħi l-gass serra, aerosols, jew prekursur tal-gass serra jew ajrusol mill-atmosfera. Dan huwa kunċett importanti ħafna għax bih qegħdin nifhmu li hemm xi ħaġa li tista' ssir biex innaqqsu l-gassijiet serra mill-atmosfera. Huwa tajjeb li ninnotaw li l-akbar sink tal-gassijiet serra, bħall-carbon sink, huma proprju l-ibħra u l-oċeani. Dan il-proċess huwa magħruf bħala l-ocean carbon uptake, jiġifieri l-assorbiment oċeaniku tal-karbonju, u mingħajr dan il-proċess x'aktarx inkunu diġà estinti bħala speċi. Dan huwa proċess li jipprova jżomm il-pjaneta tagħna f'ekwilibriju.

Sur President, issa qed nirrikonoxxu aktar l-importanza tal-ibħra u l-oċeani tagħna fil-kuntest aktar wiesa' tat-tibdil fil-klima. L-ibħra u l-oċeani huma sors primarju tal-ikel tagħna, is-sistema tat-temp tagħna, sors tal-ilma tax-xita u għandhom is-setgħa li jsalvawna mill-qerda tagħna stess jew li jeqirduna jekk ninjoraw it-twissijiet tax-xjentisti. Ilkoll kemm aħna għandna nkunu kburin li tajna s-sehem tagħna biex inwaqqfu u nreġġgħu lura l-bidla fil-klima. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Rebekah Borg.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Sur President, meta tkun qed taqsam it-triq u tiġi karozza lejk awtomatikament tinġibed lura. L-istess jekk ikun hemm kelb kbir qed jinbaħ, inti awtomatikament se tersaq lura jew titlaq tiġri. Għalhekk, jekk in-nies huma daqshekk motivati biex jevitaw theddida għal ħajjithom, għaliex hija daqshekk diffiċli biex nindunaw li t-tibdil fil-klima huwa theddida għalina wkoll? L-Onor. Bugeja Said semmiet li hemm il-climate sceptics u fuq hekk nixtieq nagħmel punt dwar kemm huwa importanti li nitkellmu fuq l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima li se tiġi mwaqqfa permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

X'nistgħu nagħmlu aħna bħala politiċi biex it-tibdil fil-klima ma jkunx xi ħaġa fl-arja? Ħafna nies, forsi anke dawn il-climate sceptics, imma anke nies inġenerali, ma jagħtux kas, jew ma jifhmux, jew forsi ma jridux jifhmu, imma kif jgħidu bl-Ingliż, the buck stops and starts with us, aħna l-politiċi. Aħna l-politiċi – u meta ngħid politiċi mhux hawn Malta biss imma fid-dinja kollha – ħafna drabi meta niġu biex nitkellmu fuq it-tibdil fil-klima kultant nitkellmu ftit fl-arja, nużaw kliem bombastiku, kliem sabiħ, kliem forsi ftit tekniku, imma meta tiġi għar-realtà, xi jfisser it-tibdil fil-klima għan-nies?

Nispera li l-Awtorità li qed tiġi proposta b'dan l-Abbozz ta' Liġi se tkun qed tagħmel verament impatt fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nies. L-ewwel ħaġa li nemmen li rridu nagħmlu bħala politiċi meta nitkellmu fuq tibdil fil-klima hija kampanja edukattiva li turi li t-tibdil fil-klima mhijiex xi ħaġa 'l bogħod imma hija xi ħaġa li taffettwa lilna, taffettwa l-ħajja ta' kuljum, taffettwa lilna l-Maltin, u li aħna l-Maltin fil-pajjiż żgħir tagħna nistgħu nagħmlu d-differenza. L-għan aħħari huwa li nedukaw permezz tal-fatti kollha u nneħħu l-biża' madwar dan is-suġġett u nibdlu l-għarfien f'informazzjoni li hija vera u f'azzjonijiet konkreti.

It-tieni ħaġa li bħala politiċi rridu nagħmlu meta niġu biex nitkellmu fuq it-tibdil fil-klima tittratta s-suġġett innifsu. Ħafna drabi d-diskors u l-messaġġ dwar it-tibdil fil-klima ma jasalx għand il-persuna inġenerali għax in-narrattiva tkun ta' sagrifiċċju, ta' piż, imma l-messaġġ għandu jkun li l-azzjonijiet tagħna se jkunu ta' benefiċċju għalina, u għalina fil-kollettiv ukoll.

Sfortunatament, meta ssemmi t-tibdil fil-klima, l-ambjent, x'nistgħu nagħmlu, x'azzjoni nistgħu nieħdu, ħafna nies jgħidulek li ġejja xi taxxa ġdida oħra. U forsi dik hija l-biża' li hemm mat-tibdil fil-klima u l-azzjoni li hemm bżonn tittieħed. L-azzjonijiet li jridu jittieħdu jridu jittieħdu fit-total, imma aħna l-politiċi għandna l-obbligu li nippreżentaw l-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima b'mod responsabbli, b'mod li ma jfissirx sagrifiċċju imma jfisser benefiċċju bħal, pereżempju, l-enerġija rinnovabbli permezz tal-

pannelli solari. Jekk se ddaħħal il-pannelli solari, allura se tibbenefika finanzjarjament għax se jkollok investiment fuq perjodu twil ta' żmien.

Hemm inċentivi tal-Gvern – għax fejn hu tajjeb aħna ngħidulu tajjeb – li permezz tagħhom hemm benefiċċji fuq is-saħħa tiegħek u hemm benefiċċji aktar fit-tul fuq il-klima. Għaldaqstant importanti li nispjegaw li meta wieħed juża enerġija rinnovabbli, huwa ta' benefiċċju f'termini ta' flus, huwa ta' benefiċċju għas-saħħa tiegħu, huwa ta' benefiċċju għall-ambjent tiegħu u huwa ta' benefiċċju għal kulħadd.

Hemm mod kif nispjegaw li l-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima u affarijiet oħrajn jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal kulħadd imma jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-ambjent ta' madwarna wkoll. Pereżempju ħalli nitkellem dwar is-settur tiegħi, il-bini, fejn hemm ħafna sistemi ta' awtomatizzazzjoni li jistgħu jagħmlu differenza kbira fl-energy efficiency tal-binja. Kollox jista' jiġi awtomatizzat illum, u apparti milli nnaqqsu l-ispiża tal-enerġija, fl-aħħar mill-aħħar ikun hemm azzjoni dwar il-klima u nkunu qed nagħmlu t-tibdil li għandna bżonn nagħmlu biex ir-riperkussjonijiet tat-tibdil fil-klima ma jibqgħux għaddejjin.

Huwa hawnhekk fejn tidħol il-komunità tan-negozju u fejn naħseb li, sfortunatament, għadna ftit lura. Hemm ħafna prodotti li huma tajbin, mhumiex ikkomplikati imma li jagħmlu differenza kbira meta tiġi għat-tibdil fil-klima. Tkellimt fuq l-awtomatizzazzjoni imma hemm ħafna affarijiet f'ħafna setturi differenti u huwa hemmhekk li b'mod partikolari l-Gvern, irid jattira dawn in-negozji u dawn il-prodotti lejn Malta. Forsi waħda mir-raġunijiet li ċerti negozjanti ma jridux jiġu Malta hija għax għandna suq żgħir peress li aħna pajjiż żgħir. Imma jekk nippromwovu u ninċentivaw dawn it-tip ta' prodotti climate friendly, se jkun hemm suq għalihom. Jekk in-nies nispjegawlhom li huma se jibbenefikaw, li aħna se nibbenefikaw, li kulħadd se jibbenefika, se jkun hemm suq kbir għalihom. U huwa hemm fejn għandna bżonn aktar kuntatt mal-komunità tan-negozju.

Min qed jismagħna jrid jisma' kif jekk jagħmel xi bidliet f'ħajtu, dawn se jimpattawh b'mod tajjeb, kemm finanzjarjament, kemm il-benesseri tiegħu kif ukoll l-ambjent. Nemmen li l-politika tal-inċentivar hija dejjem l-aħjar triq 'il quddiem u mhux dik tal-biża' jew kastigi. Jekk se nagħmlu bidla għall-ġid, pereżempju billi ndaħħlu karozza elettrika, dak huwa l-pass naturali li jmiss u mhux għax hemm xi biża' li se jkun hemm xi riperkussjonijiet. Jekk l-inċentivi li qed tagħmel se jkunu tajbin, se jkunu bis-sens, mela kulħadd se jkun irid jagħmel dak il-pass, se tkun ħaġa naturali u se ssib in-nies warajk. Nispera li din l-Awtorità hekk se tkun qed tagħmel.

Sur President, ħa nibda bi premessa fuq dan l-Abbozz ta' Liġi, li aħna favur kull azzjoni li ttejjeb l-ambjent tagħna. Aħna dejjem hekk konna, imma sfortunatament kien il-Gvern li ma kienx. Bil-ftit li għamel il-Gvern f'dawn l-aħħar għaxar snin, rajna ħafna dipartimenti li bdew jgħaffġu fuq xulxin u mbagħad l-ambjent ma sarx prijorità. Nista' nsemmi industriji li ma ġewx hawn Malta minħabba ċerti problemi, imma fl-aħħar mill-aħħar kien il-Partit Nazzjonalista li fl-2019 ipprova jagħmel diskussjoni ċivili u permezz ta' mozzjoni ppropona li nagħmlu kumitat parlamentari fuq it-tibdil fil-klima. Però sfortunatament il-Gvern waqqa' l-proposta u kien hemm riperkussjonijiet, kien hemm diskussjoni min-naħa tagħhom li kienet totalment partiġjana. Sfortunatament illum, u anke lbieraħ, kelliema min-naħa tal-Gvern infexxew jattakkaw lill-Partit Nazzjonalista minflok jitkellmu fuq il-passi li għandna bżonn nagħmlu.

F'Ġunju li għadda l-Partit Nazzjonalista, permezz tal-kollega l-Onor. Darren Carabott, li minn hawn insellimlu, ippreżenta mozzjoni tal-ewwel qari ta' liġi verament tajba, li tinstema' sempliċi imma l-għan tagħha huwa wieħed estensiv; id-dritt fundamentali ta' kull Malti għal ambjent nadif, san u sostenibbli. Kemm tinstema' sabiħa! Il-problema hija li l-Gvern m'għamel assolutament xejn fuq din il-liġi li ddaħħal dan id-dritt tant fundamentali. Saħansitra kien hemm xi ħadd mill-Gvern li qal li dan id-dritt diġà jeżisti!

Inkludejna wkoll din l-aġenzija għat-tibdil fil-klima fil-manifest elettorali. Dan dejjem kien il-ħsieb tagħna, imma kien biss meta laqtitna mewġa ta' sħana li l-Gvern Laburista ddeċieda li jagħmel din l-Awtorità. Issa rridu nimxu 'l quddiem. Il-Gvern ppropona din l-Awtorità u nispera li se taħdem. Fuq dak li tkellimt qabel dwar l-awtoritajiet nixtieq nagħmel punt ieħor. Nispera li ma tkunx biss Awtorità oħra. Nispera li l-ambjent u t-tibdil fil-klima ma jkunux biss buzzwords, u meta tiġi għas-siegħa tal-prova, l-istrateġiji u l-azzjonijiet li se tagħmel din l-Awtorità ma jintefgħux fil-ġenb! Nispera li din l-

Awtorità titħalla taħdem għax inkella tkun biss Awtorità oħra. Nispera li le!

Punt ieħor li nixtieq nagħmel b'rabta ma' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa dwar in-nuqqas ta' skrutinju parlamentari. Dan l-Abbozz jgħid li waħda mill-funzjonijiet li se jkollu l-Bord hi:

> "li kull sena jirrapporta lill-Ministru dwar il-progress li jkun qed jiġi reġistrat fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima."

Nispera li t-tibdil fil-klima huwa daqshekk importanti għall-Gvern li jwassal dan ir-rapport għand il-Parlament, anzi jmissha tkun fil-liġi. M'hemm xejn ħażin li l-politiċi jkunu involuti fl-iskrutinju, f'diskussjoni fuq l-istrateġiji u fuq ir-rapporti. Anzi, nemmen li huwa d-dmir tagħna li niddiskutu x'se tipproduċi din l-Awtorità.

Nixtieq insemmi wkoll l-awtonomija ta' din l-Awtorità. Kif nafu, l-awtoritajiet huma awtonomi imma l-Bord se jkollu sitt membri li se jiġu nominati direttament mill-Ministru. Nixtieq inkun naf kif il-pubbliku inġenerali se jkun assigurat li din l-Awtorità se tkun totalment awtonoma u se titħalla taħdem kif suppost.

Punt ieħor huwa li żewġ membri tal-Awtorità li se jkunu fuq il-Bord irid ikollhom għarfien jew esperjenza fil-kwestjonijiet li jikkonċernaw it-tibdil fil-klima u kwestjonijiet relatati mal-klima. Il-kumplament tal-membri, jiġifieri l-erba' membri l-oħrajn, x'se jkunu? Naħseb li huwa importanti li jkun hemm miktub xi kwalifiki għandu jkollhom dawn in-nies. Mhux bilfors ikunu esperti fil-klima, jistgħu jkunu esperti fit-teknoloġija, li hija marbuta ħafna mal-klima, jistgħu jkunu marbuta ma' ħafna tipi ta' kwalifiki, jiġifieri mhux qed ngħid li bilfors iridu jkunu esperti fit-tibdil tal-klima nnifsu, imma jrid ikun hemm forma ta' lista ta' xi jrid ikollhom dawn in-nies bħala kwalifiki. Nispera li dawn in-nies li se jkun hemm fuq il-Bord ikun ħaqqhom li jkunu fuq il-Bord u jkunu l-esperti li għandna bżonn biex jagħmlu d-differenza f'din l-Awtorità.

Sur President, nemmen li nuqqas ta' azzjoni konkreta llum tfisser żmenijiet aktar ebsin għal għada. Fil-fatt, it-tibdil fil-klima diġà rajna li qed iħalli impatt fuqna llum. Jien ilni nisma' bil-kliem "tibdil fil-klima" minn mindu kont tifla żgħira u nispera li nieqfu nitkellmu fuq tibdil fil-klima u nibdew nitkellmu fuq azzjoni fuq it-tibdil fil-klima. Nemmen li jekk ikun hemm awtorità li taħdem kif suppost, dak għandu jkun l-għan tagħha, li jkun hemm dik l-azzjoni. Irridu inqas titli, inqas argumenti morali fl-arja, inqas argumenti maqtugħin mir-realtà ta' kuljum, inqas teatrini, inqas ċerimonji, inqas reklami, imma azzjoni konkreta. Nispera li din l-Awtorità tagħtina azzjoni konkreta u tanġibbli li permezz tagħha ċ-ċittadin verament jagħraf kif azzjoni dwar il-klima tagħmillu differenza f'ħajtu. Irridu nagħmlu bidla li tkun attraenti anke fl-aspett monetarju, għaċ-ċittadini Maltin, imma fl-aħħar mill-aħħar għad-dinja kollha. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Eve Borg Bonello. Inti l-ewwel kelliema li kellek titkellem ilbieraħ u allura għandek aktar ħin għad-dispożizzjoni tiegħek.

**ONOR. EVE BORG BONELLO:** Sur President, illum nixtieq nibda billi nfaħħar lill-Gvern talli fl-aħħar qed jipprova jiġġieled il-gwerra tat-tibdil fil-klima. Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima mhijiex ġdida għall-Parlament Malti. F'Malta bdiet lura fl-2019 meta l-Parlament iddikjara stat ta' emerġenza, li ġie kkonfermat b'vot miż-żewġ naħat tal-Kamra, sforz attivisti Maltin li ħadmu f'kampanja biex dan iseħħ b'mod kostituzzjonali. Minn hawn insellem lil Extinction Rebellion Malta u għalhekk illum onorata li issa qed niddiskutu fuq din il-kwestjoni bħala leġiżlaturi Maltin.

Suppost il-kelma "emerġenza" minnha nnifisha tindika l-urġenza tas-sitwazzjoni u għalhekk ma nistax nifhem għalfejn kellna nistennew ħames snin biex naġixxu. Anzi, kellna nistennew il-blackouts tas-sajf li għadda, li ħallew bosta familji Maltin u Għawdxin waħedhom fid-dlam u s-sħana. Għalkemm inħoss li din il-biċċa xogħol saret, kif jgħidu bl-Ingliż, to save face, nagħżel li nkun pożittiva u nfaħħar il-fatt li għall-inqas saret.

Madanakollu peress li din il-proposta kienet waħda mgħaġġla u mingħajr ebda forma ta' konsultazzjoni, bħala Oppożizzjoni se nkunu qegħdin inressqu diversi emendi u suġġerimenti biex tassew insaħħu din l-Awtorità ħalli tkun l-aħjar li tista' tkun għall-benefiċċju tal-Maltin u l-Għawdxin kollha. Nixtieq nissottolinja wkoll li din hija proposta tajba li kienet ukoll fil-manifest elettorali tal-Partit Nazzjonalista fl-elezzjoni ġenerali li għaddiet u kien hemm proposti simili f'dak tal-Partit Laburista.

Għaldaqstant inħeġġeġ lil din il-Kamra biex tħares lil hinn mill-ilwien politiċi u tħares biss lejn il-ġejjieni, lejn il-futur tal-ġenerazzjonijiet Maltin u Għawdxin, li lkoll naqgħu taħt l-abjad u l-aħmar tal-bandiera Maltija. Ejjew ningħaqdu, Gvern u Oppożizzjoni, għal Awtorità li ma tkunx qiegħda hemm biss għax-show, bħala magna ta' impjiegi imma bħala blueprint, għal futur aktar san u ambjent aħjar għal Malta għax inkella l-ġenerazzjoni tiegħi u dawk ta' warajja mhux se jaħfrulna talli m'aġixxejniex u ma ħadniex passi meta stajna.

Din il-proposta ta' liġi tipproponi l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima bħala l-awtorità nazzjonali kompetenti u responsabbli għall-eżerċizzju tal-azzjonijiet dwar il-klima, sabiex tikkordina u tissorvelja politika u miżuri ta' mitigazzjoni, u tissorvelja politika dwar kwestjonijiet anċillari u sabiex tipprovdi għar-rapportar ta' tali azzjonijiet dwar il-klima kif meħtieġ. Din hija xi ħaġa tajba li tikkumplimenta l-viżjoni tagħna għal din l-Awtorità. Però hemm potenzjal għal aktar, l-ewwel nett f'termini ta' pubblikazzjoni ta' rapporti.

Meta bħala leġiżlaturi nitkellmu fuq kwestjonijiet tekniċi nagħrfu l-importanza ta' data xierqa. Mingħajr ċerta informazzjoni huwa impossibbli tagħraf il-problema u wisq inqas tkun kapaċi ssolviha. B'hekk inħeġġeġ tibdiliet fir-regolamenti tal-Awtorità sabiex il-pubblikazzjoni ta' rapporti tkun aktar ta' spiss, b'time frames regolari u adegwati, kif ukoll l-Awtorità u l-Kunsill ikunu kapaċi jidhru quddiem il-kumitati parlamentari għal skrutinju fuq din il-ħidma. F'dan ir-rigward il-liġi tgħidilna biss li l-Ministru għandu jirrapporta lill-Kamra fuq bażi annwali l-progress reġistrat fl-azzjoni tal-klima. B'hekk nappella li din l-Awtorità tkun marbuta li tippubblika quddiem il-Parlament aktar rapporti u informazzjoni li tkun aċċessibbli għal kulħadd.

Fuq punt differenti, il-liġi tindika li l-Awtorità se żżomm konsultazzjonijiet regolari mal-pubbliku, mas-soċjetà ċivili, NGOs, imsieħba soċjali u stakeholders. Hawnhekk nistaqsi għalfejn din l-istrateġija ma ġietx adottata għat-tħejjija tal-Awtorità. Għalfejn dawn in-nies kollha ma ġewx ikkonsultati sabiex jgħinu u jikkontribwixxu fit-tħejjija tal-Awtorità permezz ta' white paper, pereżempju?

Ninnota wkoll li ftit li xejn hemm dwar checks and balances fuq l-istess Awtorità, speċjalment rigward kif jinħatru l-membri tal-Bord tal-Awtorità. Il-liġi tgħidilna biss li għandu jkun hemm mill-inqas żewġ membri b'esperjenza u tagħrif f'materji li jikkonċernaw it-tibdil fil-klima. Dan m'għandux ikun l-istandard bażiku ta' kull membru fuq awtorità dwar it-tibdil fil-klima? Għalfejn nillimitaw ruħna għal tnejn min-nies biss li jkollhom dan it-tagħrif? Aħna rridu l-aqwa mħuħ ta' pajjiżna jħejju t-triq 'il quddiem, jew din l-Awtorità se tintuża biss biex tagħti impjiegi politiċi?! Aħna rridu pjan għall-ġejjieni jew nies jinħatru għal skop politiku?

F'dan l-Abbozz ta' Liġi naraw ukoll li dan il-Bord għandu jiltaqa' mhux inqas minn ħames darbiet fis-sena u għandu jirrapporta lill-Kamra mhux inqas minn darba fis-sena. Fil-fehma tagħna dan mhuwiex biżżejjed, la bħala checks and balances u lanqas bħala standard għall-output ta' dan l-istess Bord. Minflok għandna nilleġiżlaw b'tali mod li ċ-chairperson u s-CEO tal-Awtorità jidhru quddiem il-kumitati parlamentari b'mod aktar regolari.

Bħala Oppożizzjoni għedna kemm-il darba li kwestjoni bħat-tibdil fil-klima ma tistax tiġi trattata waħedha f'kaxxa. Jekk verament irridu bidla, għandna nikkonsidraw it-tibdil fil-klima f'kull qasam ta' ħajjitna, fil-mod kif naħdmu, kif naslu minn post għal ieħor, kif nibnu, sal-arja li nieħdu nifs minnha. Din hija xi ħaġa fundamentali għall-ħidma kontra t-tibdil fil-klima. Irridu nagħmlu kulma nistgħu biex inkunu ħolistiċi. B'hekk, punt ċentrali li nixtieqi nisħqu fuqu u nitolbu min-naħa tal-Gvern huwa li kull Ministeru għandu jkollu rappreżentant iffokat fuq it-tibdil fil-klima, li jevalwa l-konformità mal-obbligazzjonijiet internazzjonali marbuta mat-tibdil fil-klima biex dawn l-istess rappreżentanti mhux biss iwieġbu lill-Ministru kkonċernat imma wkoll liċ-chairperson tal-Kumitat ħalli dan ikun jista' jikkordina b'mod orizzontali. Raġuni oħra għalfejn qed nipproponi rappreżentant hija għax finalment huma l-entitajiet tal-Gvern li għandhom l-akbar ħtija fl-emissjonijiet.

Dan huwa Abbozz ta' Liġi kuraġġuż għax jagħraf il-bżonn għal aktar azzjoni klimatika u l-bżonn ta' aktar ħidma biex niksbu newtralità klimatika sal-2050, li aħna marbutin biha bil-liġi internazzjonali. Biex naslu hemm irridu nagħrfu xi nuqqasijiet f'dan l-Abbozz ta' Liġi, li għadu juża ċertu kliem tal-liġi li huma antiki u ta' qabel il-Ftehim ta' Pariġi. Hemm ukoll nuqqas ta' kjarezza, speċjalment fid-definizzjoni ta' "tibdil

fil-klima", li mhijiex faċli biex tifhem u b'hekk tissolva. Għalkemm hemm miri pożittivi għall-Awtorità, miri settorjali għall-mitigazzjoni u adattament biex nilħqu l-obbligi klimatiċi, l-Abbozz ta' Liġi ma jlissinx kelma dwar kif għandna naslu hemmhekk. Hija idea tajba, però ftit fl-arja.

Irrid infakkar ukoll li l-mandat tal-Awtorità mhuwiex wieħed ġdid għax l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi diġà għandha ċerta awtorità fuq is-suġġett. B'hekk nixtieq kjarifika dwar x'se jkun qed jiġri f'każ ta' overlapping bejn dawn il-mandati.

Ma nistax nifhem ukoll għaliex m'hemmx rappreżentanza adegwata ta' NGOs, imsieħba soċjali u stakeholders fuq il-Bord kif hemm fuq il-bord tal-ERA. Dawn huma ftit mill-punti li naħsbu li għandhom jiġu indirizzati b'mod immedjat sabiex verament insaħħu mhux biss l-Awtorità imma wkoll il-ħidma tagħha u l-kwalità ta' din il-ħidma.

Sur President, nerġa' nagħmel l-appell tiegħi biex naħdmu flimkien u npoġġu madwar mejda biex inħarsu l-futur ta' pajjiżna u l-ambjent tagħna. Qed nagħmel dan l-appell fid-dawl ta' statistiċi li ġew żvelati dan l-aħħar li jgħidu li Malta għandha l-ogħla dipendenza fuq sorsi ta' enerġija li jniġġsu fl-Unjoni Ewropea. L-aqwa fl-Ewropa f'xi ħaġa, hux hekk?! Dan ġie żvelat mil-Eurostat il-ġimgħa li għaddiet.

Il-problema mhijiex biss statistiċi u numri. Biżżejjed wieħed jiftakar fl-esperjenza li għadda minnha pajjiżna s-sajf li għadda meta kollox ikkollassa u l-Gvern ġie jgħidilna li l-cables ma ħadmux minħabba s-sħana! Jekk il-Gvern verament jemmen in-narrattiva tiegħu stess, ejjew naraw li nieħdu passi konkreti biex nindirizzaw din il-problema. Ejjew naħdmu biex is-sitwazzjoni ma tirrepetix ruħha u din l-Awtorità jkollha r-riżorsi meħtieġa biex taħdem. Nagħmel dan l-appell biex fl-2024 Malta ma terġax taqa' sitt postijiet fil-climate change performance index hekk kif waqajna s-sena li għaddiet. Is-sena li għaddiet kienet ukoll l-aktar sena sħuna reġistrata f'125,000 sena.

Ejjew naraw li jkollna ħidma li toffri soluzzjonijiet li huma viċin in-nies, viċin il-komunità, li kulħadd iħoss id-differenza tagħhom, billi nżidu l-ħdura u s-siġar kif ukoll aktar postijiet miftuħa u naturali. Ejjew inħarsu l-ftit siġar ta' pajjiżna u mhux naqtgħulhom rashom. Mezzi ta' trasport bħall-metro u trasport pubbliku effiċjenti u enerġija rinnovabbli huma affarijiet li għandna bżonn illum qabel għada biex innaqqsu t-tniġġis u naħdmu għal kwalità ta' arja aħjar. Dawn għandhom ikunu l-iskopijiet ta' din l-Awtorità, li taċċerta l-implimentazzjoni ta' proġetti sostenibbli u ċirkulari f'kull settur.

L-Abbozz ta' Liġi jsemmi ħidma li tikkonċerna n-National Energy and Climate Plan. Sfortunatament dan il-pjan li Malta żżid is-sehem tagħha ta' enerġija rinnovabbli b'1.5% biss baqa' wegħda u ta' dan ġejna kkritikati mill-Kummissjoni Ewropea għan-nuqqas ta' ambizzjoni. Hawnhekk nistaqsi jekk l-Awtorità hijiex se tkun f'pożizzjoni li tkabbar il-miri tagħna aktar mill-iċken minimu li hemm bħalissa.

Sur President, jien nilqa' dan l-Abbozz ta' Liġi imma nerġa' nisħaq illi rridu nagħmlu aktar u nispera li dawn il-proposti ma jiġux impinġija bħala partiġjani u jaqgħu fuq widnejn torox. Nestendi l-id tal-koperazzjoni lill-Gvern għax fl-aħħar mill-aħħar ir-realtà tibqa' waħda, li jekk ma naġixxux se nkunu qegħdin nikkundannaw il-ġenerazzjoni tiegħi u ta' warajja għall-infern fuq wiċċ id-dinja. Diġà qegħdin tard u ċerta ħsara ma tistax tiġi riparata. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Stanley Zammit.

**ONOR. STANLEY ZAMMIT:** Sur President, jekk f'din il-Kamra ħafna drabi b'mod infantili nipprovaw insibu d-data meta telgħet jew niżlet ix-xemx fuq pajjiżna dwar xi materja jew oħra, żgur lil ma jagħmilx sens li nittantaw li nagħmlu l-istess dwar it-tibdil fil-klima. Li hu żgur hu li huwa xjentifikament ipprovat li r-rata fit-tibdil fil-klima tiddependi ħafna mill-attività u mill-azzjoni tal-bniedem jew min-nuqqas tagħha, inkluża l-azzjoni politika. Għalhekk, filwaqt li huwa importantissimu li nħarsu lura u nitgħallmu mill-iżbalji li aħna, pajjiżna, l-Ewropa u d-dinja għamilna fil-passat, ejjew napprezzaw li issa qed naqblu li jekk ma ninbidlux illum qabel għada, illum jew għada t-tibdil fil-klima se jbiddel lilna. Minflok nidħlu f'battibekki li probabbilment ma jwassluna mkien u għal xejn, bħalma ġara kemm-il darba, nippreferi u qed napprezza dan id-dibattitu san fuq deċiżjoni politika tajba sabiex dak li qed jiġi propost ikun aħjar, aktar effettiv u aktar effiċjenti.

Il-kelliema ta' qabli, l-Onor. Albert Buttigieg ilbieraħ u l-Onor. Eve Borg Bonello u l-Onor. Rebekah Borg illum, diġà għamlu aċċenn għall-fatt li l-Partit Nazzjonalista, għax fehem li jekk ma nagħmlux it-tibdiliet meħtieġa t-tibdil fil-klima se jibdel lilna għall-agħar, għax fehem li t-tibdil fil-klima huwa l-akbar sfida li għandna quddiemna u li se jiffaċċjaw il-ġenerazzjonijiet futuri, għax fehem li din l-isfida m'għandhiex fruntieri nazzjonali imma kull pajjiż għandu dmir li jagħmel il-parti tiegħu, għax fehem il-ħtieġa li nirrispondu b'urġenza għal din l-emerġenza dinjija, wiegħed u qiegħed jaħdem, anke bis-sapport lejn dan l-Abbozz ta' Liġi, sabiex pajjiżna jkun mudell fit-tibdil meħtieġ għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

Kif diġà għedt, kulħadd f'din il-Kamra qed jaqbel ma' din il-viżjoni u sabiex naslu għal din il-viżjoni ma nistgħux nindirizzaw din il-problema b'miżuri iżolati, kif kultant għamilna. Il-pajjiż għejja jagħqad fi ċrieki. Ilna nitkellmu mill-2008 dwar din l-Awtorità jew aġenzija jew xi ħaġa simili, sejħilha li trid. Fil-fatt kien twaqqaf unit fi ħdan il-MEPA, imbagħad fi ħdan l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi, imma minflok dan il-unit żviluppa, kiber u sar aktar b'saħħtu biex iwieġeb għall-ħtieġa dejjem ikbar u dejjem aktar urġenti, dan il-unit iddiżintegra fl-ispezzar tal-ħafna awtoritajiet u repubbliki li twaqqfu matul is-snin.

Din dejjem kienet il-kritika tiegħi u hija l-istess bħal meta nikkritika s-separazzjoni netta u sfurzata bejn l-ambjent u l-ippjanar, fejn qisna qed nitkellmu fuq żewġ galassji differenti. Qed naqblu mat-twaqqif tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima imma rridu aktar minn hekk u minn dak li huwa maħsub f'dan l-Abbozz ta' Liġi, li jgħid hekk:

> "L-għan ta' dan l-Att huwa li jistabbilixxi qafas għall-azzjoni klimatika u sabiex jipprovdi għall-istabbiliment ta' korp ġuridiku li għandu jkun magħruf bħala l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima li għandha tkun l-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għall-eżerċizzju tal-azzjoni dwar il-klima, sabiex tikkoordina u tissorvelja l-politika u l-miżuri ta' mitigazzjoni u adattament u kwalunkwe kwistjonijiet anċillari għalihom jew konnessi magħhom u sabiex tipprovdi għar-rapportar ta' tali azzjoni dwar il-klima, kif meħtieġ."

Sur President, se ngħid għaliex qed nenfasizza fuq dan il-proċess sħiħ, ħolistiku u kontinwu ta' titjib, li bl-Ingliż insejħulu continuous improvement process. L-ewwel nett għax dan mhuwiex proġett, mhuwiex eżerċizzju, mhuwiex xi ħaġa li għandha bidu u għandha tmiem, qatt m'aħna se nkunu wasalna. Dan huwa proċess kontinwu b'numru ta' miri li għandhom jintlaħqu fiż-żmenijiet stabbiliti minn qabel u li jiġu riveduti kontinwament, kemm skont il-progress li jkun sar kif ukoll skont iċ-ċirkostanzi li dejjem jinbidlu. Kif jgħidu, l-unika ħaġa li ma tinbidilx hija l-bidla!

It-tieni, għandu jkun proċess sħiħ u ħolistiku għax ta' kuljum qegħdin ngħixu l-ħolma kerha ta' awtorità li tkun sempliċement konsulent, kważi kważi opinjonista, f'xi proċess ieħor. L-eżempju klassiku huwa dak tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi li hija meqjusa bħala konsulent, nerġa' ngħid, jekk mhux biss bħala opinjonista, tal-Awtorità tal-permessi, dik li suppost hija l-Awtorità tal-Ippjanar. L-istess is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, li toħroġ rapporti, ħafna minnhom dettaljati, kollha studjati, imma sempliċement jiġu injorati. X'jiswew dawn ir-rapporti u dawn ir-rakkomandazzjonijiet jekk meta niġu għas-*si* u n-*no*, dawn jiġu mwarrba u injorati?

Sur President, waħda mill-funzjonijiet li se jkollha l-Awtorità proposta f'dan l-Abbozz ta' Liġi hija li tiżgura li fuq il-politika u l-leġiżlazzjonijiet kollha li jkollhom impatt dirett fuq it-tibdil fil-klima, issir konsultazzjoni magħha jew ma' kumitat li jkun stabbilit speċifikament mill-istess Awtorità, li huwa tajjeb. Huwa tajjeb ukoll li fil-konsultazzjonijiet l-entitajiet responsabbli mill-abbozzar tal-politika jew mil-leġiżlazzjonijiet proposti, bħal pereżempju l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni jew l-Awtorità tal-Ippjanar, jistabbilixxu u jippreżentaw l-għanijiet prinċipali tal-proposti tagħhom u jidentifikaw b'mod speċifiku dawk l-aspetti li jkunu se jaffettwaw l-azzjoni favur il-klima. Il-mistoqsija toħroġ waħedha: Fil-prattika, kif se jkun dan il-proċess?

Fil-ħafna każijiet fejn m'għandniex standards, jew pereżempju fin-nuqqas tal-kodiċi tal-bini, li f'dan il-każ għandu jinkludi mhux biss id-disinn imma wkoll x'materjali għandhom jiġu użati, il-proprjetajiet tal-materjali li jistgħu jew għandhom ikunu użati, u allura b'mod sħiħ dan direttament jew indirettament se jkun qiegħed

jaffettwa l-miri dwar it-tibdil fil-klima, ta' min se tkun il-kelma finali? Min se jikkonsulta lil min u min se jiddeċiedi fl-aħħar?

Hawnhekk irrid insemmi l-punt li t-tibdil fil-klima jsir b'mod kontinwu imma b'rata li ħafna drabi ma tinnotahiex. Wara li jsir id-diżastru wieħed jinduna b'dak li jkun ġara. Is-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said semmiet każijiet tipiċi fl-ibħra, li huwa proċess bil-mod u li bilkemm tintebaħ bih, imma ġaladarba jkun ġara, ikun ħafna aktar diffiċli biex treġġgħu lura. Għalhekk jien nemmen fil-kunċett ħolistiku u f'ekosistemi, anke b'infrastruttura leġiżlattiva, – sejħilha li trid, pjattaforma leġiżlattiva, framework leġiżlattiv – li jiffunzjonaw, li jkunu sostenibbli u li jkunu marbuta waħda mal-oħra u mhux ħafna sistemi, satelliti, iżoli, li l-komunikazzjoni bejniethom tiddgħajjef jew tkun b'saħħitha skont min ikun qed imexxi. Tali sistemi ma jiġux waħedhom. Hekk, neħduhom kif jiġu! Tali sistemi jsiru bi skop u jridu jkunu maħsuba minn qabel. U f'dan il-każ dan huwa l-mument li naħsbu fuqhom.

Funzjoni oħra proposta għall-Awtorità hija li tipprovdi għall-ġbir, l-ipproċessar, it-tqabbil u l-interpetazzjoni ta' data relatata mal-azzjoni klimatika b'konjizzjoni ta' data relatata mal-ekonomija lokali u mal-obbligi internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea, li huwa tajjeb. Dan l-Abbozz ta' Liġi jgħid li din l-Awtorità trid ukoll tipprovdi li tali persuni li jwettqu attivitajiet li jistgħu jaffettwaw il-klima, kif jista' jkun preskritt, jirrapportaw tali informazzjoni u data lill-Gvern fuq bażi regolari jew fuq verżjoni elettronika. Aħna naqblu, anke jekk kienu jgħajruna li rridu nżidu l-piż fuq l-industriji u n-negozji. Imma din hija neċessità, tajba jew ħażina hija bżonjuża, hija bżonn għal sistema li tikkoreġi lilha nnifisha. Fl-aħħar mill-aħħar għalhekk dan huwa proċess, għax tali data tgħin lill-istess sistema biex tallinja, tikkoreġi, tiddirezzjona lilha nnifisha.

Ladarba qed insemmi dan, huwa tajjeb li nfakkru li l-Partit Nazzjonalista kien ippropona li permezz tal-kriterji ambjentali fil-qafas tal-ESG għandhom jiddaħħlu iktar miżuri li jinċentivaw biss attivitajiet ekonomiċi li ma jmissux il-qafas tat-tassazzjoni imma li jittrasformawh f'wieħed li jippremja lil min hu sostenibbli. Fil-fatt, għamlet ukoll aċċenn għal dan qabli l-Onor. Rebekah Borg, għax dan huwa eżempju ta' ekosistema fejn qed norbtu s-sistema tat-tassazzjoni mas-sistema li qiegħda timmonitorja u tieħu ħsieb l-aspett ta' tibdil fil-klima.

Dawn it-tipi ta' rabtiet, dawn il-mezzi ta' kuntatti, għandhom jeżistu f'kull livell orizzontali u vertikali. Nieħdu, pereżempju, is-sistema edukattiva. Huwa meħtieġ ħafna li fis-sistema edukattiva tagħna sa miż-żmenijiet bikrin, sa minn etajiet żgħar, it-tfal mhux biss għandhom ikunu konxji imma għandhom ikunu involuti f'dan il-proċess ta' titjib fil-klima, mhux biss bi proġetti żgħar imma wkoll b'diskussjoni u involviment sħiħ.

Dan l-Abbozz ta' Liġi għandu jagħmel referenza għal dawn l-azzjonijiet. Fejn is-sistemi ma jkunux gżejjer, ma jkunux maqtugħin waħda minn oħra imma magħqudin b'mod li s-sistema taġevola l-prestazzjoni ta' sistema oħra, se naslu għal miri komuni. U x'hemm miri aktar komuni minn dawk relatati mat-tibdil tal-klima ġaladarba jaffettwaw bl-aktar mod dirett il-kwalità tal-ħajja tagħna?

Meta fl-2015 in-Nazzjonijiet Uniti ssettjaw l-aġenda għall-iżvilupp sostenibbli tal-2030, dawn ma waqfux biss fuq il-kostruzzjoni, fuq it-tniġġis, fuq l-ambjent, fuq it-tibdil fil-klima jew fuq l-enerġija, imma għamlu 17-il mira ta' żvilupp sostenibbli, inkluża l-azzjoni favur il-klima. L-oġġettivi ta' din l-aġenda flimkien mal-ftehim ta' Pariġi huma ħolistiċi, fosthom li jiġi eliminat il-faqar, li nipproteġu d-dinja tagħna, li nassiguraw li l-popli kollha jgawdu mill-paċi u l-prosperità. Mhuwiex possibbli li waħda minn dawn tkun teżisti waħedha. Mhuwiex possibbli li nagħmlu progress f'waħda u rigress fl-oħra. Kien għalhekk li ħarġu dawn is-17-il mira speċifika, magħrufa bħala s-Sustainable Development Goals (SDGs), li huma miri globali imma adattabbli għal kull pajjiż, mhux inqas għal pajjiżna.

Bħala pajjiż ikkommettejna ruħna għal dan il-proċess kontinwu, mhux proċess lineari, f'linja dritta, imma huwa proċess spirali, bħal garigor, fejn permezz ta' ekosistema ħolistika l-pajjiż jippjana, jimplimenta, ikejjel, jikkoreġi u jtejjeb il-pjan u jerġa' jibda ċ-ċiklu. U ċiklu wara ieħor, dan il-proċess irid iwassal lil kull wieħed u waħda minna individwalment u flimkien bħala pajjiż għal sostenibbiltà fid-dimensjonijiet kollha, dawk ekonomiċi, soċjali, ambjentali, governanza tajba u mhux l-inqas, ma' dawk relatati mat-tibdil fil-klima.

Sur President, awtorità bħal din jeħtieġ li tkun xempju fejn jidħlu r-rapporti u tanalizza r-riżultat u mhux biss tkun rapporteur ta' dak li jkun sar. Trid tkun awtorità dixxiplinata, li dawn ir-rapporti mhux joħorġu xi 12-il xahar wara l-perjodu analizzat, bi statistika ta' xi 12-il xahar qabel, għax allura dak li jkun meħtieġ li jsir, anke jekk isir immedjatament, diġà jkun tard. Ħafna mill-istatistika tista' tkun online, u għamlet referenza għal dan l-Onor. Borg meta qalet dwar l-importanza tat-teknoloġija anke biex tinġabar l-informazzjoni u jkollna data li tkun fil-ħin, eżatta u kalibrata, u b'hekk l-azzjonijiet tagħna jistgħu jkunu aktar spediti.

Dawn ir-rapporti għandhom – u huwa tajjeb li l-Abbozz ta' Liġi qiegħed jipproponi dan ukoll – ikunu mressqa quddiem il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Permezz ta' dawn ir-rapporti u studji xjentifiċi dan il-Kumitat jista' jżid l-għarfien meħtieġ għal meta jkun qiegħed jiddiskuti materji oħrajn li forsi ma jidhrux li huma daqstant relatati. Permezz ta' rappurtaġġ serju u analiżi xjentifika tissaħħaħ ukoll l-ekosistema billi dan il-Kumitat ikun parti minn din l-ekosistema, sabiex ikun parti mill-azzjoni biex jagħti direzzjoni, jikkoreġi u jwassal għall-miri li qegħdin nitkellmu dwarhom.

Irrid ikun assigurat li din l-Awtorità ma tgħaddix mill-istess diffikultajiet li jgħaddi minnhom l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, pereżempju, fejn ħafna mill-informazzjoni jew titqassam tard, jew tkun nieqsa, jew inkella tkun fuq bażi volontarja u allura l-kwalità tad-data u tar-rapporti ma tkunx daqstant tajba. Dan japplika l-iżjed meta din id-data tintalab mill-privat.

Sur President, sinċerament nittama li din l-Awtorità ma tkunx kreattiva u innovattiva biss dwar kif se tiġġustifika ingaġġ ta' nies tal-qalba u fil-ġenerazzjoni u fl-interpretazzjoni ta' patafjun dokumenti. Qed infittxu azzjoni favur il-klima, azzjoni konkreta. L-azzjoni dwar it-tibdil tal-klima paripassu mal-iżvilupp sostenibbli u mal-kumplament tal-SDGs teħtieġ bidla fil-kultura biex b'hekk kulħadd jiġbed ħabel wieħed u fl-istess direzzjoni. Nappella biex naħdmu bis-serjetà biex verament ikollna ekosistema komprensiva u sostenibbli li tibbilanċja l-ħteġijiet soċjoekonomiċi futuri u l-politika settorjali mal-ħtieġa li tinżamm kwalità ambjentali tajba, inklużi l-protezzjoni ta' riżorsi naturali u l-bijodiversità u li twassal għal kwalità ta' ħajja aħjar għal kull wieħed u waħda minna, b'mod sħiħ, illum u għada, għalina u għal ta' warajna. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Aktar rimarki? Il-Ministru Clayton Bartolo.

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika):** Sur President, nirringrazzja lill-Ministru Miriam Dalli talli qed tressaq 'il quddiem dan l-Abbozz ta' Liġi fuq azzjoni dwar il-klima, li permezz tiegħu qed naraw li nwaqqfu Awtorità ġdida li se tkun responsabbli proprju mit-tibdil fil-klima.

Se nkun qed niffoka fuq is-settur tat-turiżmu, li jien responsabbli minnu, anke għaliex huwa mistenni li t-tibdil fil-klima se jkollu impatt dejjem jiżdied fuq it-turiżmu. Fuq livell internazzjonali, huwa mistenni li jkollna żidiet fit-temperaturi matul ix-xhur kollha tas-sena kollha. Din hija xi ħaġa li qegħdin ngħixuha ta' kuljum, episodji ta' maltemp li jkun anke estrem, fejn ikollok postijiet li tagħmel ix-xita meta ma tkunx qed tistennieha, postijiet oħrajn fejn ikollok żieda fin-nixfa jew inkella jkollok żieda fil-livell tal-baħar li jkun qiegħed jimpatta x-xtut, kemm ta' pajjiżna u anke ta' pajjiżi oħrajn, b'mod partikolari madwar il-Mediterran għaliex qed nitkellmu dwar l-impatt reġjonali li jista' jkollna. Dawn kollha huma impatti li wieħed iqishom bħala negattivi. Ftit huma l-impatti pożittivi li jista' jkollna. B'mod partikolari, jista' jkollna impatt negattiv fuq l-attrazzjoni tal-gżejjer Maltin bħala destinazzjoni turistika.

Minkejja dan, nemmen li dwar dan is-suġġett m'għandniex inkunu negattivi iżda għandna nkunu proattivi u realistiċi sabiex naraw li dak li hemm bżonn isir, ikun qiegħed isir fil-verità. Għaldaqstant irridu nkomplu nsegwu x-xejriet internazzjonali, irridu nkomplu nsegwu dak kollu li jkun qiegħed jiġri u jiġi proġettat fuq livell reġjonali tal-Mediterran. Anke fejn jidħlu swieq turistiċi, irridu naraw x'qed jagħmlu kompetituri ewlenin tagħna ftit kilometri 'l bogħod minna sabiex naraw li nkunu leaders ukoll f'dan l-aspett turistiku fir-reġjun tal-Mediterran fejn jidħol it-tibdil fil-klima.

Sur President, huwa fatt stabbilit u li ma jmerih ħadd li t-turiżmu huwa wieħed mill-pilastri ekonomiċi ta' pajjiżna. L-ekonomija tagħna hija mibnija fuq diversi pilastri ekonomiċi iżda naħseb li t-turiżmu huwa wieħed mill-iktar, jekk

mhux l-iktar, li jiġi affettwat mit-tibdil fil-klima. Din hija attività li mhux biss għandha impatt dirett għoli u anke rilevanti ħafna fl-isfond soċjoekonomiku ta' pajjiżna, imma għandha impatt indirett li jassigura l-benefiċċju tan-nefqa turistika li tmur lejn firxa wiesgħa tas-soċjetà Maltija.

Huwa fatt ukoll li l-attività turistika ma taħdimx f'silo, jiġifieri mhijiex iżolata mill-kumplament tal-ekonomija tal-pajjiż, imma għandha rabta b'saħħitha ħafna ma' diversi aspetti oħrajn ta' pajjiżna. Pereżempju nsemmi l-kostruzzjoni, it-trasport, il-produzzjoni u l-konsum tal-ikel, u sussegwentement ukoll l-iskart u l-ġenerazzjoni tal-iskart u l-immaniġġjar ta' dik il-ġenerazzjoni tal-iskart, is-settur tal-bejgħ, is-settur kulturali u diversi setturi oħrajn li t-turiżmu jmiss magħhom.

Wara l-pandemija tal-COVID-19 rajna wkoll kif is-settur turistiku huwa relattivament abbinat mal-qasam tas-saħħa. Minħabba l-pandemija waqaf l-ivvjaġġar u n-nies ma setgħux isiefru minn destinazzjoni għall-oħra u allura ġie affettwat ukoll it-turiżmu. Għaldaqstant it-tibdil fil-klima qiegħed jimpatta kemm b'mod dirett u anke b'mod indirett it-turiżmu. U dan iseħħ għaliex kif kont qed nispjega, it-turiżmu huwa attività orizzontali li tinfluwenza u tiġi influwenzata minn firxa wiesgħa ta' fatturi u aspetti li jirrappreżentaw kważi kull aspett tal-ħajja f'pajjiżna.

Fost l-iktar impatti diretti għandna l-prevalenza ta' temperaturi iktar għoljin u anke estremi matul is-sena, speċjalment matul ix-xhur tas-sajf, li allura se timpatta b'mod ħażin it-turiżmu li jiddependi fuq kondizzjonijiet meteoroloġiċi li jippermettu li n-nies ikunu jistgħu joqogħdu fuq barra mingħajr ma jkollhom riskji fiżiċi. Il-fatt li jkollok temperaturi li tant kemm ikunu għoljin ifisser li n-nies fis-sajf ma jkunux jistgħu joqogħdu fejn il-baħar, pereżempju, se jwassal biex it-turiżmu f'dak iż-żmien partikolari jkun affettwat b'mod negattiv. Għandek ukoll il-fatt li l-maġġoranza tal-infrastruttura turistika tagħna, u allura qed nirreferi għall-akkomodazzjoni, ristoranti, il-bliet kostali, il-portijiet u anke l-irmiġġi li jinstabu f'inħawi baxxi tal-pajjiż, huma f'riskju ogħla jekk ikun qed jogħla l-livell tal-baħar.

Hemm ukoll l-impatt ta' miżuri internazzjonali li jkunu intiżi sabiex inaffru s-safar bl-ajru permezz ta' ċerti taxxi, li mbagħad dawn inaqqsu l-kompetittività tagħna bħala destinazzjoni. Dawn żgur li jaffettwana b'mod ħażin ħafna. Dan jiġri għaliex filwaqt li pajjiżi oħrajn għandhom diversi mezzi ta' kif wieħed jista' jmur lejhom, 99% tat-turisti li jiġu f'pajjiżna jiġu hawnhekk bl-ajru. Għalhekk, jekk ser ikun hemm taxxi li b'xi mod jew ieħor jimpattaw il-prezzijiet tal-ivvjaġġar bl-ajru, dawn ser ikunu qegħdin inaqqsu l-kompetittività tal-pajjiż meta għandek pajjiżi oħrajn ftit passi 'l bogħod, bħall-Italja u Franza, li wieħed jista' jmur għalihom bil-karozza, bid-dgħajsa, bil-ferrovija jew anke bl-ajru. Għalhekk ikun hemm diversi għażliet oħrajn x'wieħed jista' jagħmel, iżda biex turist jiġi Malta jrid bilfors jiġi bl-ajru. U allura din se tkun qiegħda tnaffar it-turiżmu mhux bi ftit.

Dan il-fenomenu taż-żieda fit-temperaturi jġib ukoll tibdil fil-pajsaġġ Malti, pereżempju pajsaġġ inqas aħdar, telf ta' bijodiversità, telfien ta' postijiet bis-siġar minħabba nar jew inkella nixfa, telfien ta' prodotti agrikoli, baħar li jitlef it-trasparenza tiegħu, li jżid l-aċidità jew inkella jbati minn episodji straordinarji, bħalma huma l-bram. Dawn huma kollha aspetti li jintużaw fil-promozzjoni tad-destinazzjoni, u t-telfien tagħhom ser jimpatta b'mod negattiv ħafna fuq l-immaġini ta' pajjiżna. Għalhekk, filwaqt li għandna dawn kollha li kapaċi jimpattaw il-pajsaġġ tagħna, hawn irrid nappella biex meta xi nies imorru jikkampjaw f'xi masġar, joqogħdu attenti li ma jqabbdux nar taħt is-siġar. Saħħa diġà għandna dawn l-isfidi tal-klima, ejjew ma nkunux aħna stess li nqabbdu n-nar taħt is-siġar jew inkella nħammġu l-imsaġar għad-detriment ta' dawk il-postijiet.

Sur President, it-tibdil fl-istaġjonalità li qegħdin nesperjenzaw bħalissa ser iwassal ukoll sabiex jiqsar l-istaġun turistiku. F'Malta bħalissa ngawdu minn 12-il xahar fis-sena u allura jekk jiqsar dan l-istaġun turistiku, se jħalli impatt negattiv fuq is-sostenibbiltà u l-profitabilità tal-industrija turistika Maltija. Għalhekk, qegħdin naħdmu biex ikollna iżjed niċeċ turistiċi li jħeġġu lit-turisti jiġu lejn pajjiżna li jmorru lil hinn mill-istaġun turistiku tradizzjonali, biex insejħulu hekk. Illum il-ġurnata l-istaġun tas-sajf lanqas għadek tista' tgħid li huwa l-istaġun turistiku, l-ewwel nett għaliex qed naħdmu biex innaqqsu l-impatt tax-shoulder months iżda aktar minn hekk, wieħed m'għadux jistagħġeb jekk ikollok xi maltempata fix-xhur tas-sajf għax jekk forsi sa ftit snin ilu din ma kenitx xi ħaġa li tiġri, illum il-ġurnata din qiegħda tiġri iktar. Imbagħad

għandek ukoll il-fatt li matul ix-xhur tax-xitwa mhix qed tagħmel daqshekk xita u dan jaffettwa l-punti li semmejt iktar qabel.

Hemm impatti indiretti oħrajn ukoll. Pereżempju hemm theddida iktar b'saħħitha għall-ilma tal-pjan minħabba n-nuqqas ta' xita u s-salinità minħabba livelli ogħla tal-baħar. Ma' dan irrid inżid ukoll il-produzzjoni dejjem iktar tiżdied ta' ilma tax-xorb. Jien informat li f'Jannar ta' din is-sena diġà kien hemm żieda fuq Jannar tas-sena l-oħra f'pajjiżna għaliex m'għamlitx xita u allura jfisser li ntuża iktar ilma li għandu bżonn iktar enerġija biex ikun prodott u jiġi kkonsmat.

Sur President, għandek ukoll ir-riskju li jiffaċċjaw elementi importanti għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tal-ilma li għadni kemm semmejt. Hemm il-vulnerabbiltà tal-portijiet marittimi li għandna dipendenza għolja ħafna fuqhom, kemm għat-traġitt tal-merkanzija kif ukoll għall-industrija tal-cruiseliners, li hija industrija li rridu nieħdu ħsiebha u naraw li tkompli tikber fil-ġejjieni. Forsi wieħed ma jqisx dawk il-kważi miljun passiġġier li ġew Malta abbord il-cruiseliners matul is-sena li għaddiet bħala turisti għaliex dawk ma jagħmlux overnight stay hawn Malta. Madanakollu, dawn xorta waħda huma importanti għall-ekonomija ta' pajjiżna għaliex dawk huma turisti li jkunu qed jonfqu l-flus f'dik il-ġurnata li jqattgħu hawnhekk. U iktar minn hekk, meta jiġu dik il-ġurnata hawn Malta mbagħad kapaċi jitħajru jiġu għall-btala tagħhom. Għalhekk, dik l-industrija wkoll huwa importanti li nieħdu ħsiebha u huwa tajjeb ħafna li l-Gvern qiegħed jimplimenta l-proġett tax-shore-to-ship biex naraw li fiż-żona tal-Port il-Kbir innaqqsu l-emissjonijiet iżda xorta waħda nżommu l-attività ekonomika li tant għandna bżonn biex inkomplu nsaħħu dejjem iżjed is-sostenibbiltà.

Għandna wkoll ir-riskju reali ta' livelli ogħla ta' refuġjati tal-klima mill-Kontinent Afrikan hekk kif hemmhekk qegħdin jiżdiedu t-territorji li m'għadhomx aktar abitabbli. Għandna pressjoni iktar qawwija fuq is-servizzi essenzjali fi sfond ta' emerġenzi aktar komuni li forsi jkunu itwal. Apparti minn hekk, għandna t-telfien ta' art li tispiċċa taħt l-ilma baħar jew tkun f'riskju għoli ta' għargħar meta f'pajjiżna diġà għandna ftit art u densità għolja ta' preżenza umana. Din hija xi ħaġa li rridu wkoll nippjanaw għaliha. Fl-aħħar mill-aħħar, ir-reazzjoni tagħna għal dan il-fenomenu ma tridx tkun waħda ta' mitigazzjoni biss, jew inkella waħda ta' adattament, iżda rridu nsibu dik formula tajba biex nimmitigaw u fl-istess waqt nadattaw ukoll għal dawn il-bidliet.

B'rabta mal-mitigazzjoni jeħtieġ ngħid li hemm ukoll il-miżuri internazzjonali li jridu jittieħdu mill-pajjiżi kollha tad-dinja, inkluż Malta, allavolja aħna l-iżgħar pajjiż. Hawnhekk irridu naraw dawn il-miżuri x'impatt ser ikollhom fuq l-ekonomija ta' pajjiżna, kif ukoll l-impatt soċjoekonomiku, li diġà għamilt aċċenn għalih. Pereżempju rridu naraw li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju fl-atmosfera u jiżdiedu l-isforzi sabiex ikun hemm qbid iktar effettiv tal-istess dijossidu tal-karbonju li jkun diġà meħlus sabiex jitnaqqas il-famuż greenhouse effect li qiegħed iwassal għal temperaturi iżjed għoljin. Dawn huma miżuri li huma suġġetti għal ftehimiet u trattati internazzjonali u anke f'livell Ewropew, u Malta diġà qed tagħmel l-isforzi tagħha biex tagħti kontribut permezz ta' firxa ta' miżuri li diġà ġew deskritti fit-tnedija ta' din l-Awtorità l-ġdida.

Sur President, il-miżuri ta' adattament mill-banda l-oħra huma dawk li jeħtieġ li nieħdu bħala pajjiż sabiex sakemm l-umanità jirnexxilha twaqqaf jew almenu ttaffi dawn l-effetti tat-tibdil fil-klima, inkunu nistgħu ngawdu miċ-ċertezza tal-kontinwità fl-isfond tal-kriżijiet potenzjali li diġà semmejt aktar kmieni. Huwa importanti ħafna li fil-ħidma tal-Awtorità dawn il-prijoritajiet turistiċi jingħataw l-importanza u l-attenzjoni li jeħtieġu sabiex ma niġux akkużati li aġixxejna tard wisq meta l-problemi mbagħad jibdew jinġemgħu.

Għaldaqstant dawn il-miżuri jridu jittieħdu anke fl-isfond ta' dak li għandna aħna, fl-isfond tal-ekonomija li għandna, fl-isfond tal-pilastri ekonomiċi, fosthom it-turiżmu, sabiex dak li nagħmlu jew inkella dak li jiġi propost, ma jħassarx u ma jtellifx mis-suċċess li ksibna fis-snin li għaddew u minn dak li rnexxielna nibnu bħala pajjiż, iżda jikkumplimenta dan kollu biex verament inkunu pajjiż sostenibbli. Is-sostenibbiltà li rridu naslu għaliha biex tkun verament sostenibbiltà tajba trid tkun qiegħda ġġib flimkien it-tliet pilastri tas-sostenibbiltà, jiġifieri l-aspett ekonomiku, l-aspett soċjali u l-aspett ambjentali. Jekk ma jkollniex it-tlieta li huma qegħdin jaħdmu flimkien u b'mod tajjeb, allura nitilfu l-bilanċ li tant huwa importanti li nsibu.

Min-naħa tal-Ministeru mmexxi minni, permezz tal-ħidma tal-Osservatorju Malti għat-Turiżmu fi ħdan l-Awtorità tat-Turiżmu, qegħdin naraw li niġbru iktar informazzjoni u nwettqu stħarriġ u noħolqu dashboards avvanzati li jgħinuna nifhmu iktar u nipproġettaw dejjem aħjar l-impatti li qed insemmi fuq l-industrija turistika ta' pajjiżna. Qegħdin insegwu wkoll id-diskussjoni internazzjonali fuq dan is-suġġett sabiex inkunu minn ta' quddiem fil-miżuri li nieħdu sabiex nippreservaw u nipproteġu t-turiżmu. Dan l-Osservatorju huwa wkoll parti mill-istrateġija ta' pajjiżna għal dawn l-għaxar snin li ġejjin fil-qasam turistiku.

Meta fformolajna l-istrateġija ta' pajjiżna, li se teħodna mill-2021 sal-2030, konna diġà qegħdin naraw li din se tkun waħda mill-isfidi li għandu s-settur tat-turiżmu. Għalhekk waqqafna dan l-Osservatorju li se jkun qed jara li l-istrateġija tkun qed tiġi implimentata u jekk ikun hemm bżonn, anke tinbidel għaliex l-istrateġija mhijiex sempliċement dokument ipprintjat fuq il-karta imma trid tkun dokument ħaj, li jekk hemm bżonn li tinbidel allura tinbidel skont l-eżiġenzi tal-pajjiż.

Min-naħa l-oħra, dan l-Osservatorju qiegħed jaħdem ħafna wkoll fuq l-aspett tat-tibdil fil-klima. Għalhekk qegħdin naraw kif se nadattaw ruħna, lil pajjiżna u lis-settur turistiku b'mod partikolari għal dawn l-isfidi ġodda li qegħdin niffaċċjaw. Hawnhekk tidħol ukoll l-importanza, li ħarġet minn diversi studji, li l-ajruplani li jtiru minn u lejn pajjiżna jkollhom seat load factor għoli sabiex jirnexxilna nġibu iżjed turisti bl-istess ammont ta' ajruplani. Dak ikun ifisser li ras għal ras inkunu qegħdin naħdmu biex innaqqsu l-emissjonijiet fl-ajru għat-turisti li jiġu.

Sur President, miżura speċifika oħra tal-istrateġija tagħna hija intiża sabiex tinkoraġġixxi l-kunċett ta' climate friendly travel billi nikkontribwixxu f'diskussjoni mmirata sabiex is-settur turistiku internazzjonali jagħmel l-almu tiegħu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet li jġibu t-tibdil fil-klima. Din hija inizjattiva li qed naħdmu fuqha flimkien. Apparti minn hekk, qed ninnotaw ukoll li t-turist tal-lum huwa iktar konxju mill-ambjent, u għalhekk ikun iktar imħajjar li jmur f'dawk il-pajjiżi li qed jaħdmu anke fuq dan l-aspett tat-tibdil fil-klima.

Għaldaqstant qegħdin naħdmu biex anke nżidu l-aspett edukattiv, li aħna nemmnu li huwa ċ-ċavetta tas-suċċess, nemmnu li huwa ċ-ċavetta li kapaċi tgħin lil pajjiżna jagħmel dik il-qabża fil-kwalità anke fit-turiżmu. Għal dan il-għan, l-ITS qed joffri l-uniku kors ta' diploma fi Climate Friendly Travel li hawn fid-dinja u qegħdin ukoll noffru boroż ta' studju lill-istudenti minn pajjiżi l-inqas żviluppati u stati gżejjer bħala parti mill-missjoni tagħna li nkunu proattivi internazzjonalment billi naqsmu l-esperjenzi tagħna ma' pajjiżi inqas preparati jew żviluppati u li qegħdin l-aktar f'riskju minħabba dan il-fenomenu. Ilkoll kemm aħna nafu li bħala dinja, bħala speċi u bħala komunità internazzjonali qegħdin tard ħafna fl-iffaċċjar ta' din il-kriżi. Però nafu wkoll li jekk ma nżidux ir-ritmu tal-azzjonijiet li nieħdu, il-problema se tkun qiegħda tiggrava b'rata iżjed mgħaġġla.

Sur President, il-ħolqien ta' din l-Awtorità juri l-impenn sod u serju tal-Gvern sabiex jindirizza dan il-fenomenu. Huwa importanti ħafna li fid-deliberazzjonijiet tagħha din l-Awtorità tagħti l-importanza meħtieġa lis-settur turistiku ħalli nieħdu l-passi neċessarji biex nipproteġu u nippreservaw dak li ksibna u, fuq kollox, inlestu ruħna sabiex għaż-żmien li ġej inkunu qegħdin f'pożizzjoni aħjar milli konna fis-snin li għaddew. Min-naħa tiegħi bħala Ministru, il-Ministeru għat-Turiżmu u anke l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, inwiegħdu l-kollaborazzjoni u s-sapport tagħna u li l-informazzjoni li hemm diġà, titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Awtorità biex din l-istess Awtorità tkun qiegħda tirnexxi għall-ġid komuni tal-abitanti ta' dawn il-gżejjer. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi.

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar):** Sur President, qegħdin niddiskutu t-twaqqif ta' Awtorità li wieħed jista' jgħid li għandha rwol partikolari u kemxejn distint minn ta' awtoritajiet oħrajn għaliex filwaqt li normalment awtorità tkun qiegħda tiffoka fuq biċċa xogħol speċifika jew xi aspett partikolari, permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi l-Gvern qiegħed jipproponi Awtorità li aktar milli tikkonċentra fuq aspett speċifiku, se tikkordina diversi inizjattivi minn dipartimenti, ministeri u entitajiet governattivi bil-għan li tittieħed azzjoni klimatika kollettiva rigward miżuri effettivi dwar il-fenomenu tat-tibdil fil-klima. U se ngħid għaliex inħoss li hemm il-ħtieġa ta' dan il-pass.

Meta fil-passat kienu jitressqu liġijiet dwar l-ambjent, kienet tintuża l-frażi "inizjattiva ambjentali" u x'aktarx dawn l-inizjattivi kienu jitqiesu individwali, jiġifieri li jittieħdu minn dipartimenti u ministeri b'għan speċifiku, fl-isfond daqslikieku l-ambjent huwa suġġett distint u separat. Dak kien jifforma l-bażi tad-diskussjoni dwar il-politika ambjentali. Però maż-żmien rajna evoluzzjoni importanti, tant illi l-inizjattivi dwar l-ambjent illum tista' tgħid li rridu nqisuhom b'mod ħolistiku f'kull deċiżjoni li nieħdu.

Fil-qasam tas-settur pubbliku, għandna diversi entitajiet u awtoritajiet li b'xi mod jew ieħor għandhom impenn li jorbot mal-azzjoni klimatika li rridu nieħdu bħala pajjiż biex nonoraw l-obbligi tagħna Ewropej u internazzjonali u biex nilħqu l-miri stabbiliti u mfasslin flimkien ma' diversi pajjiżi oħrajn. Għaldaqstant, meta tikkonsidra l-mod kif irridu nilħqu dawn il-miri u tinnota li diversi inizjattivi jkunu qed jittieħdu forsi fuq bażi individwali u mingħajr il-koordinament meħtieġ biex jintlaħqu l-miri b'mod ħolistiku, tirrealizza li l-proposta mressqa mill-Ministru Miriam Dalli tirriafferma r-rieda politika ta' dan il-Gvern li dawn il-miri jintlaħqu. Fl-isfond ta' dan kollu wieħed jinnota l-ħtieġa assoluta ta' dan il-mekkaniżmu biex kull azzjoni u inizjattiva li tittieħed biex jintlaħqu dawn il-miri, ikunu konsolidati fi pjan wieħed sħiħ.

Sur President, fil-ħin li għandi nixtieq niffoka fuq id-diversi inizjattivi li ttieħdu li jixhdu l-impenn tal-Gvern biex din it-tranżizzjoni ambjentali mfassla b'mod ċar tkun tista' tintlaħaq. Dan huwa importanti għaliex huwa ċar, b'mod partikolari fuq livell Ewropew, li l-miri ambjentali ma jfissrux li wieħed sempliċement jimmarka b'salib xi kaxex ta' xi kwestjonarju! U huwa tajjeb li nitkellmu fuq il-perjodu ta' tranżizzjoni għaliex biex nilħqu l-miri ambjentali li għandna quddiemna rridu nifhmu li l-ekonomija ta' pajjiżna trid tiġi aġġornata b'tali mod li tħalli impatt dejjem inqas fuq l-ambjent, l-aktar fejn jidħlu l-emissjonijiet, fejn sas-sena 2050 irridu nilħqu ċerti miri. Hawnhekk mhux qed nirreferi biss għal miżuri individwali u separati, imma li wieħed jara kif it-tħaddim ta' dak li ilna nafu tul is-snin, jiġi aġġornat, inkella dawn il-miri jkun diffiċli li jintlaħqu.

Sur President, meta nitkellmu dwar miżuri li jnaqqsu l-impatt fuq l-ambjent ma rridux ninsew dawk il-miżuri li jimmitigaw l-effett li l-bidla fil-klima qed iġġib u se tkompli ġġib. Bħala pajjiż ċkejken, l-impatt ta' Malta fuq l-ambjent mondjali huwa relattivament żgħir, imma xorta waħda rridu nassumu l-obbligi tagħna dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet. U forsi li nnaqqsu l-impatt ta' pajjiżna fuq l-ambjent huwa kemxejn aktar ta' sfida milli fil-każ ta' pajjiżi akbar minna, li fadlilhom ħafna iżjed xi jnaqqsu biex jilħqu dawk il-miri.

Irridu nikkonsidraw ukoll il-mod kif naħsbu u nippjanaw għall-ġejjieni filwaqt li ndaħħlu sistemi li jnaqqsu l-impatt fuq l-ambjent ħalli nkunu aktar preparati biex nikkombattu l-effetti negattivi li jirriżultaw mill-bidla fil-klima. Dan irridu nqisuh fi sfond ta' pajjiż żgħir u gżira, fejn il-livelli tal-baħar qegħdin narawhom jogħlew kontinwament, b'impatt dirett fuq kemm se jkollok ilma. Dan il-fenomenu jaffettwa b'mod partikolari l-ġbir tal-ilma tax-xita minn fuq il-bjut u spazji oħra u l-ħażna tiegħu fi bjar u ġwiebi, il-produzzjoni tal-ilma li għandna, u l-impatt ta' xita qawwija u torrenzjali li fi ftit ħin tikkawża għargħar b'danni kbar għall-pajjiż. Dawn huma kollha ċirkostanzi li għandhom impatt li qed ikun segwit minn entitajiet governattivi li jieħdu inizjattivi bil-għan li l-istruttura li qed nipproponu li se nwaqqfu permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi tikkordina dawn l-azzjonijiet individwali.

Sur President, nixtieq insemmi xi aspetti oħra. Nibda bil-mod kif bħala Gvern ħarisna lejn l-allokazzjoni tal-fondi Ewropej, b'mod partikolari meta ġie diskuss, negozjat u maqbul ir-Recovery and Resilience Plan (RRP) wara li l-Unjoni Ewropea kienet iddeċidiet li talloka fondi addizzjonali għall-irkupru ekonomiku. Hemmhekk il-Gvern poġġa fuq quddiem nett it-tranżizzjoni ambjentali, tant li l-maġġoranza tal-inizjattivi huma kollha intiżi biex jintlaħaq dan it-tragward. Dan l-impenn, li hemm bżonn li jsir, kemm mil-lat finanzjarju u kemm mil-lat ta' inizjattivi, juri biċ-ċar id-direzzjoni li miexi fiha l-Gvern f'dan ir-rigward.

Dawn l-inizjattivi jridu jiġu sostnuti mhux biss minn investimenti b'fondi miksuba mill-Unjoni Ewropea, imma wkoll bl-obbligi li bħala pajjiż dħalna għalihom bħala parti mill-pjan ta' rkupru. L-Unjoni Ewropea se tkun qiegħda ssegwi u tistaqsi dwar kif saret in-nefqa ta' dawn il-fondi. Għalhekk, hemm aktar u aktar xogħol li jrid isir, mhux biss dwar kif il-fondi li ksibna se jintefqu, imma anke li nikkommettu ruħna li nsegwu l-

programm tad-diversi miri maqbula bħala parti mill-RRP. Apparti li l-Ministeru responsabbli mill-Fondi Ewropej qed isegwi n-nefqa kif qiegħda sseħħ biex jintlaħqu l-miri stabbiliti, issa qegħdin naraw kif inizjattivi oħrajn se jikkombinaw ma' dawn biex ilkoll flimkien nkomplu dan l-impenn biex jintlaħqu dawn il-miri daqstant importanti.

Sur President, waħda mill-inizjattivi li ġiet konkluża fl-aħħar tas-sena li għaddiet, wara konsultazzjoni pubblika, tittratta l-pubblikazzjoni tad-Dokument F li jirregola l-mod kif għandu jsir il-bini f'dak li għandu x'jaqsam mal-effiċjenza tal-enerġija. Dan id-Dokument F, li jaqa' taħt il-mansjoni tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, sar wara studji u konsultazzjoni ma' diversi stakeholders. Dan ġie ppubblikat fl-aħħar tas-sena li għaddiet u jistabbilixxi x'tip ta' inizjattivi jridu jittieħdu biex il-bini jkun iktar effiċjenti fl-użu u fil-konsum tal-enerġija.

Issa jeħtieġ li l-inizjattivi proposti f'dan id-Dokument F jiġu implimentati sewwa għaliex tajjeb ngħidu li wieħed mill-oqsma li l-aktar jikkunsmaw enerġija huwa proprju l-bini li ngħixu fih u l-bini fejn naħdmu, li huwa stmat li jikkonsma madwar 40% tal-enerġija kollha li tintuża fl-Unjoni Ewropea. Meta wieħed jara ammont daqstant sostanzjali ta' konsum ta' enerġija, mill-ewwel jintebaħ li dan huwa qasam li jrid jiġi regolat biex dak il-volum ta' enerġija li jiġi kkonsmat jitnaqqas konsiderevolment.

Dan jeħodna għal żewġ impenji oħra. Minn naħa jkollok bini li jikkonsma inqas għax tinħela inqas enerġija, għax ikollok bżonn issaħħan inqas jew tkessaħ inqas, b'mod partikolari fil-każ ta' pajjiżna. Apparti hekk, hemm aspett partikolari ieħor, fis-sens li l-ispazji li joffri l-bini jkunu jistgħu jintużaw biex tiġi ġenerata enerġija alternattiva. F'dan ir-rigward, l-inizjattivi ta' konservazzjoni ta' enerġija permezz ta' insulazzjoni jwasslu biex il-konsum tal-enerġija jonqos. Forsi f'pajjiżna din hija aktar importanti minn f'pajjiżi oħrajn minħabba d-daqs tagħna għaliex l-ispazju li dan il-bini jista' joffri jrid jintuża b'mod għaqli biex tiġi ġenerata enerġija alternattiva.

Għandek l-effett l-ieħor, Sur President, li tkun qed tuża enerġija aktar ħadra u b'riżultat ta' hekk qed tkompli tnaqqas l-emissjonijiet. Dan huwa qasam fejn hemm diversi obbligi fuq livell Ewropew li jrid jiġu onorati permezz ta' leġiżlazzjoni addizzjonali fejn għandu x'jaqsam il-bini, mhux biss kif jinbena imma wkoll b'rabta ma' spazji li jkunu riservati għal skopijiet ta' ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva.

Fid-dawl tal-istandards li qed jistabbilixxi dan id-dokument, huwa essenzjali li jkollok metodi aktar aġġornati kif wieħed jikkalkula l-effiċjenza tal-enerġija. Għaldaqstant irid ikun hemm reviżjoni ta' kif jitħaddem l-Energy Performance Certificate (EPC), li huwa dokument li jeħtieġ li jkompli jiġi aġġornat. L-effikaċja u l-prestazzjoni ta' binja partikolari m'għandhiex titkejjel biss mil-lat ta' effiċjenza fl-użu u l-konsum tal-enerġija, imma minn aspett importanti ieħor, jiġifieri l-finanzjament tal-bini.

Jien inħoss li dan huwa suġġett li jeħtieġ li wieħed ikompli jiddiskutih u jħares lejh, b'mod partikolari meta wieħed iqis li llum l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-banek għandhom obbligi finanzjarji marbuta mal-Environmental, Social and Governance (ESG) reporting, bil-konsegwenza li l-banek, qabel ma japprovaw xi tip ta' self għal fini ta' bini, jikkonsidraw bir-reqqa għal liema tip ta' bini jingħata s-self. Dan għandu impatt fuq is-settur b'mod inġenerali u aktar u aktar fuq min se jkun qiegħed jissellef biex jixtri proprjetà. F'dan il-qasam irridu nkomplu ninsistu li l-bini u l-proprjetajiet jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti, u b'hekk ikunu aktar eliġibbli għal self b'rati aktar vantaġġużi għaliex ikunu meqjusa bħala green buildings.

Niġi għal punt ieħor li naħseb li huwa importanti. Hawnhekk ma rridux nitkellmu biss dwar is-settur privat iżda jeħtieġ li jkomplu jittieħdu inizjattivi anke fejn tidħol l-effiċjenza tal-enerġija ta' binjiet pubbliċi. F'dan ir-rigward, irid ikompli l-proċess biex jiġu identifikati x'binjiet pubbliċi għandna u l-livelli ta' effiċjenza tagħhom. Il-binjiet ġodda li jidħol għalihom il-Gvern iridu jkunu mudell tat-tip ta' bini li għandna bżonn biex nilħqu l-miri tal-effiċjenza tal-enerġija.

Waħda mill-ikbar sfidi f'pajjiżna hija tittratta l-bini pubbliku ta' wirt storiku, bħalma huwa l-Palazz tal-Gran Mastru u binjiet oħrajn li nbnew fis-snin l-imgħoddija, fejn biex wieħed juża ċerti teknoloġiji li jużaw enerġija effiċjenti ma jkunx daqstant faċli. Għaldaqstant fejn hemm għażliet ta' użu ta' bini pubbliku jew il-ħtieġa ta' bini pubbliku ġdid, għandna nassiguraw li jkun bini li

jilħaq il-miri stabbiliti ta' effiċjenza fl-użu u l-konsum tal-enerġija.

Nerġa' mmur lura għal dak li kont qed ngħid dwar l-RRP u nżid li waħda mill-binjiet li qed tilħaq miri għolja ħafna ta' effiċjenza tal-enerġija permezz ta' investiment minn dan il-fond hija Project House fil-Furjana, li hija l-uffiċċju ewlieni tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Permezz ta' dawn il-fondi, hemm binja pubblika li għaddiet minn proġett ta' retrofitting estensiv, li fil-fehma tiegħi għandu jservi bħala mudell kif binjiet jilħqu livell għoli ta' effiċjenza tal-enerġija. Dan huwa eżempju min-naħa tal-Gvern ta' kif għandhom isiru l-affarijiet, mhux biss biex jintlaħaq l-għan li binjiet tal-Gvern u tal-entitajiet tiegħu ikunu effiċjenti fl-użu u l-konsum tal-enerġija, imma li minnhom innifishom jiskattaw il-proċess biex ikompli jiżdied l-għarfien f'pajjiżna u jkollna n-nies tekniċi meħtieġa u oħrajn li kapaċi jagħmlu dawn il-proġetti.

Fejn tidħol l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ma rridux naħsbu biss f'termini ta' bini ġdid. Ma nistgħux ninsew il-building stock eżistenti li għall-benefiċċju ta' min qed jużah, apparti l-miri ambjentali li rridu nilħqu, irid ikun hemm il-ħila u l-metodi li jkunu finanzjarjament vijabbli biex tagħmel it-tibdil meħtieġ biex tgħolli l-effiċjenza fil-konsum tal-enerġija. Il-bini tal-Gvern huwa mifrux u użat minn diversi entitajiet u għalhekk huwa tajjeb li wieħed ikompli jara fejn wasalna, x'inizjattivi ttieħdu, x'hemm mistenni li jsir biex kollettivament naraw li l-bini li juża l-Gvern ikun iktar effiċjenti fil-konsum tal-enerġija filwaqt li jibgħat il-messaġġ li dan ikun ta' benefiċċju għal kulħadd.

Naħseb li waħda mill-materji li trid titkompla d-diskussjoni dwarha hija x'tip ta' ċertifikazzjoni għandu jkollu l-bini, bħal-LEED Certification, l-istandards li għandhom jiġu segwiti u kif tiċċertifika li binja qed tilħaq dawn il-miri. Dan huwa importanti mhux biss għaliex irridu nżidu l-effiċjenza fil-konsum tal-enerġija fil-bini, imma għaliex dan huwa wkoll metodu ta' kif nassiguraw li nattiraw attivitajiet ta' kumpaniji li jiġu joperaw minn pajjiżna. Dan għaliex min ikun qed jagħżel f'liema tip ta' bini se jopera, dawn it-tip ta' ċertifikazzjoni jagħtihom importanza kbira qabel ma jimxi minn pajjiż għal ieħor, b'mod partikolari meta jkunu kumpaniji li jridu jonoraw l-ESG reporting, u allura jridu jikkalkulaw b'mod preċiż kemm jista' jkun il-carbon footprint tagħhom u x'tip ta' bini se jużaw.

Sur President, bħala Gvern għandna quddiemna diversi tragwardi li rridu nilħqu u għalhekk huwa tajjeb li qed niddiskutu x'tip ta' mekkaniżmu għandna nħaddmu, inkluż it-twaqqif ta' din l-Awtorità, għaliex fil-programm tal-Gvern, li huwa bbażat fuq il-Manifest Elettorali tal-Partit Laburista, hemm diversi inizjattivi li poġġejna quddiemna, li kollha huma intenzjonati biex immexxu lil pajjiżna fit-triq tad-dekarbonizzazzjoni. Dan il-Gvern qiegħed ikompli jkun innovattiv biex jara x'opportunitajiet hemm sabiex nużaw u nimmassimizzaw dak li għandna disponibbli fi xtutna fejn tidħol il-kwestjoni ta' ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva.

Dan il-Gvern qed ikun iktar kuraġġuż u qed jara li anke l-ispazju tal-baħar li għandna madwarna naraw kif nutilizzawh ukoll. Dan huwa impenn elettorali li poġġejna quddiemna, u bl-inizjattivi li qed jittieħdu mexjin f'dik id-direzzjoni biex ir-riżorsi tagħna nutilizzawhom bl-aħjar mod biex inkomplu nsaħħu l-impenn tagħna favur aktar enerġija rinnovabbli. Huwa importanti wkoll fuq livell internazzjonali li tkompli l-ħidma biex l-użu tal-idroġenu jitpoġġa aktar fuq l-aġenda biex jinstabu soluzzjonijiet tajba. Din mhix xi ħaġa li pajjiżna jista' jagħmel waħdu imma rridu nkomplu nkunu l-vuċi biex fuq livell Ewropew inkomplu nimxu f'din id-direzzjoni.

Dawn l-inizjattivi ma rridux narawhom biss bħala għan fihom infushom imma wkoll bħala d-direzzjoni li rridu nagħtu lill-ekonomija tagħna kif ukoll bħala opportunità għal niċeċ ġodda u ta' investiment ġdid li rridu nattiraw lejn pajjiżna. Meta wieħed iqis dawn l-inizjattivi u l-ħidma kbira li hemm, kif ukoll l-għażliet importanti li rridu nagħmlu, l-impenn ambjentali jrid ikun parti integrali mill-mod kif immexxu 'l quddiem.

Sur President, filwaqt li għandna nkomplu nsaħħu l-inizjattivi individwali li diġà għaddejjin, huwa tajjeb li nkomplu nsaħħu l-isforz kollettiv dwar kif dawn l-inizjattivi mmexxuhom 'il quddiem. Forsi s-sena 2050 tinstema' 'l bogħod imma biex nilħqu l-miri li għandna bħala pajjiż u fuq livell Ewropew, żgur li jrid isir ħafna iktar xogħol għax il-futur, li jkun futur iktar ambjentali, se jiddependi mill-għażliet u mill-impenji li nwettqu llum. Nirringrazzjak.

*Fis-6.42 p.m. id-diskussjoni ġiet interrotta u baqgħet aġġornata.*

## PERMESS TAL-KAMRA

**L-ISPEAKER:** Qed nifhem li hawn permess li titressaq mozzjoni mingħajr avviż? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

## MOZZJONIJIET

## ESTIMI TAL-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA GĦAS-SNIN 2022, 2023 U 2024

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur):** Sur President, nipproponi li:

Wara li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ra l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-snin 2022, 2023 u 2024 ippreżentati mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, li kopja tagħhom tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduti 491 tal-4 ta' Ottubru 2021, 27 tat-3 ta' Ottubru 2022 u 195 tas-16 ta' Jannar 2024;

Wara li sema' l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissarju personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret fid-29 ta' Jannar 2024;

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet ċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati; u

Wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-Estimi tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għas-snin 2022, 2023 u 2024 kif ippreżentati.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-mistoqsija hija l-mozzjoni kif imressqa u moqrija mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

**L-ISPEAKER:** Hawn qbil li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun issa u li jitressaq l-aġġornament? (Onor. Membri: Iva) Nerġa' nsejjaħ lid-Deputat Prim Ministru biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

*Fis-6.44 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-Aġġornament.*

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima - Tieni Qari (Kont.);

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari (Kont.);

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali - Tieni Qari;

Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 – Kontinwazzjoni;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali - Tielet Qari;

Jew xi aġenda oħra li tiġi kkomunikata aktar tard.

-----

Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) - Kumitat Permanenti; u

Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati - Kumitat Permanenti

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Davina Sammut Hili.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Sur President, f’dawn il-minuti li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi nixtieq nelenka l-ħidma ta’ dan il-Gvern *vis-à-vis* id-distrett li nikkontesta fuqu jien, jiġifieri l-Ewwel Distrett Elettorali. Huwa importanti ħafna li aħna, bħala politiċi, nibqgħu viċin in-nies tul il-ħames snin ta’ leġiżlatura. In-nies iħossu l-ħtieġa li l-membri li jirrappreżentawhom fl-ogħla istituzzjoni għandhom jibqgħu qrib tagħhom sabiex flimkien niddiskutu l-ħteġijiet tal-familji tagħna, niddiskutu wkoll diversi abbozzi ta’ liġi li jkunu qegħdin jiġu diskussi fil-Parlament, kif ukoll ikunu jridu li niddiskutu x-xogħol li jkun qiegħed isir minn dan il-Gvern.

Il-laqgħat mar-residenti, li familja tiftaħlek il-bieb beraħ u tistiednek sabiex tpoġġi magħha u titkellem fuq kwalunkwe suġġett li trid, huma fost l-isbaħ mumenti fil-ħajja ta’ politiku. Dan juri kemm il-familji ta’ pajjiżna għad għandhom għal qalbhom u għandhom rispett lejn il-politiċi li jkunu qegħdin jirrappreżentawhom. F’okkażjonijiet bħal dawn tisma’ l-karbiet tagħhom, it-tbatijiet, il-ferħ, l-esperjenzi u fl-aħħar mill-aħħar il-bżonnijiet tagħhom. Jien nemmen bi sħiħ li l-Partit Laburista baqa’ sod fit-tmexxija tal-Gvern għaliex tul dawn l-aħħar snin sema’ lill-poplu Malti u Għawdxi. Dan għaliex il-Gvern dejjem fassal il-politika tiegħu fuq il-bżonn tan-nies u implimenta u wettaq it-tibdil u r-riformi għaliex in-nies ħassew ukoll il-ħtieġa.

Sur President, nistqarr li l-ġimgħa tiegħi saret wisq qasira. Bejn ix-xogħol parlamentari, ix-xogħol distrettwali u l-ħajja personali tiegħi, il-ġimgħa saret ittir. Żdiedli iktar xogħol u għalhekk kelli bżonn nitgħallem noħloq bilanċ bejn ix-xogħol professjonali, il-ħajja personali tiegħi kif ukoll ix-xogħol parlamentari. Dan huwa bilanċ li jekk tkun dixxiplinata jintlaħaq. Fosthom żdiedet ir-riċerka, il-laqgħat mal-għaqdiet, il-laqgħat mal-kostitwenti u l-laqgħat man-nies. Jien dejjem emmint li fil-politika trid tibqa’ viċin in-nies.

Fl-aħħar Aġġornament kont tkellimt dwar il-bżonn kbir li l-Parlament ikompli jiddiskuti kif se jiġu implimentati iktar family friendly measures sabiex nattiraw iktar nies validi lejn il-politika. Tul dawn il-kważi sentejn li ilni Membru Parlamentari tkellimt ma’ ħafna nies li juru x-xewqa li jidħlu fil-ħajja politika, iżda donnu hemm barra hemm ħafna affarijiet li s’issa għadhom iħalluhom xettiċi dwar jekk jikkontestawx l-elezzjoni jew le. Waħda mir-raġunijiet primarji hija li l-Parlament, sfortunatament, għadu wisq ibbażat fuq il-ġeneru tal-irġiel. Mela ejja nkomplu niddiskutu, nixprunaw l-implimentazzjoni taċ-childcare centre f’din il-binja, li mhux biss għandu jintuża mill-Membri Parlamentari iżda wkoll mit-tfal tal-membri tal-Parlament. Irridu wkoll naraw kamra fejn l-omm bil-kumdità kollha tkun tista’ tredda’ t-tarbija tagħha u tagħmel il-bżonnijiet neċessarji li t-tarbija jista’ jkollha.

Naf kemm inti, Sur President, tissimpatizza u taqbel ma’ dawn il-proposti u għalhekk minn żmien għal żmien se nkun qed nerġa’ nsemmihom sabiex fl-aħħar mill-aħħar jiġu implimentati. Dawn it-tibdiliet huma ftit minn ħafna tibdiliet li jridu jsiru sabiex nagħmlu pass importanti jekk verament nixtiequ nattiraw iktar nies validi fil-politika. Irridu wkoll nixprunaw iktar ideat dwar il-ħinijiet ta’ kif jiltaqa’ l-Parlament. Filwaqt li sar tibdil radikali, u rridu nirrikonoxxu dan għax qabel is-seduta kienet tispiċċa fid-9.00 p.m., għad hemm lok ta’ tibdil.

Sur President, ħadt pjaċir li ftit tal-ġranet ilu kont mistiedna sabiex inżur waħda mir-residenti li hemm ġewwa Dar il-Mistrieħ fil-Floriana, is-Sinjura Paola Mizzi, li għalqet l-età sabiħa ta' 103 snin. F'din l-okkażjoni stajt nara x-xogħol ta' manutenzjoni li qed isir wara li l-Gvern Laburista investa iktar minn €500,000 f'din id-dar. Din id-dar tilqa' fiha anzjani minn lokalitajiet viċin il-Floriana. Sfortunatament din id-dar kienet ilha mitluqa u ma jsirilha xogħol ta' rinnovazzjoni 'l fuq minn 35 sena u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li jsir investiment sostanzjali, kemm minn aspett ta' faċilitajiet ġodda kif ukoll strutturali. B'dan l-investiment se jgawdu 'l fuq minn 45 resident li bħalissa hemm ġo fiha iżda, fuq kollox, se jgawdu wkoll ir-residenti li għad iridu jgħixu fiha fil-futur.

Waqt iż-żjara tiegħi f'din id-dar stajt nifhem iktar id-dedikazzjoni tal-istaff. Għalhekk, nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-ħaddiema kollha li b'xi mod jew ieħor ikollhom x'jaqsmu mal-anzjani li jinsabu fi djar residenzjali li hawn mifruxa ma' Malta u Għawdex. Tkellimt ukoll ma' wħud mill-pazjenti u mal-anzjani li jinsabu f'din id-dar, li saħqu miegħi li huma jinsabu kuntenti u qaluli kemm huma grati u rikonoxxenti li għandhom serħan il-moħħ li hemm nies speċjalizzati u dedikati li jistgħu jieħdu ħsiebhom.

Fejn kien hemm lok li nfaħħar dejjem kont fuq quddiem nett biex nagħmel dan, però llum nixtieq ukoll nitkellem dwar l-importanza li fl-ewwel distrett tingħata spinta fl-għajnuniet tal-installazzjoni ta' liftijiet fil-blokok tal-Gvern. Uħud mill-familji li jgħixu fil-lokalitajiet tad-distrett tiegħi qegħdin isibuha diffiċli ħafna għaliex bosta proprjetajiet m'għadhomx aċċessibbli għalihom. Huwa fatt magħruf li l-Ewwel Distrett għandu popolazzjoni li qed tixjieħ u huwa meqjus bħala wieħed mill-iktar lokalitajiet li għandu anzjani li jgħixu fih. Għalhekk, huwa importanti ħafna li dan il-Gvern jibqa' jinsisti sabiex il-proprjetajiet ikunu aċċessibbli għar-residenti. Irridu naraw li nixprunaw l-ideat tagħna biex ħadd ma jissakkar f'daru. Naf ukoll li bil-problema li jdumu ma jiġu installati l-liftijiet fil-lokalitajiet minħabba r-regolamenti tat-tendering. Filwaqt li nifhem li hemm ir-regolamenti x'wieħed isegwi, ejjew nesploraw u nużaw l-għodod neċessarji sabiex inħaffu dan il-proċess burokratiku.

Sur President, dan il-Gvern qiegħed jaħdem bla waqfien mal-kunsilli lokali ta' Malta u Għawdex kollha, però ppermettuli sabiex niffoka fuq iż-żewġ kunsilli lokali li f'dawn l-aħħar jiem kienu fuq l-aħbarijiet wara li fetħu ċentri għall-anzjani fil-lokalitajiet tagħhom. Ftit tal-ġimgħat ilu l-Prim Ministru Robert Abela, flimkien mas-Sindku Josef Azzopardi u l-kunsilliera tal-lokalità tal-Marsa, inawgura ċentru ta' matul il-jum ġdid. Dan sar b'investiment kofinanzjat minn fondi tan-Norveġja. Grazzi għal dawn il-fondi lokali, sala li ma kinetx qed tintuża ġiet rinnovata biex issa se tkun qed tippromwovi anzjanità attiva.

Dan id-day centre se jservi għal dawk l-anzjani li jispiċċaw waħedhom f'darhom, li se jkollhom iċ-ċans igawdu din il-binja tal-Kunsill Lokali iktar moderna, aċċessibbli u fuq kollox attrezzata bil-kompjuters u affarijiet oħrajn. Dan iċ-Ċentru sar wara li l-Kunsill Lokali laħaq ftehim mad-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità, li se jkunu qed jużaw dan iċ-Ċentru wkoll sabiex l-anzjani tal-lokalità jkollhom opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, taħditiet edukattivi u attivitajiet oħrajn. Bil-ftuħ ta' dan iċ-Ċentru wara ħidma bla waqfien mill-Kunsill Lokali tal-Marsa, issa l-anzjani m'għandhomx għalfejn imorru iktar fil-lokalità tal-Ħamrun sabiex jagħmlu użu minn dan id-day centre.

Sur President, illum ukoll kont preżenti fil-Kunsill Lokali tal-Floriana wara li s-Sindku Vince Borg, flimkien mas-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli u mas-Segretarju Parlamentari Malcolm Paul Agius Galea, inawguraw proġett ieħor ta' day centre fil-binja tal-Kunsill Lokali. Dan huwa proġett b'investiment ta' €118,000, kofinanzjat ukoll minn fondi tan-Norveġja. Dan il-proġett qiegħed marbut ma' qalbi għaliex irrid nistqarr li fl-2020 kont jien li ssottomettejt din il-proposta. Minn dak iż-żmien ġiet milqugħa l-applikazzjoni u fil-fażi tal-applikazzjoni saru wkoll surveys biex tittieħed il-perspettiva tal-istess anzjani fil-lokalità, biex il-Kunsill Lokali jsaħħaħ l-applikazzjoni tiegħu waqt li jilħaq il-ħtieġa tar-residenti fil-lokalità.

Il-proġett jinkludi qabelxejn bdil tal-pjattaforma, jiġifieri lift, biex il-Kunsill Lokali jkun aċċessibbli mil-livell tat-triq sas-sular t'isfel. Għalhekk issa huwa aċċessibbli għar-residenti kollha li jkunu jridu jinqdew mill-Kunsill Lokali. Saret ukoll applikazzjoni ta' passenger lift biex

ikun hemm aċċess għall-ewwel sular fejn hemm is-sala prinċipali tal-Kunsill Lokali, il-librerija u issa wkoll dan iċ-Ċentru għall-Anzjani, li jikkonsisti f'kitchenette, kmamar rikreattivi b'sufani, mejda u siġġijiet, kif ukoll computer room li takkomoda sitt persuni, li se jiġu attrezzati bil-laptops, kemm għall-użu individwali kif ukoll għall-korsijiet li diġà bdew u li se jkomplu jiġu organizzati. Apparti mill-korsijiet tal-kompjuter li ġew organizzati, saru wkoll sessjonijiet ta' fitness u informazzjoni dwar il-ħajja sana għall-anzjani.

Dawn tant intlaqgħu tajjeb li se jerġgħu jsiru fix-xhur li ġejjin. Il-Kunsill Lokali applika wkoll biex matul il-ħinijiet ta' filgħodu fiċ-Ċentru jkunu organizzati korsijiet tal-lifelong learning dwar l-użu tal-mobile u t-tablets, korsijiet tal-bizzilla, crochet u snajja' oħrajn, li wara kollox huma bżonnijiet li wkoll għandhom l-anzjani. Parti mill-flus ġew investiti f'xiri ta' tablets u VR headsets biex jintużaw fl-istess ċentru. Għalhekk, issa mhux biss persuni anzjani imma anke persuni li jużaw is-siġġu tar-roti għandhom aċċess sħiħ mil-livell tat-triq sal-ewwel sular tal-binja, fejn ukoll ġew rinnovati t-toilets biex dawn ikunu aċċessibbli għal kulħadd.

Kif taf, Sur President, is-settur sportiv huwa marbut ma' qalbi u għalhekk ħadt gost immens li ftit tal-ġimgħat ilu ġiet inawgurata t-tielet fażi tal-proġett li se jwassal għal hub sportiv tal-ogħla livell fil-Marsa, li mhux biss se tkun qed tgawdi minnu l-komunità sportiva imma se jgawdi minnu l-pubbliku u s-segwaċi tal-isport f'pajjiżna. B'din il-fażi kompluta u grazzi għal dan l-investiment massiċċ minn dan il-Gvern minn medda ta' art li kienet ilha mitluqa u abbandunata issa qegħdin naraw proġett tal-ogħla kwalità fil-lokalità tal-Marsa.

Fl-aħħar xhur ġew inawgurati diversi proġetti f'diversi postijiet, fosthom ir-restawr tal-binja li qiegħda fil-qalba tal-kumpless u l-istadium tal-atletika. Bl-investiment li sar issa l-komunità sportiva se tkun qed tgawdi minn sala li tista' tintuża għal diversi attivitajiet u padiljun modern ta' 900 metru kwadru għall-ġinnastika u għal dixxiplini oħrajn, li huma mgħammra b'apparat modern li jakkomoda madwar 300 spettatur. Il-kumpless għandu wkoll fih sala għall-fitness tal-ogħla livell, uffiċini li se jkunu qed jintużaw minn SportMalta u anke mill-għaqdiet u assoċjazzjonijiet differenti tal-isport, dressing rooms u faċilitajiet anċillari oħrajn.

Il-Belt Valletta u l-Floriana huma sininomi maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival u mill-Ġimgħa sat-Tlieta jieħdu l-ħajja bi lwien mill-isbaħ f'dawn il-jiem tal-Karnival. Nirringrazzja hawnhekk lill-Ministru Owen Bonnici u Festivals Malta tal-organizzazzjoni mill-aqwa f'dan iż-żmien. Dalgħodu żort l-imħażen tal-kumpaniji tal-Karnival f'Malta u ħadt gost nitkellem magħhom u nara l-imħabba u l-passjoni li għandhom għal dan id-delizzju. Dawn in-nies jagħmlu xhur ta' ħidma 'l bogħod mill-familja tagħhom sabiex fil-ġranet tal-Karnival ikunu jistgħu jagħtu spettaklu lill-pubbliku hemm preżenti.

Grazzi tax-xogħol li jagħmlu, nawguralhom li jieħdu gost u jalla t-temp ikun sabiħ sabiex ix-xogħol ikun jista' jiġi segwit mill-pubbliku. Għax dan il-Gvern għandu għal qalbu l-kultura Maltija, din is-sena l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali flimkien ma' Festivals Malta estendew il-Karnival fi tliet lokalitajiet oħrajn sabiex jintlaħqu mill-Maltin u l-Għawdxin, fosthom fil-lokalitajiet tal-Ħamrun u tal-Marsa.

Ladarba qegħdin nitkellmu dwar il-kultura nixtieq insemmi żewġ persuni oħrajn li ħadmu f'dan il-qasam. Nibda billi nsellem il-memorja ta' Pawlu Curmi, il-Pampalun, u rrid infaħħar l-inizjattiva li tiġi mtella' esibizzjoni dedikata lilu, li ġiet ikkurata u riċerkata mill-istoriku Mario Coleiro. Din l-esibizzjoni tħares lejn Pawlu bħala kompetitur u bħala wieħed li kien jissapportja l-attivitajiet tal-Karnival. L-esibizzjoni se tkun miftuħa għall-pubbliku bla ħlas.

Dalgħodu qomna bl-aħbar li ħalliena wkoll Sammy Murgo. Jien kelli x-xorti niltaqa' ma' Sammy diversi drabi u ddiskutejna l-passjoni li kellu għall-mużika, speċjalment għall-ġeneru tal-Jazz. Għalhekk insellem lil Sammy u nagħti l-kondoljanzi lill-familja kollha tiegħu.

Sur President, irrid infaħħar l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Ħamrun, li nhar il-Ħadd li għadda organizza spettaklu mill-isbaħ fi Triq San Ġużepp. Il-Karnival fil-lokalità tal-Ħamrun dejjem qed jikber u nemmen li fis-snin li ġejjin se jkompli jikber hekk kif hemm konkorrenza kbira mill-pubbliku. Il-pubbliku preżenti seta' jsegwi sitt baned li tellgħu parata, numru ta' żeffiena, maskaruni u karrijiet. Prosit lill-Kunsill Lokali tal-Ħamrun u lis-Sindku Christian Sammut li qegħdin jaħdmu biex ikomplu jagħtu spinta lill-kultura f'Malta.

Inħeġġeġ ukoll lin-nies biex għada jżuru l-Karnival li se jkun qed jiġi organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Marsa, li se jara l-qofol tiegħu fit-toroq prinċipali. Huwa mistenni li jkun hemm ukoll *defilè* b'diversi gruppi ta' żfin u karrijiet li ġew mogħtija minn Festivals Malta sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw f'dan l-avveniment. Nieħu l-opportunità biex nifraħ u nirringrazzja lis-Sindki ta' dan id-distrett li qegħdin ikomplu jkabbru l-attivitajiet fil-lokalitajiet iżda, fuq kollox, irrid ngħid li dan il-Gvern qed iservi ta' pjattaforma sabiex il-lokalitajiet jiġu riġenerati u jattiraw aktar nies u kummerċ lejhom.

Sur President, bħala Eks Sindku nħoss il-ħtieġa li nappella biex dawk in-nies li huma mħajra jikkandidaw ruħhom għall-elezzjonijiet, jersqu 'l quddiem. Nappella speċjalment għal aktar żgħażagħ u għal aktar parteċipazzjoni tan-nisa f'dawn l-elezzjonijiet. Ftit tax-xhur oħra hemm test elettorali għal 68 kunsill lokali f'Malta u Għawdex, u għalhekk inħeġġeġ lil kull min hu mħajjar sabiex ixammar il-kmiem u flimkien naħdmu ħalli jkollna aktar lokalitajiet sbieħ u nodfa. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 14 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mid-Deputat Prim Ministru.

*Fis-7.00 p.m. il-Kamra ġiet aġġornata mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### DIVING STRATEGY

**13703. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarux xi preparamenti u jekk l-istakeholders, kemm pubbliċi u anke privati, kif ukoll l-NGOs hux ser ikunu kkonsultati u/jew ikollhom rappreżentanza u/jew parteċipazzjoni fi ħdan l-entità msemmija fid-Diving Strategy biex din taqdi dmirha b'mod xieraq u kif mistenni?

**ONOR. ANTON REFALO:** Id-Diving Strategy imsemmija ma taqax taħt ir-responsabbiltà ta' dan il-Ministeru.

### MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA – SETTUR TAL-GĦADS

**13704. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid x'kien l-infiq mill-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għat-Turiżmu fuq faċilitajiet u/jew inizjattivi marbuta mas-settur tal-għads bejn l-2021 sal-aħħar tal-2023, maqsumin bit-tip ta' spiża u l-valur, kemm kapitali kif ukoll rikorrenti? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-vot jew pjanijiet għal tali inizjattivi għall-2024?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-infiq fuq faċilitajiet u/jew inizjattivi marbuta mas-settur tal-għads bejn l-2021 u l-2023 kien kif ġej:

| Sena | MTA | ITS |
|---|---|---|
| 2021 | € 280,550 | €28,538 |
| 2022 | €690,442 | €13,536 |
| 2023 | €208,297 | €9,532 |

Dan l-infiq kien marbut, fost l-oħrajn, mal-abbozzar u l-pubblikazzjoni tal-istrateġija tad-diving, l-iscuttling tal-P33 u l-MV Hephaestus, it-twaqqif taċ-Ċirkewwa Marine Park, il-manutenzjoni u l-upgrading tal-infrastruttura tad-diving, u l-ispiża fuq l-International School of Diving Safety and Medicine.

Matul din is-sena l-MTA se tkompli tinvesti fil-prodott tal-għads skont kif hemm ippjanat fl-istrateġija għal din l-industrija li ġiet imnedija fl-2022. Se tibqa' ssir ukoll ħidma man-Nature Trust biex ikompli x-xogħol u l-immaniġġjar taċ-Ċirkewwa Marine Park. Min-naħa tal-ITS bħalissa hemm 16-il student irreġistrat għal Bachelor of Science in Diving Safety Management.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – SETTUR TAL-GĦADS

**13705. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'kien l-infiq mill-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għal Għawdex fuq faċilitajiet u/jew inizjattivi marbuta mas-settur tal-għads bejn l-2021 sal-aħħar tal-2023, maqsumin bit-tip ta' spiża u l-valur, kemm kapitali kif ukoll rikorrenti? Jista' jgħid ukoll x'inhu l-vot jew pjanijiet għal tali inizjattivi għall-2024?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-Ministeru għal Għawdex għandu żewġ skemi ta' għajnuna fejn jistgħu jibbenefikaw l-operaturi tal-għads. F'dak li għandu x'jaqsam mal-ewwel skema – l-Adventurous Tourism Scheme – fil-perjodu msemmi kien hemm seba' applikazzjonijiet mill-operaturi tal-għads. Sa issa, erbgħa minn dawn l-applikazzjonijiet ibbenefikaw minn €18,275.30. It-tliet applikazzjonijiet l-oħra għadhom qed jiġu evalwati. Għal dak li jirrigwarda t-tieni skema – Supporting Marketing Initiatives for Specific Niche Markets in Gozo – kien hemm tliet operaturi tal-għads, li bbenefikaw minn €14,498.84.

Dawn iż-żewġ skemi se jerġgħu jkunu miftuħin is-sena d-dieħla taħt il-vot Programmes and Initiatives – Gozo Business Schemes.

## SPOOFING – PROPOSTA GĦAL LIĠI ĠDIDA

**13727. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta għandu l-ħsieb li jipproponi liġi li tagħmel l-spoofing bħala reat kriminali?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni):** Minkejja li tali aġir mhuwiex ikkriminalizzat f'pajjiżna bħala reat awtonomu, ittrasponejna d-Direttiva 2013/40/UE tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni fil-Kodiċi Kriminali, fejn għandna fis-seħħ numru ta' provvedimenti fuq l-użu mhux kif dovut tal-kompjuters.

## VAPURI REĠISTRATI F'MALTA

**13902. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn vapuri reġistrati f'Malta jew li jġorru l-bandiera Maltija?

**ONOR. CHRIS BONETT (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15233.

## AWTORITÀ INDEPENDENTI DWAR ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

**14316. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-pjan li jkun hemm awtorità independenti dwar id-drittijiet tal-bniedem, liema awtorità jkollha:
i. saħħa kostituzzjonali u li tirrapporta direttament lill-Parlament u mhux lill-Ministru;
ii. jinġabru fi ħdanha l-kummissarji kollha li b'xi mod jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem; u
iii. l-istess struttura li għandu l-Uffiċċju tal-Ombudsman li fi ħdanu għandu tliet kummissarji?

Jekk diġà hemm dan il-pjan, jista' jagħti iktar dettalji?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kif imwiegħed fil-Manifest Elettorali *Malta Flimkien*, il-Gvern għaddej bil-ħidma tiegħu sabiex jimplimenta pakkett leġiżlattiv bla preċedent li jafferma l-prinċipji ewlenin ta' x'nifhmu b'ugwaljanza f'pajjiżna. Dan il-pakkett leġiżlattiv jagħti funzjonijiet ġodda lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza biex tevolvi f'Kummissjoni għad-

Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza, b'iktar garanziji ta' indipendenza u awtonomija.

Fl-istess waqt ser jinħolqu strutturi legali ġodda li, b'rispett lejn il-Kostituzzjoni, ikollhom l-għan li jagħtu rimedji iktar effettivi, iktar speditі u aħjar meta jiġi ppruvat li xi ħadd sofra ksur inġust tal-prinċipju tal-ugwaljanza. Huwa maħsub li l-Kummissjoni tmexxi Kumitat Konsultattiv Permanenti li jkun magħmul minn kummissarji li b'xi mod jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem. Dan ikun qed isir biex ikun hemm element b'saħħtu ta' kordinazzjoni u koerenza fit-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżna.

## SFRUTTAMENT TA' IMMIGRANTI EKONOMIĊI

**14317. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11220 fejn jingħad li jekk "l-Aġenzija Identità tirċievi rapport sostanzjat dwar allegat abbuż, isiru l-verifiki meħtieġa u tittieħed l-azzjoni neċessarja", jista' l-Ministru jgħid kemm l-aġenzija Identità rċeviet rapporti ta' sfruttament ta' immigranti minn pajjiżi terzi, maqsuma sena b'sena, mill-2013 sal-aħħar tas-sena 2023? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu sostanzjati u investigati, sena b'sena, mill-2013 sal-aħħar tas-sena 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-Aġenzija Identità tinvestiga kwalunkwe rapport li jidħlilha.

Ukoll, it-Taqsima tal-Compliance twaqqfet reċentement fi ħdan din l-Aġenzija, u matul is-sena 2023 fetħet 197 investigazzjoni li minnhom 122 huma magħluqa.

## AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – LISTA TA' STENNIJA

**14318. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikanti li kienu qed jistennew l-akkomodazzjoni soċjali sal-aħħar tas-sena 2023 u jekk dan in-numru jinkludix persuni li ġew imwiegħda akkomodazzjoni soċjali sal-aħħar elezzjoni ġenerali u li s'issa għadhom ma daħlux fil-post?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Sal-31 ta' Diċembru 2023, l-Awtorità tad-Djar kellha 1,553 applikant fuq il-lista ta' stennija. Din il-figura ma tinkludix dawk l-applikanti li qed jistennew sabiex jidħlu fil-proprjetà allokata lilhom.

## AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – FAMILJI FUQ IL-LISTA TA' STENNIJA

**14319. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm familji li kienu qed jistennew l-akkomodazzjoni soċjali sal-aħħar tas-sena 2023?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sal-31 ta' Diċembru 2023, l-Awtorità tad-Djar kellha 1,026 applikazzjoni minn familji fuq il-lista ta' stennija.

## AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – MINORENNI FUQ IL-LISTA TA' STENNIJA

**14320. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm minorenni mal-applikanti adulti li kienu qed jistennew l-akkomodazzjoni soċjali sal-aħħar tas-sena 2023?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sal-31 ta' Diċembru 2023, l-Awtorità tad-Djar kellha 1,206 minorenni mal-applikanti adulti fuq il-lista ta' stennija.

## AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – PROĠETTI FL-IMSIDA U FIS-SIĠĠIEWI

**14321. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid meta ser ikun lest il-proġett tal-akkomodazzjoni soċjali tal-Imsida, kif ukoll tas-Siġġiewi ta' bejn Triq l-Imdina u Triq Nikol Zammit?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Il-proġetti tal-akkomodazzjoni soċjali ġewwa l-Imsida u s-

Siġġiewi jagħmlu parti mill-ikbar investiment ta' bini ta' akkomodazzjoni soċjali li qatt ra l-pajjiż. Investiment ta' aktar minn €130 miljun li se jirriżulta f'madwar 1,700 appartament fi 13-il lokalità. Dan ifisser 1,700 saqaf diċenti u dinjituż għal familji bi bżonnijiet soċjali. Dan l-ikbar investiment fl-aħħar sena beda jħalli l-frott. Fl-2023 biss ftaħna erba' proġetti ta' akkomodazzjoni soċjali li jfissru li kważi 70 familja llum għandhom saqaf fuq rashom.

Din il-ħidma kompliet din is-sena hekk kif ġimgħa oħra tinfetaħ il-binja ta' akkomodazzjoni soċjali f'Ħal Kirkop u fil-ġimgħat li ġejjin isegwu proġetti oħrajn, inkluż tas-Siġġiewi u tal-Imsida. Dan tal-aħħar se jkun l-ikbar binja ta' akkomodazzjoni soċjali fil-pajjiż, b'112-il appartament b'investiment ta' kważi €10 miljun.

Dak li nwiegħdu, inwettquh.

## MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – DEPUTATI TAL-GVERN

**14869. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Fil-perjodu indikat minnu sal-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija ma kienx hemm persuni li kellhom xi kuntratt li qed jirreferi għalih hu li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.

## MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DEPUTATI TAL-GVERN

**14870. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Fil-perjodu msemmi mill-Onor. Interpellant ma ngħatawx kuntratti ta' konsulenzi skont kif indikat mill-istess Onor. Interpellant.

## MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – DEPUTATI TAL-GVERN

**14871. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, li ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. IAN BORG:** Fil-perjodu msemmi minnu ma kienx hemm Deputati tal-Gvern li kellhom xi wieħed mir-rwoli li qed isemmi l-

Interpellant fil-mistoqsija tiegħu.

## MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DEPUTATI TAL-GVERN

**14872. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** It-tagħrif qed jinġabar.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DEPUTATI TAL-GVERN

**14873. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, li ngħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. ANTON REFALO:** Ma kienx hemm Deputati tal-Oppożizzjoni, minn Marzu 2008 sa Jannar 2013, li kienu impjegati fiċ-Ċivil, jew fis-servizz pubbliku, li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi.

## MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – DEPUTATI TAL-GVERN

**14874. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid min kienu / huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Fil-perjodu msemmi sal-lum m'hemmx persuni li kellhom xi wieħed mir-rwoli li qed isemmi l-Interpellant fil-mistoqsija tiegħu.

## GWARDJANI LOKALI – RENDIKONT

**15041. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' gwardjani lokali, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2022?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ir-rendikont mitlub jinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| 2022 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Bidu tas-sena** | **Irtiraw** | **Waqfu volontarjament** | **Kemm żdiedu** | **Total ta' Uffiċjali tal-komunità** |
| 122 | 0 | 16 | 19 | 125 |

## GWARDJANI LOKALI – RENDIKONT

**15042. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' gwardjani lokali, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2021?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba mil-Onor. Interpellant qiegħda fit-tabella t'hawn taħt.

| 2021 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Bidu tas-sena** | **Irtiraw** | **Waqfu volontarjament** | **Kemm żdiedu** | **Total ta' Uffiċjali tal-komunità** |
| 112 | 3 | 14 | 27 | 122 |

## GWARDJANI LOKALI – RENDIKONT

**15043. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' gwardjani lokali, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2020?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ir-rendikont mitlub jinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| 2020 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Bidu tas-sena** | **Irtiraw** | **Waqfu volontarjament** | **Kemm żdiedu** | **Total ta' Uffiċjali tal-Komunità** |
| 86 | 0 | 0 | 26 | 112 |

## FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – MASSIMU TA' PRIĠUNIERI

**15044. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-massimu ta' priġunieri li tiflaħ il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-massimu ta' persuni li jifilħu l-istituzzjonijiet tal-Aġenzija fil-preżent huwa ta' 817.

## FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – PRIĠUNIERI LI TĦALLEW JAGĦMLU UŻU MILL-FAĊILITÀ FIL-MARSA

**15045. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il-priġunier tħalla jagħmel użu mill-faċilità fil-Marsa fejn jistgħu jiltaqgħu mat-tfal tagħhom? Jista' jgħid ukoll kemm kien it-total ta' tfal li tħallew jiltaqgħu mal-ġenituri tagħhom li jinsabu priġunieri fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fl-aħħar xhur sar proġett mill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza b'kollaborazzjoni bejn l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi u l-Fondazzjoni mid-Dlam għad-Dawl, fejn għall-ewwel darba beda jkun possibbli li priġunieri li qed jiskontaw sentenza fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin jiltaqgħu u jqattgħu ftit ħin ma' wliedhom u l-membri tal-familja tagħhom f'binja apposta fil-Marsa, 'il bogħod mill-ħitan tal-ħabs taħt il-ħarsien ta' professjonisti soċjali.

Din il-binja hija waħda adattata biex tilqa' tfal f'ambjent ferm aktar rilassat iżda fejn xorta waħda se jkun assigurat l-aqwa u l-ogħla livell ta' sigurtà. Dan sar sabiex ikun offrut ambjent aħjar fejn persuni li jkunu qed jiskontaw sentenza jkollhom ċans aqwa li tinbena relazzjoni ma' minuri f'ambjent li huwa differenti minn ħabs. Dan huwa parti mill-isforz kbir riabilitattiv li qed isir fl-aħħar snin u ser ikompli jsir. F'dan iż-żmien kien hemm 73 tifel u tifla li ltaqgħu mal-familjari tagħhom li qed jiskontaw sentenza, għal total ta' 42 priġunier/a differenti.

## FORZI ARMATI TA' MALTA – SALVATAĠĠ FUQ IL-BAĦAR

**15046. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il salvataġġ fuq il-baħar għamlu l-Forzi Armati ta' Malta fis-sena 2023, u jagħti d-dettalji ta' kull każ, inkluż kemm-il persuna kien hemm li kellhom bżonn l-għajnuna, x'nazzjonalità kienu, l-etajiet u x'kien l-eżitu?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Forzi Armati ta' Malta wettqet 122 każ ta' salvataġġ fuq il-baħar, b'total ta 494 persuna (461 adulti u 33

minuri) li ġew salvati u mgħoddija lill-awtoritajiet kompetenti. In-nazzjonalitajiet ivarjaw minn ċittadini Maltin, Ewropej u ċittadini minn pajjiżi terzi.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILDCARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15193. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – LISTA TA' STENNIJA GĦAS-SERVIZZ TA' CHILD CARE**

**15194. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu, li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant ninsab informat illi t-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILDCARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15195. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu, li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – ĦADDIEMA FUQ WAITING LIST GĦAL SERVIZZ TA' CHILDCARE QRIB IL-POST TAX-XOGĦOL TAGĦHOM**

**15196. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu, li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. IAN BORG:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – LISTA TA' STENNIJA GĦAS-SERVIZZ TA' CHILDCARE**

**15197. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu, li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex

jieħdu servizz ta' childcare qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant it-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – LISTA TA' STENNIJA GĦAS- SERVIZZ TA' CHILDCARE**

**15198. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu, li bħalissa qed jistennew (fuq waiting list) biex jieħdu servizz ta' child care qrib il-post tax-xogħol tagħhom?

**ONOR. ANTON REFALO:** L-għażla taċ-childcare hija tal-ġenituri u għaldaqstant It-tagħrif mitlub huwa tagħrif personali li ma jinżammx mis-Settur Pubbliku.

**KUNSILLI LOKALI – SEGRETARJI EŻEKUTTIVI**

**15384. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Segretarji Eżekuttivi ta' kunsilli lokali jew reġjonali li preżentement qed iservu bħala Deputat jew Aġent Segretarju Eżekuttiv f'kunsilli lokali jew reġjuni oħra? Jista' jgħid ukoll min huma dawn is-Segretarji Eżekuttivi u f'liema kunsilli jew reġjuni qed iservu bħala Segretarju Eżekuttiv u f'liema kunsill jew reġjun qed iservu bħala Deputat jew Aġent?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Lokalità | Isem | Kunjom | Kariga |
|---|---|---|---|
| Il-Fontana | Josianne | Cassar | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Il-Gżira | Mandy Carly | Farrugia | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Ħal Luqa | Karen Maria | Camilleri | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Il-Qrendi | Anthony | Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| San Ġiljan | Malcolm | Agius | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Santa Luċija | Fabian | Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Santa Venera | Michael | Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Tas-Sliema | Pierre | Portelli | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Ta' Xbiex | Kurt | Guillaumier | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Ħal Tarxien | Lianne | Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Ix-Xewkija | Chrismar | Xuereb | Deputat Segretarju Eżekuttiv |
| Reġjun tal-Punent / Western | Elke | Sghendo | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Reġjun tal-Port / Port | Lianne | Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**KUNSILLI LOKALI – SEGRETARJI EŻEKUTTIVI – IMPJIEG IEĦOR MAL-GVERN**

**15385. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Segretarji Eżekuttivi, Deputati Segretarji Eżekuttivi jew Aġenti Segretarji Eżekuttivi li għandhom impjieg ieħor jew xi dħul ieħor minn entitajiet jew dipartimenti oħra tal-Gvern?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Minn dawk il-kunsilli lokali li bagħtu t-tweġiba tagħhom sad-data tat-tweġiba ta' din il-mistoqsija Parlamentari, hemm seba' Segretarji Eżekuttivi, Deputati Segretarji Eżekuttivi jew Aġenti Segretarji Eżekuttivi li għandhom impjieg ieħor jew xi dħul ieħor minn entitajiet jew dipartimenti oħra tal-Gvern.

Dawn ma jinkludux dawk is-Segretarji Eżekuttivi li qed jaġixxu f'xi kunsill lokali jew reġjonali ieħor.

Il-kunsilli lokali li sad-data tat-tweġiba ta' din l-interpellanza parlamentari ma ssottomettewx tweġiba huma s-segwenti: Il-Marsa, Marsaxlokk, il-Mellieħa, l-Imqabba, in-Nadur, in-Naxxar, il-Qala, il-Qrendi, San Ġiljan, San Lawrenz, is-Swieqi, Ta' Xbiex, ix-Xagħra, ix-Xewkija, iż-Żurrieq, il-Kunsill Reġjonali Għawdex, il-Kunsill Reġjonali Lvant, il-Kunsill Reġjonali Port u l-Kunsill Reġjonali Nofsinhar

## WIED-IL-GĦAJN – OPEN AIR GYM – XOGĦLIJIET

**15478. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Open Air Gym li hemm fil-Bajja ta' San Tumas f'Wied-il-Għajn huwiex ser jiġi rranġat?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

## SPEED GUNS – TAĦRIĠ LILL-UFFIĊJALI

**15523. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'taħriġ ingħata, minn min u kemm dam dan it-taħriġ lill-uffiċjali addetti għall-użu tal-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-uffiċjali tal-Pulizija u l-Aġenzija LESA indikati fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15522 ingħataw it-taħriġ tagħhom biex jużaw l-ispeed guns mill-fornitur tal-apparat kif ukoll minn professjonisti fil-qasam relatat. It-taħriġ ġie mogħti kemm fiżikament, virtwalment u anke permezz ta' dokumentazzjoni.

## SPEED GUNS – LINJI GWIDA

**15524. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk jeżistux linji gwida kif jintużaw l-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Waqt illi l-użu ta' speed guns ilu jsir minn membri tal-Korp tal-Pulizija, u allura l-għarfien u l-ħiliet miksuba dwar l-użu tal-apparat ilu għal żmien konsiderevoli, teżisti informazzjoni importanti fuq l-użu tal-ispeed cameras li hi aċċessibbli fil-website tal-Korp. L-użu tal-apparat minn uffiċjali tal-LESA huwa iktar riċenti u huwa wkoll kopert b'linji gwida interni maħruġa apposta għal dan il-għan, permezz ta' proċeduri operattivi standard dwar is-suġġett.

## SPEED GUNS – KALIBRAZZJONI

**15525. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kif ġew ikkalibrati l-ispeed guns u minn min?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-ispeed gun iġorr it-type approval ta' kumpanija li żviluppat dan l-apparat, fejn jinħareġ ċertifikat ta' konformità. L-ispeed guns jiġu kkalibrati skont ir-rekwiżiti legali, u fil-preżent dan isir darba kull sentejn billi l-apparat jintbagħat barra minn Malta għand kumpanija ċertifikata internazzjonalment. Bħalissa, il-kalibrazzjoni qed issir minn kumpanija fejn tintuża proċedura iebsa ta' kalibrazzjoni f'laboratorju akkreditat tal-United Kingdom Accreditation Service (UKAS). Iċ-ċertifikazzjonijiet kollha huma approvati ukoll lokalment mill-MCCAA. Dan l-apparat huwa approvat ukoll mill-Ministru għat-Trasport abbażi tar-rekwiżit fl-artikolu 127 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.11 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

## SPEED GUNS – PROTOCOLS

**15526. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid xi protocols intużaw meta ġew użati l-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-għan huwa li jkunu evitati aktar inċidenti u diżgrazzji li jġib miegħu sewqan eċċessiv. Ukoll, il-protokolli li jintużaw huma dawk li l-Pulizija u l-Aġenzija jistabbilixxu li hu l-aħjar skont kif jitlob is-sit, fejn ikun ser isir l-użu tal-ispeed guns. Dan sintendi jsir abbażi tal-provedimenti tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja dwar l-użu ta' speed guns jew apparat simili kif tipprovdi l-istess liġi.

## SPEED GUNS – STUDJU DWAR L-UŻU

**15527. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx xi studju dwar fejn għandhom jintużaw l-ispeed guns u kif?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-għan tal-użu tal-ispeed guns huwa li jservu ta' deterrent kontra s-sewqan eċċessiv li jista' jwassal għal inċidenti, diżgrazzji u mwiet. Barra minn dak li

diġà ngħad fi tweġibiet oħrajn, dawn l-ispeed guns jintużaw l-aktar fejn l-abbuż fis-sewqan ikun ċar u regolari, u ħafna drabi dan jiġi diskuss kemm mal-Pulizija, inkluż il-Pulizija tal-Komunità, kunsilli lokali u partijiet interessati oħra.

### SPEED GUNS – STUDJU DWAR L-UŻU

**15528. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid min għamel l-istudju ta' fejn għandhom jintużaw l-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15527.

### SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX – CANTEEN

**15582. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta ngħalaq il-canteen tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex? Jista' jgħid kif qed jinqdew il-pazjenti u l-ħaddiema li jkollhom bżonn jixtru xi bżonnijiet issa li l-canteen huwa magħluq? Jista' jgħid ukoll meta hu maħsub li se jerġa' jinfetaħ dan il-canteen?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva):** Peress li l-canteen preċedenti ngħalaq sabiex jiffaċilita l-bini tal-Iskola Medika ta' Barts, il-pazjenti u l-ħaddiema bħalissa jagħmlu użu minn numru ta' vending machines li hemm imqassma mal-Isptar kollu kif ukoll minn servizz ta' food truck li jinsab fil-parking area tal-istess sptar. Il-ħaddiema jistgħu jagħmlu użu wkoll mill-canteen tal-istess Skola Medika ta' Barts.

### TA' ĊENĊ GĦAWDEX – XOGĦLIJIET MILL-WSC

**15583. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14056 rigward fiex jikkonsistu u ser ikunu jikkonsistu x-xogħlijiet li nbdew iktar minn xahrejn ilu mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) fit-triq li twassal għall-ġibjuni tal-WSC ġewwa Ta' Ċenċ, Għawdex, fejn ġie mwieġeb li "tlestiet l-ewwel fażi tal-proġett", tista' l-Ministru tgħid għala għadha ma ġietx asfaltata t-trinka li saret numru ta' ġimgħat ilu peress li fit-tweġiba ntqal li x-xogħol fuq l-ewwel fażi tlesta? Tista' tgħid ukoll meta ser tiġi asfaltata?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir):** Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għaddejja b'komunikazzjoni mal-kuntrattur sabiex jingħata l-asfalt fil-ġimgħat li ġejjin.

### FAST FERRY – SEJĦA

**15584. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid fiex tikkonsisti s-sejħa 'Request For Proposals For The Provision Of Temporary Services Of Scheduled Fast Ferry Between Malta And Gozo CFT CA UNIQUE ID: MTIP/139/2023' u għala nħasset li tinħareġ? Jista' jgħid kemm hu l-valur ta' din il-proposta u għal kemm-il xahar/sena ser tkun valida din is-sejħa għal proposti?

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. Din l-informazzjoni tinsab ukoll disponibbli għall-pubbliku Malti u internazzjonali fuq il-portal tal-akkwist pubbliku tal-Gvern.

### GĦAWDEX – TALBIET GĦAL KUMPENS RIGWARD ĦSARAT FUQ VETTURI MINĦABBA L-ISTAT ĦAŻIN TA' TOROQ

**15585. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru talbiet għall-kumpens rigward ħsarat li ġarrbu vetturi minħabba l-istat ħażin tat-toroq f'Għawdex matul is-sena 2022 u s-sena 2023, u jagħti l-informazzjoni minn liema lokalità sar kull ilment? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn it-talbiet kienu aċċettati u kemm ingħata kumpens f'kull każ?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-Ministeru għal Għawdex irċieva tmien talbiet għall-kumpens bejn is-snin 2022 u 2023. L-informazzjoni mitluba mill-Interpellant tqiegħdet

fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**RAĦAL ĠDID – TRIQ FR CHARLES PLATER – XOGĦLIJIET**

**15617. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul din is-sena huwiex previst li Triq Fr Charles Plater, f'Raħal Ġdid, issir mill-ġdid, billi ma tinsabx fi stat tajjeb bl-użu kostanti tagħha?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Infrastructure Malta għaddejja jew ser twettaq ħidma infrastrutturali f'toroq li l-kunsilli lokali ressqu 'l quddiem biex isiru xogħlijiet fihom. Minkejja li t-triq imsemmija ma ġietx nominata biex isiru xogħlijiet fiha, nibqgħu kommessi li nkomplu nsaħħu l-infrastruttura tal-pajjiż, bil-komunitajiet jibqgħu fiċ-ċentru ta' ħidmietna.

**ĦAL TARXIEN – SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15618. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk tingħatax il-kura u l-attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ, senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Ħal Tarxien? Jista' jgħid ukoll kemm hemm siġar taż-żebbuġ?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Is-siġar taż-żebbuġ jinżabru skont il-bżonn. Hemm madwar 40 siġra taż-żebbuġ fil-ġonna u f'żoni pubbliċi.

**ĦAL TARXIEN – SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15619. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru jgħid jekk tingħatax il-kura u l-attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ, senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Ħal Tarxien? Tista' tgħid ukoll kemm hemm siġar taż-żebbuġ?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fil-lokalità msemmija, l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir mhumiex responsabbli għall-immaniġġjar ta' siti fejn hemm imħawla siġar taż-żebbuġ.

**RAĦAL ĠDID – TRIQ FR CHARLES PLATER**

**15620. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul din is-sena huwiex previst li Triq Fr Charles Plater, f'Raħal Ġdid, issir mill-ġdid, billi ma tinsabx fi stat tajjeb bl-użu kostanti tagħha?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

**SANTA LUĊIJA – SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**15621. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk tingħatax il-kura u l-attenzjoni neċessarja lis-siġar taż-żebbuġ, senjatament iż-żbir tal-istess, li jinsabu f'żoni pubbliċi f'Santa Luċija? Jista' jgħid ukoll kemm hemm siġar taż-żebbuġ?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-kuntrattur tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija responsabbli mill-ġonna u s-soft areas jieħu ħsieb l-arbuxelli, siġar u pjanti li huma mxerrdin mal-lokalità, inkluż is-siġar taż-żebbuġ. Dan jinkludi anke ż-żbir tal-istess siġar skont il-bżonn.

Huwa prattikament impossibbli li tingħata figura tan-numru tas-siġar taż-żebbuġ li jinsabu fil-lokalità. Madanakollu, l-ammont mhuwiex wieħed żgħir.

**SAN PAWL IL-BAĦAR – APPLIKAZZJONIJIET MA' PROJECT GREEN**

**15657. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar issottomettiex applikazzjonijiet ma' Project Green? Jekk iva, tista' tgħid:

(a) kemm-il proġett ġie sottomess minn dan il-Kunsill Lokali;
(b) fiex kienet tikkonsisti kull proposta;
(ċ) kemm kienet l-istima għal kull proġett sottomess;
(d) kemm minn dawn il-proġetti ġew approvati minn Project Green biex ikunu attwati u kemm hu l-ammont li ġie approvat għall kull proġett;
(e) tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti, photo montages, 3D Visuals, eċċ. ta' kull proġett sottomess;
(f) jekk proġetti sottomessi li ma jkunux ġew ikkunsidrati minn Project Green jistgħux jiġu rikonsidrati fil-futur biex ikunu jistgħu jsiru; u
(g) jekk sarux laqgħat mal-Kunsill Lokali rispettiv biex jiġi diskuss kif dawn il-proposti jiġu ameljorati biex ikunu jistgħu jikkwalifikaw għall-finanzjament meħtieġ?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Project Green irċeviet żewġ applikazzjonijiet mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar għall-Community Greening Grant li kienu marbuta mal-Ġnien l-Erba' Mwieżeb u l-Ġnien Olimpiku. Għalkemm iż-żewġ proposti ma kinux jissodisfaw il-kriterji kollha ta' din l-iskema, l-Aġenzija ddiskutiet mal-Kunsill Lokali u ser tkun qed taħdem favur interventi fi Ġnien l-Erba' Mwieżeb biex dan ikun jista' jitgawda b'mod aħjar mir-residenti. Barra minn hekk, Project Green approvat proġett li se jsir f'din il-lokalità u li kien propost taħt l-istess iskema minn Bird Life Malta. Art ta' madwar 4,000 metru kwadru li hemm maġenb il-masġar tas-Simar fix-Xemxija, li bħalissa hija mitluqa u anke jsir abbuż b'rimi ta' skart illegali fiha, se tiġi riabilitata fi spazju li jkun aċċessibbli għall-pubbliku biex titgawda bħala picnic area sostenibbli.

## IN-NAXXAR – APPLIKAZZJONIJIET MA' PROJECT GREEN

**15658. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Kunsill Lokali tan-Naxxar issottomettiex applikazzjonijiet ma' Project Green? Jekk iva, tista' tgħid:
(a) kemm-il proġett ġie sottomess minn dan il-Kunsill Lokali;
(b) fiex kienet tikkonsisti kull proposta;
(ċ) kemm kienet l-istima għal kull proġett sottomess;
(d) kemm minn dawn il-proġetti ġew approvati minn Project Green biex ikunu attwati u kemm hu l-ammont li ġie approvat għall kull proġett;
(e) tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti, photo montages, 3D Visuals eċċ. ta' kull proġett sottomess;
(f) jekk proġetti sottomessi li ma jkunux ġew ikkunsidrati minn Project Green jistgħux jiġu rikonsidrati fil-futur biex ikunu jistgħu jsiru; u
(g) jekk sarux laqgħat mal-Kunsill Lokali rispettiv biex jiġi diskuss kif dawn il-proposti jiġu ameljorati biex ikunu jistgħu jikkwalifikaw għall-finanzjament meħtieġ?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Project Green irċeviet applikazzjoni waħda għall-Community Greening Grant mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Għalkemm din l-applikazzjoni ma kenitx fost is-16-il proġett li ġew approvati taħt din l-iskema, l-Aġenzija rat potenzjal fil-proġett propost u għalhekk saru laqgħat mal-Kunsill Lokali u l-imsieħba konċernati biex il-proposta kompliet tiġi żviluppata u ġiet sottomessa applikazzjoni għal finanzjament minn fondi Ewropej. L-applikazzjoni ġiet aċċettata mill-Awtorità tal-Ġestjoni u dan il-park f'Baħar iċ-Ċagħaq se jkun wieħed minn diversi proġetti li ser jiġu ffinanzjati minn fondi Ewropej. Il-proġett se jkun jinkludi picnic area, walking trails, playground u teatru miftuħ. Project Green ser tikkonserva s-siġar indiġeni li jinsabu fil-post filwaqt li ser jitħawlu aktar siġar u arbuxelli għall-benefiċċju tal-komunità u l-bijodiversità taż-żona.

## IL-MELLIEĦA – UPGRADE TAS-SISTEMA TAD-DISTRIBUZZJONI TAD-DAWL

**15659. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjan li juri liema xogħlijiet ta' upgrade tas-sistema tad-distribuzzjoni tad-dawl saru jew ser isiru fil-lokalità tal-Mellieħa? Tista' tgħid jekk kienx hemm jew hux ser ikun hemm għeluq ta' toroq minħabba dawn ix-xogħlijiet? Jekk iva, liema toroq ingħalqu jew ser ikunu magħluqa u minn meta sa meta?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fil-Mellieħa diġà sar ħafna xogħol, u anke din is-sena se jsiru aktar xogħlijiet biex inkomplu nsaħħu s-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku f'din il-lokalità u ż-

żona tal-madwar. Fl-aħħar sentejn, fil-Mellieħa ġew ikkummissjonati tliet substations ġodda, żewġ feeders ġodda u sar tisħiħ fi tliet meded ta' 11-il kV ta' cables oħra. Komplejna nsaħħu wkoll is-sistema li mis-substations twassal l-elettriku fi nħawi differenti tal-lokalità fejn fl-istess perjodu sar xogħol fuq 20 cable ġdid. Fis-sena 2024 se jsiru seba' cables ġodda. Ix-xogħol isir skont il-permessi maħruġa minn Transport Malta.

**SAN PAWL IL-BAĦAR – UPGRADE TAS-SISTEMA TAD-DISTRIBUZZJONI TAD-DAWL**

**15660. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjan li juri liema xogħlijiet ta' upgrade tas-sistema tad-distribuzzjoni tad-dawl saru jew ser isiru fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm jew hux ser ikun hemm għeluq ta' toroq minħabba dawn ix-xogħlijiet? Jekk iva, liema toroq ingħalqu jew ser ikunu magħluqa u minn meta sa meta?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** F'San Pawl il-Baħar diġà sar ħafna xogħol, u anke din is-sena se jsiru aktar xogħlijiet biex inkomplu nsaħħu s-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku f'din il-lokalità u ż-żona tal-madwar. Fl-aħħar sentejn, ġew ikkummissjonati tliet substations ġodda, kif ukoll sitt cables ġodda fis-sistema li mis-substations twassal l-elettriku fi nħawi differenti tal-lokalità.

Fis-sena 2024 ix-xogħlijiet ser jissoktaw b'ritmu mgħaġġel fejn ser jiżdiedu ħames substations ġodda u qed jiġi studjat numru ieħor ta' reinforcements miċ-ċentru tad-distribuzzjoni ta' Buġibba. Ix-xogħol isir skont il-permessi maħruġa minn Transport Malta.

**IN-NAXXAR – UPGRADE TAS-SISTEMA TAD-DISTRIBUZZJONI TAD-DAWL**

**15661. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjan li juri liema xogħlijiet ta' upgrade tas-sistema tad-distribuzzjoni tad-dawl saru jew ser isiru fil-lokalità tan-Naxxar? Tista' tgħid ukoll jekk kienx hemm jew hux ser ikun hemm għeluq ta' toroq minħabba dawn ix-xogħlijiet? Jekk iva, liema toroq ingħalqu jew ser ikunu magħluqa u minn meta sa meta?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** It-tisħiħ fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku fin-Naxxar għaddej b'ritmu tajjeb ħafna. Fl-aħħar sentejn sar ħafna xogħol fejn, fost oħrajn, ġiet ikkummissjonata substation ġdida u sar xogħol ta' rinforzar b'cable ġdid. Fis-sistema li mis-substations twassal l-elettriku fi nħawi differenti tal-lokalità saru erba' cables ġodda u bħalissa għaddejjin bil-proċess li jiżdiedu 20 cable ieħor.

F'Diċembru li għadda nħarġet sejħa għall-offerti biex jiġi kkummissjonat ċentru tad-distribuzzjoni ġdid li minnu qed jinħarġu disa' feeders ġodda biex inkomplu nsaħħu d-distribuzzjoni tal-elettriku mhux biss fin-Naxxar imma anke fil-lokalitajiet tal-madwar. Ix-xogħol isir skont il-permessi maħruġa minn Transport Malta.

**BLUE BADGE HOLDERS – EU DISABILITY CARD**

**15662. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien l-ammont ta' blue badge holders u persuni li għandhom l-EU disability card separatament fl-aħħar tas-sena 2023? Minn dawn, kemm kienu nisa u kemm kienu rġiel u x'inhi l-età ta' dawn il-persuni?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat):** F'Diċembru 2023 kien hemm 14,360 persuna li kellha l-Blue Badge u 27,306 persuna li kellha l-Karta Ewropea tad-Diżabilità.

Dawn kienu maqsumin kif jidher fit-tabella annessa.*

*Ara t-tabella fl-aħħar ta' dan id-dokument*

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DIRECT ORDERS**

**15737. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-

Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u l-ammont totali tal-valur tagħhom fil-perjodu bejn is-sena 2020 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DIRECT ORDERS

**15738. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u l-ammont totali tal-valur tagħhom, fil-perjodu bejn is-sena 2020 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ĦADDIEM BARRANIN

**15739. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema barranin li jaħdmu ma' dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Jista' jgħid ukoll x'inhu ir-rwol tagħhom u f'liema entità qed jaħdmu?

**ONOR. ANTON REFALO:** Hemm 20 ħaddiem ta' nazzjonalità mhux Maltija li jaħdmu ma' dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi.

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – ĦADDIEMA BARRANIN

**15740. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm ħaddiema barranin li jaħdmu ma' dipartimenti tal-Gvern li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha? Tista' tgħid ukoll x'inhu l-irwol tagħhom u f'liema entità qed jaħdmu?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Tabella li turi n-numru ta' ħaddiema li mhumiex ta' nazzjonalità Maltija li bħalissa qed jaħdmu fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, inklużi d-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti. Il-ħaddiema msemmija, li huma ġejjin minn pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea jew anke minn pajjiżi terzi, huma assenjati rwoli differenti f'livelli varji ta' responsabbiltà skont is-settur u l-entità fejn huma impjegati.

## HERITAGE MALTA – NEFQA FUQ OĠĠETTI MIXTRIJA

**15741. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien l-ammont totali tal-valur li ntefaq minn Heritage Malta fuq oġġetti li sejrin ikunu parti mill-wirt nazzjonali tagħna matul is-snin 2019, 2020, 2021, 2022, 2023 u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'kienu dawn l-oġġetti li nxtraw matul is-snin imsemmija u meta dawn inxtraw, u jaqsam din l-informazzjoni xahar b'xahar?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## ĦAŻ-ŻEBBUĠ, IR-RABAT U ĦAD-DINGLI – UŻU TAL-KANNABIS FIL-PUBBLIKU

**15742. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-persuni li nqabdu jpejpu l-kannabis fil-pubbliku ġewwa l-lokalitajiet ta' Ħaż-Żebbuġ,

ir-Rabat u Ħad-Dingli matul dawn l-aħħar erba' xhur?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Matul dawn l-aħħar erba' xhur ma kien hemm ebda persuna li nqabdet tpejjep il-kannabis fil-pubbliku fil-lokalitajiet ta' Ħaż-Żebbuġ, ir-Rabat u Ħad-Dingli.

**DIRETTORAT GĦAT-TWETTIQ TAL-PROĠETTI – EXCAVATION WORKS SECTION**

**15763. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu fi ħdan is-sezzjoni Excavation Works tad-Direttorat għat-Twettiq tal-Proġetti u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Fid-Direttorat għat-Twettiq tal-Proġetti m'hemmx sezzjoni bl-isem ta' Excavation Works.

**DIRETTORAT GĦAT-TWETTIQ TAL-PROĠETTI – CONSTRUCTION WORKS SECTION**

**15764. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu fi ħdan is-sezzjoni Construction Works tad-Direttorat għat-Twettiq tal-Proġetti u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Fid-Direttorat għat-Twettiq tal-Proġetti m'hemmx sezzjoni bl-isem ta' Construction Works.

**DIRETTORAT GĦAT-TWETTIQ TAL-PROĠETTI - PLASTERING AND PAINTING WORKS SECTION**

**15765. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu fi ħdan is-sezzjoni Plastering and Painting works tad-Direttorat għat-Twettiq tal-Proġetti u x'inhuma l-gradi li dawn il-ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Fid-Direttorat għat-Twettiq tal-Proġetti m'hemmx sezzjoni bl-isem ta' Plastering and Painting Works.

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – PERSONS OF TRUST**

**15766. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu persons of trust li huma impjegati fi ħdan il-Ministeru tiegħu u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti rispettivi ta' dawn il-persuni li huma hekk impjegati?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-persuni li jiffurmaw is-segretarjat privat tiegħi huma ingaġġati skont il-manwal li kopja tiegħu diġà kienet tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

**INFRASTRUCTURE MALTA – POLICY DWAR KUNFLITT TA' INTERESS**

**15767. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'wassal sabiex tiġi introdotta policy fi ħdan Infrastructure Malta fejn l-impjegati għandhom jiddikjaraw jekk għandhomx kunflitt ta' interess?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Infrastructure Malta daħħlet din il-policy biex issaħħaħ il-governanza interna tal-Aġenzija.

**INFRASTRUCTURE MALTA – DIKJARAZZJONIJIET TA' KUNFLITT TA' INTERESS**

**15768. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess illi saru minn meta ġiet imnedija l-policy relattiva f'Infrastructure Malta?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Kien hemm għaxar dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess li saru minn meta ġiet imnedija din il-policy. Minn dawn l-għaxra, sebgħa kklassifikaw il-kunflitt ta' interess bħala 'pperċepit' (perceived) u tlieta

ddikkjaraw il-kunflitt ta' interess bħala 'potenzjali' (potential).

## XATT TAL-KALKARA – PROĠETT

**15817. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15499, li oriġinarjament saret lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, u ċjoè: Minkejja d-diversi wegħdiet tal-Gvern li l-proġett tax-Xatt tal-Kalkara u t-toroq tal-madwar ser ikun lest sal-aħħar ta' Diċembru 2023 u minkejja li wasalna fl-aħħar ta' Jannar tas-sena 2024 u dan il-proġett għadu lura milli jkun lest, jista' l-Ministru jgħid:
a. x'fadal isir f'dan il-proġett sabiex ikun kompletament lest; u
b. meta dan il-proġett ser ikun kompletament lest?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi d-domanda tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

## KUMPANIJI U INDUSTRIJI BARRANIN LI JGWADU MINN TAXXA TA' 5%

**15818. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15563 u jgħid kemm hawn industriji u kumpaniji barranin li qegħdin igawdu mit-taxxa ta' 5% (wara li jiġu rifużi 30% mit-taxxa li jħallsu)? Kemm huwa l-ammont totali ta' taxxa li tħallset minnhom, sena b'sena fl-aħħar 15-il sena?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** Preżentement hawn 8,012 kumpaniji attivi rreġistrati għat-taxxa u li rreġistraw lill-azzjonisti għar-rifużjoni tat-taxxa taħt ir-refundable tax credit system.

It-taxxa li dawn l-kumpaniji ddikjaraw bejniethom bit-35% f'dawn l-aħħar 15 il-sena (sena bażi 2008 sas-sena bażi 2022) huwa indikat fl-ewwel kolonna fit-tabella t'hawn taħt.

Jekk wieħed inaqqas r-rifużjoni ta' 30% mit-taxxa mħallsa, l-ammont ta' taxxa jonqos għall-ammonti li hemm indikati fit-tieni kolonna:

| | Taxxa bil-35% | Taxxa wara rifużjoni ta' 30% |
|---|---|---|
| | € | € |
| **2008** | 276,753,298 | 39,536,185 |
| **2009** | 321,832,174 | 45,976,025 |
| **2010** | 368,178,380 | 52,596,911 |
| **2011** | 444,240,138 | 63,462,877 |
| **2012** | 746,361,599 | 106,623,086 |
| **2013** | 860,643,582 | 122,949,083 |
| **2014** | 1,014,717,813 | 144,959,688 |
| **2015** | 996,609,919 | 142,372,846 |
| **2016** | 1,199,599,431 | 171,371,347 |
| **2017** | 1,631,085,992 | 233,012,285 |
| **2018** | 1,233,428,951 | 176,204,136 |
| **2019** | 1,470,013,170 | 210,001,881 |
| **2020** | 1,507,427,214 | 215,346,745 |
| **2021** | 1,816,318,157 | 259,474,022 |
| **2022** | 1,516,259,086 | 216,608,441 |

Il-figuri attwali msemmijin mhux kollha kienu intaxxati bil-munita euro.

Fejn dawn kienu ntaxxati f'munita oħra, il-figuri ġew ikkonvertiti għall-ammont ekwivalenti f'euro bir-rata medja tal-kambju tas-snin rispettivi kif ġew maħruġin mill-Bank Ċentrali ta' Malta (sa fejn dawn kienu disponibbli).

Il-figuri huma bbażati fuq il-formoli tat-taxxa li dawn l-kumpaniji bagħtu għas-snin rispettivi.

## KUMPANIJI U INDUSTRIJI LI JĦALLSU 35% TA' TAXXA FUQ IL-PROFITT

**15819. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15564 u jgħid kemm hawn industriji/kumpaniji li jħallsu 35% taxxa fuq il-profitt? Kemm jimpjegaw nies dawn il-kumpaniji? X'inhu l-ammont ta' taxxa li tħallset minn dawn il-kumpaniji sena b'sena għal dawn l-aħħar 15-il sena?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Preżentement, b'kollox hawn 42,595 kumpaniji attivi li huma reġistrati għat-taxxa u li fuq il-profitti tagħhom jħallsu 35% ta' taxxa.

Bejniethom dawn iħaddmu mal-223,772 ħaddiem (skont l-aħħar informazzjoni disponibbli għall-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta).

It-taxxa li dawn l-kumpaniji ddikjaraw bejniethom f'dawn l-aħħar 15-il sena (sena bażi

2008 sas-sena bażi 2022) hija kif indikat fit-tabella f'hawn taħt:

| | € |
|---|---|
| **2008** | 122,418,801 |
| **2009** | 133,414,098 |
| **2010** | 149,438,882 |
| **2011** | 171,240,761 |
| **2012** | 189,090,963 |
| **2013** | 208,427,360 |
| **2014** | 221,344,775 |
| **2015** | 267,359,866 |
| **2016** | 226,330,494 |
| **2017** | 275,545,925 |
| **2018** | 283,418,410 |
| **2019** | 318,693,089 |
| **2020** | 304,412,321 |
| **2021** | 403,263,146 |
| **2022** | 470,989,002 |

Il-figuri attwali msemmijin mhux kollha kienu intaxxati bil-munita euro.

Fejn dawn kienu intaxxati f'munita oħra, il-figuri ġew ikkonvertiti għall-ammont ekwivalenti f'euro bir-rata medja tal-kambju tas-snin rispettivi kif ġew maħruġin mill-Bank Ċentrali ta' Malta (sa fejn dawn kienu disponibbli).

Il-figuri huma bbażati fuq il-formoli tat-taxxa li dawn l-kumpaniji bagħtu għas-snin rispettivi.

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DIRECT ORDERS**

**15830. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DIRECT ORDERS**

**15831. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. ANTON REFALO:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODOZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – DIRECT ORDERS**

**15832. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – DIRECT ORDERS**

**15833. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-

dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi):** L-Onor. Interpellant mitlub jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15426.

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – DIRECT ORDERS**

**15834. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha matul l-2023?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** L-Onor. Interpellant mitlub sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15427.

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – DIRECT ORDERS**

**15835. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** L-Onor. Interpellant mitlub biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15428.

**GĦALLIEMA TAL-ARTI, MUŻIKA U DRAMA**

**15908. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm għalliema li jgħallmu Mużika, Arti u Drama fl-iskejjel tal-Gvern kemm skejjel primarji kif ukoll skejjel sekondarji? Jista' jagħti lista ta' dawk li huma full-time, part-time, dawk li huma fully qualified u dawk fuq bażi supply?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** B'kollox hemm 211-il għalliem li jgħallmu s-suġġetti msemmija.

**TRENCHING AND EXCAVATION GUIDELINES**

**15928. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15652, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tat-Trenching Excavation Guidelines li qed jirreferi għalihom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Id-dokumenti li huma aċċessibbli wkoll pubblikament fuq il-website ta' Transport Malta tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**ITS – FTEHIM KOLLETTIV**

**15944. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra il-ftehim kollettiv (inkluż dak finanzjarju) li qed jiġi affettwat bħalissa bejn il-Ministeru għat-Turiżmu u l-ITS?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** M'hemm l-ebda ftehim kollettiv bejn il-Ministeru għat-Turiżmu u l-ITS.

**IX-XAGĦRA – ARCHAEOLOGICAL DRAWING**

**15946. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15567, fejn ingħatat tweġiba parzjali, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-archaeological drawing tal-permess bin-numru PA/00564/18, li huwa permess tal-iżvilupp fuq l-istess sit fejn hemm l-applikazzjoni tal-iżvilupp bin-numru PA/03174/23, li jinsab fl-indirizz 'Vacant Site at, N/S off Triq il-Knisja c/w N/S off, Triq George McAdam, Xagħra'?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 15901.

*** Tabella marbuta mar-risposta għall-mistoqsija parlamentari numru 15662**

| | **Numru Totali – Diċembru 2023** | **Irġiel** | **Nisa** | **Etajiet** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Blue Badge | 14,360 | 7,703 | 6,657 | | **Irġiel** | **Nisa** |
| | | | | 0-18 | 670 | 296 |
| | | | | 19 - 35 | 433 | 289 |
| | | | | 36 - 60 | 1,287 | 1,217 |
| | | | | 60+ | 5,313 | 4,855 |
| EU Disability Card | 27,306 | 13,907 | 3,399 | | **Irġiel** | **Nisa** |
| | | | | 0-18 | 1,340 | 597 |
| | | | | 19 - 35 | 1,313 | 868 |
| | | | | 36 - 60 | 2,735 | 2,361 |
| | | | | 60+ | 8,519 | 9,573 |